IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 457 final

PART 1/2

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI

## Rapport Annwali tal-Ġestjoni u tal-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE għall-2017

# Werrej


KELMTEJN QABEL ....................2

SOMMARJU EŻEKUTTIV ....................4

INTRODUZZJONI ....................11

TAQSIMA 1 PRESTAZZJONI U RIŻULTATI ....................13

Prestazzjoni tal-baġit tal-UE....................14

Il-baġit tal-UE għall-2017 ....................15

Rendikont fil-qosor tal-progress fuq kwistjonijiet orizzontali....................16

1.1. Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi (Intestatura Baġitarja 1A) ....................18

1.2. Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (Intestatura Baġitarja 1B) ....................29

1.3. Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali (Intestaura Baġitarja 2) ....................36

1.4. Sigurtà u Ċittadinanza (Intestatura Baġitarja 3)....................47

1.5. Ewropa Globali (Intestatura Baġitarja 4)....................62

1.6. Strumenti speċjali ....................74

TAQSIMA 2 IL-KONTROLL INTERN U L-ĠESTJONI FINANZJARJA ....................71

2.1. Valutazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern ....................74

2.2. Assigurazzjoni u riżervi tal-ġestjoni ....................89

2.3. Protezzjoni tal-baġit tal-UE: korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri....................94

2.4. Assigurazzjoni miksuba permezz tal-ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) ....................97

2.5. Sommarju tal-konklużjonijiet dwar il-ħidma mwettqa mill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar.........................99

2.6. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-kwittanza u tal-awditjar estern ....................101

2.7. Konklużjonijiet dwar il-kisbiet fil-kontroll intern u fil-ġestjoni finanzjarja....................102

2.8. Ġestjoni organizzattiva ....................103

TOCANNESSI .................... XXX

NOTI FINALI .................... XXX

# Kelmtejn qabel

Filwaqt li l-2016 kienet sena ta' dubju għall-proġett Ewropew, mhux l-anqas bid-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni, l-2017 kienet sena ta' tama u perspettiva mġedda. Is-60 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma pprovda l-isfond għal perjodu ta' riflessjoni profonda dwar il-futur tal-Ewropa, u ċans biex naffermaw l-impenn tagħna mill-ġdid lejn il-valuri tal-Unjoni u niddefinixxu l-prijoritajiet għall-Unjoni ta' 27.

L-Unjoni Ewropea setgħet tiffoka biex tagħmel l-irkupru ekonomiku wieħed sostenibbli. Ir-rati ta' tkabbir għall-UE u fiż-Żona tal-Euro qabżu l-aspettattivi tal-2017, biex bi 2,4 % huma l-aktar għoljin tul l-aħħar għaxar snin. Hija kellha tittratta wkoll sensiela ta' sfidi, mill-kompetittività, il-migrazzjoni, is-sigurtà għas-solidarjetà u tindirizza xi diżastri naturali.

Il-baġit tal-UE huwa assi uniku għall-Unjoni, li jgħin sabiex l-ambizzjonijiet jinbidlu f'riżultati tanġibbli fuq il-post. Huwa jikkumplimenta l-baġits nazzjonali billi jipprovdi valur miżjud Ewropew f'oqsma fejn rispons ikkoordinat huwa l-aktar mod effiċjenti u effettiv sabiex inwettqu l-prijoritajiet tagħna.

Fir-**Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni dwar il-Baġit tal-Unjoni** aħna niddeskrivu l-bosta modi li bihom il-baġit tal-UE kkontribwixxa għall-kisba tal-għanijiet komuni tagħna fl-2017.

L-2017 kienet ir-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali u l-programmi finanzjarji kollha issa huma kompletament operattivi. Fl-istess ħin, minħabba bosta sfidi mhux mistennija, ġiet għal darba oħra kkonfermata l-importanza ta' approċċ flessibbli għall-implimentazzjoni tal-baġit.

It-tisħiħ tal-investiment baqa' prijorità ewlenija. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, li huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, diġà wassal għal aktar minn EUR 287 biljun f'investiment ġdid u għen sabiex jinħolqu aktar minn 300 000 impjieg. F'Diċembru, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jżidu u jestendu l-fond sabiex jikkatalizzaw sa EUR 500 biljun f'investimenti sal-2020. Is-solidarjetà u l-appoġġ kienu wkoll importanti, pereżempju b'EUR 1,2 biljun mobilizzati taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, l-ogħla somma li qatt ġiet mobilizzata f'pagament wieħed, wara t-terremoti tal-2016 u tal-2017 fir-reġjuni Taljani ta' Abruzzo, Lazio, Marche u Umbria.

Il-baġit tal-UE kompla jsostni wkoll ir-rispons komprensiv Ewropew għall-kriżi tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Ewropa. Iffinanzjata mill-baġit tal-UE, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, bil-mandat estiż tagħha, saħħet b'mod sinifikanti l-preżenza tagħha fil-fruntieri esterni tal-UE bil-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fl-attivitajiet tagħhom ta' ġestjoni tal-fruntieri u timplimenta b'mod konġunt ġestjoni integrata tal-fruntieri fil-livell tal-UE.

Il-baġit tal-UE ppermetta wkoll lill-Unjoni li jkollha rwol b'saħħtu lil hinn mill-fruntieri tal-Ewropa f'perjodu ta' taqlib fil-viċinat tal-Ewropa u sfidi globali bħat-tibdil fil-klima.

Il-prestazzjoni ottimali tal-baġit tal-Unjoni kienet prijorità mill-ewwel jum tal-Kummissjoni ta' Juncker. Aħna nappoġġaw bis-sħiħ l-enfasi dejjem tiżdied tal-Parlament Ewropew, tal-Istati Membri u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, mhux biss fuq kif jiġu mmaniġġjati l-programmi, iżda wkoll fuq jekk dawn humiex qed jagħtu riżultati fl-oqsma li tassew huma importanti għaċ-ċittadini tal-Ewropa.

Ir-**Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni** jirrifletti l-fokus doppju tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-**prestazzjoni tal-baġit tal-UE iżda wkoll fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba.** Dan ir-Rapport huwa parti mill-Pakkett ta' Rapportar Finanzjarju Integrat tal-Kummissjoni u parti essenzjali tas-sistema żviluppata ħafna tagħna ta' responsabbiltà finanzjarja. **Permezz ta' dan ir-rapport, aħna nieħdu r-responsabbiltà politika ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE**. Din hija responsabbiltà li aħna nieħdu b'serjetà kbira.

B'ħarsa 'l quddiem, il-Kummissjoni dan l-aħħar ippreżentat il-proposti tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ġejjieni. Billi jibnu fuq Rieżami komprensiv tal-Infiq tal-programmi finanzjarji preżenti, dawn il-proposti juru kif il-baġit ġejjieni tal-UE se jikkontribwixxi għall-aġenda ambizzjuża maqbula mill-Mexxejja fi Bratislava u fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma. Hija proposta għal baġit aktar modern, simplifikat u flessibbli, li jimmira dawk l-oqsma fejn il-ġbir flimkien tar-riżorsi joħloq valur miżjud reali għaċ-ċittadini Ewropej kollha. Il-prestazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja tajba huma fiċ-ċentru ta' dawn il-proposti.

Il-Kummissjoni se tkompli twettaq ir-rwol tagħha b'mod sħiħ, flimkien mal-Istati Membri, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-baġit tal-UE permezz ta' investiment fit-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-indirizzar tal-isfidi komuni.

**Günther H. Oettinger**
**Kummissarju għall-Baġit u r-Riżorsi Umani**

# Sommarju eżekuttiv

Dan ir-**Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni** għall-Baġit tal-UE jippreżenta l-aħħar informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba bil-baġit tal-UE (it-Taqsima 1) u dwar kif jiġi ġestit u protett il-baġit tal-UE (it-Taqsima 2).

Dan ir-rapport huwa parti mill-Pakkett ta' Rapportar Finanzjarju Integrat annwali, li jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar id-dħul, in-nefqa, il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-baġit tal-UE, skont l-aħjar prattiki għat-trasparenza u l-akkontabilità. Dan il-pakkett huwa wkoll il-kontribut prinċipali tal-Kummissjoni għall-proċess annwali ta' kwittanza baġitarja.

It-Taqsima 1 tar-Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni jkopri r-riżultati miksuba bil-baġit tal-UE fl-intestaturi baġitarji u fl-oqsma ta' politika kollha. Hija tispjega kif il-programmi finanzjarji tal-UE kkontribwew għall-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u tippreżenta fil-qosor l-aħħar riżultati ta' evalwazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-programmi tal-UE fil-perjodu 2014-2020.

L-2017 kienet ir-raba' sena tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali u t-tielet waħda tal-mandat tal-Kummissjoni attwali. Il-Kummissjoni pproponiet baġit li jirrifletti u jappoġġja l-prijoritajiet politiċi stabbiliti mill-President Juncker, li b'mod partikolari jikkontribwixxi kemm jista' jkun possibbli lejn l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, u jipprovdi tweġiba Ewropea kkoordinata għall-isfidi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Minbarra dawn iż-żewġ prijoritajiet ċari, permezz tal-baġit tal-UE u strumenti oħra, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel progress lejn Suq Uniku Diġitali konness, unjoni tal-enerġija reżiljenti, li tinkludi l-azzjoni klimatika, Unjoni soċjali u UE aktar b'saħħitha bħala attur globali u fil-qasam tad-difiża.

## L-impjiegi, it-tkabbir u l-investimenti

L-ekonomija Ewropea kompliet tirkupra fl-2017. Qegħdin jinħolqu l-impjiegi, il-finanzi pubbliċi huma ferm aktar b'saħħithom, u r-riformi strutturali qegħdin ipoġġu s-sisien għal tkabbir sostenibbli fuq perjodu ta' żmien fit-tul. Għad hemm riskji negattivi, pereżempju fir-rigward tal-ekonomija dinjija u l-volatilità tas-swieq finanzjarji globali. Il-prijorità għall-baġit tal-UE fl-2017 kienet li tibni fuq l-irkupru stabbli, iffukat b'mod partikolari fuq it-tnaqqis tad-diskrepanza Ewropea fl-investiment.

Il-**Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi**, li huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, kien fil-qalba ta' dawn l-isforzi. Sa nofs l-2018, il-Fond diġà mmobilizza 'l fuq minn EUR 287 biljun f'investimenti ġodda fl-oqsma tat-trasport, diġitali, l-enerġija, il-kura tas-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE. Dan diġà għen sabiex jinħolqu aktar minn 300 000 impjieg. Bis-saħħa ta' dawn l-investimenti, ġie pprovdut aċċess għall-internet b'veloċità għolja lil 11-il miljun unità domestika, enerġija rinnovabbli lil aktar minn erba' miljun unità domestika u kura tas-saħħa aħjar lil miljun ċittadin[1].

> *Huwa stmat li l-proġetti ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi se jiġġeneraw żieda fil-Prodott Domestiku Gross fl-Unjoni ta' 0,7 % u joħolqu 700 000 impjieg ġdid sal-2020[2].*

Hemm ukoll sinerġiji b'saħħithom bejn il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u strumenti finanzjarji oħra appoġġati mill-baġit tal-UE, pereżempju l-faċilità ta' garanzija ta' self tal-**Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji (COSME).** Sal-aħħar tal-2017, COSME pprovda finanzjament lil aktar minn 275 000 kumpanija żgħar u medji (li 50 % minnhom kienu negozji ġodda) f'25 pajjiż li kieku kienu jitħabtu sabiex jassiguraw finanzjament privat minħabba l-profil ta' riskju għoli tagħhom.

Il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** kkontribwixxa wkoll għas-suċċess tal-intrapriżi żgħar u medji, billi pprovda finanzjament lil aktar minn 457 000 intrapriża żgħar u medji.

> *Madwar 156 000 impjieg huma mistennija li jinħolqu direttament f'intrapriżi żgħar u medji appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (proġetti magħżula sal-aħħar tal-2016).*

Il-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa** qiegħda tappoġġa investimenti mmirati fi proġetti ta' infrastruttura fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u s-servizzi diġitali. Proġetti transfruntiera li se jwasslu għal titjib sinifikanti fl-infrastruttura tat-trasport Ewropea u għal tisħiħ tas-Suq Uniku tal-Ewropa huma allokati 86 % tal-investiment fit-trasport.

*Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kkontribwiet għal:*

*- it-titjib ta' sezzjoni importanti tal-linja ferrovjarja fil-Grigal tal-Polonja (Białystok-Ełk) bħala parti mill-proġett globali Rail Baltica;*

*- linja ġdida tal-elettriku bejn Alytus (il-Litwanja) u l-fruntiera Litwana mal-Polonja li temmet l-iżolament enerġetiku tal-Istati Baltiċi;*

*- 16-il Stat Membru jużaw il-Pjattaforma ta' Servizzi Ewlenija tas-Saħħa elettronika u b'hekk iffaċilitat is-sigurtà u l-kontinwità tal-kura tal-pazjenti bejn il-fruntieri.*

Il-**programm ewlieni tal-Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Orizzont 2020,** huwa fundamentali għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u ekonomija bbażata fuq l-għarfien. Pereżempju, il-Graphene Flagship huwa eżempju ċar tal-valur miżjud b'saħħtu tal-UE tal-Orizzont 2020. Minħabba l-kombinazzjoni unika tiegħu ta' proprjetajiet superjuri, il-grafen huwa punt tat-tluq kredibbli għal teknoloġiji rivoluzzjonarji ġodda f'firxa wiesgħa ta' oqsma. Aktar minn 150 imsieħeb f'aktar minn 20 pajjiż Ewropew, kemm mill-industrija kif ukoll mis-settur akkademiku, qegħdin jiżviluppaw b'mod konġunt applikazzjonijiet f'oqsma bħat-teknoloġiji mobbli 5G, il-batteriji, l-ajruspazju, applikazzjonijiet mediċi, u awtomobilistiċi.

*Bis-saħħa tal-programm tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE ġie żviluppat l-ewwel mikroproċessur sabiex tiġi eżaminata l-attività tal-moħħ b'riżoluzzjoni għolja, li tirrappreżenta spinta maġġuri għall-ġlieda kontra mard bħall-epilessija.*

Permezz tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, il-programm iffinanzja 36 000 riċerkatur fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom, irrispettivament mill-età jew in-nazzjonalità tagħhom, u b'hekk ikkontribwixxa sabiex jinżammu, jiġu żviluppati u attirati t-talenti tar-riċerka fl-Ewropa.

In-negozji agrikoli wkoll irċevew appoġġ qawwi mill-baġit tal-UE fl-2017 permezz tal-Politika Agrikola Komuni. Il-benefiċċju ta' dan l-investiment huwa s-salvagwardjar ta' wieħed mill-akbar assi tal-UE, l-industriji rurali tagħha, li minkejja t-tnaqqis fid-daqs tal-industrija, żammew tkabbir pożittiv ta' kważi 9 % mill-2005 filwaqt li naqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'24 % mill-1990 u naqqsu l-użu tal-fertilizzanti b'impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-ilma.

*Sal-aħħar tal-2016, il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali kkontribwew għar-ristrutturar u l-modernizzazzjoni ta' kważi 45 000 impriża agrikola.*

L-enfasi fuq l-ambjent, il-klima u l-kuntest rurali aktar wiesa' li fih topera l-biedja, żdiedet b'mod konsiderevoli fi ħdan din il-Politika.

## Ir-risposta Ewropea għall-isfida tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu

Għall-2017, l-indirizzar tal-kriżi tar-refuġjati u tal-isfida tal-migrazzjoni kien fuq nett tal-aġenda tal-Kummissjoni. Il-baġit tal-UE rrisponda għal dan b'appoġġ finanzjarju għal ġestjoni effettiva tal-fruntiera u l-integrazzjoni tar-refuġjati. Il-flessibbiltà tal-baġit tal-UE sabiex jimmobilizza l-fondi ntużat b'mod sħiħ, u b'hekk ingħata appoġġ imprezzabbli lill-Istati Membri f'oqsma fejn huwa vitali approċċ Ewropew ikkoordinat.

## Fl-UE…

Il-ġestjoni tal-flussi migratorji fi ħdan l-UE hija appoġġata mill-**Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni** u l-**Fond għas-Sigurtà Interna**. Bejn l-2013 u l-2017, l-għadd ta' persuni mogħtija assistenza (fis-sistemi ta' akkoljenza u asil) żdied minn 18 944 għal 184 122.

Sa Diċembru 2017, ġew risistemati 26 849 persuna li kellhom bżonn protezzjoni internazzjonali u ġew rilokati 33 151 persuna. Ġie allokat appoġġ speċifiku

mill-baġit tal-UE bħala appoġġ għaż-żewġ skemi ta' rilokazzjoni għall-Italja u l-Greċja (EUR 651 miljun) u l-iskema ta' risistemazzjoni (EUR 872 miljun).

Ukoll fl-2017, il-baġit tal-UE ġie mobilizzat għall-implimentazzjoni tal-approċċ tal-"hotspots", fejn l-aġenziji tal-UE jaħdmu fuq il-post sabiex jidentifikaw, jirreġistraw u jieħdu l-marki tas-swaba' malajr tal-migranti li jidħlu. Din il-ħidma ssoktat fil-Greċja u fl-Italja b'kapaċità totali ta' madwar 5 600 post fil-Greċja[3] u 1 850 fl-Italja.

Fl-aħħar tal-2017, aktar minn 45 000 refuġjat u migrant kienu għadhom imblukkati fil-Greċja. Minn nofs l-2016, kważi 40 000 ruħ ibbenefikaw fil-Greċja mill-Appoġġ ta' Emerġenza għall-programm ta' Integrazzjoni u Akkomodazzjoni u l-iskema ta' assistenza bi flus taħt l-**Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza.**

*Matul l-ewwel semestru tal-2017, madwar 1 000 post għal minorenni mhux akkumpanjati f'postijiet ta' kenn iddedikati kienu koperti mill-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza.*

Minn Awwissu, l-awtoritajiet Griegi ħadu f'idejhom il-finanzjament ta' dawn il-postijiet ta' kenn permezz tal-programm nazzjonali tagħhom taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

Il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri hija wkoll importanti bi tweġiba għall-isfidi migratorji attwali. **Il-Frontex, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta,** saret attur essenzjali fl-infurzar tal-migrazzjoni fuq livell Ewropew, billi ħadet f'idejha responsabbiltajiet u għodod ġodda relatati mar-ritorn ta' persuni li jkunu eżawrew it-toroq legali kollha sabiex jilleġittimizzaw is-soġġorn tagħhom fi ħdan l-UE. Il-pass tal-operazzjonijiet ta' ritorn organizzati mill-Aġenzija kompla jikber, fejn laħaq għadd totali ta' 14 271 ruħ ritornati fl-2017.

*L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kkontribwiet sabiex jiġu salvati 111 000 migrant li waslu l-Italja bir-Rotta tal-Mediterran Ċentrali.*

Il-kontroll tal-fruntieri esterni kien appoġġat ukoll bl-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, b'mod partikolari s-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża** u s-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**. Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża kien fiha informazzjoni dwar 55 miljun applikazzjoni għall-viża għal soġġorn qasir fil-bidu tal-2018.

F'dan il-kuntest, il-**Fond għas-Sigurtà Internazzjonali** kkontribwixxa għat-taħriġ ta' 8 134 uffiċjal tal-infurzar tal-liġi dwar suġġetti transfruntiera (terroriżmu, kriminalità organizzata, korruzzjoni).

Barra minn hekk, il-proġetti ta' infrastruttura u ta' spazju fuq skala kbira ffinanzjati mill-baġit tal-UE kellhom rwol fit-tweġiba għall-kriżi tar-refuġjati. Is-servizz ta' Tfittxija u Salvataġġ ta' **Galileo** naqqas drastikament iż-żmien sabiex jinstabu sinjali ta' diffikultà f'emerġenza minn massimu ta' tliet sigħat għal għaxar minuti biss, li tejjeb bil-kbir il-lokalizzazzjoni preċiża.

## …u fi sħubija mal-ġirien tagħna

Fl-indirizzar tal-isfidi migratorji, kien importanti ħafna t-trawwim ta' sħubija kkoordinata u kollaborattiva mar-reġjuni ġirien u pajjiżi terzi oħra sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin. Għal dik ir-raġuni, proporzjon dejjem jiżdied tal-għajnuna mhux umanitarja tal-UE għall-pajjiżi ġirien tas-Sirja ġie pprovdut permezz tal-**Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana, il-"Fond Madad":** fl-2017 il-finanzjament qabeż il-mira ta' EUR 1 biljun.

*Bis-saħħa tal-Fond Madad, inkiseb aċċess imtejjeb għal edukazzjoni ta' kwalità, protezzjoni u appoġġ psikosoċjali minn aktar minn 450 000 refuġjat u tfal u żgħażagħ tal-komunità ospitanti[4].*

Il-Libja baqgħet il-pajjiż prinċipali tat-tluq lejn l-Italja. Bi tweġiba, ir-ritmu ta' implimentazzjoni tat-tieqa tat-Tramuntana tal-Afrika tal-**Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika** żdied b'mod konsiderevoli bi tmien programmi ġodda approvati għal ammont totali ta' EUR 232,5 miljun, kif ukoll trasversali għal EUR 8,6 miljun.

Sal-aħħar tal-2017, kważi t-EUR 3 biljuni kollha allokati għall-**Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija** kienu ġew impenjati għal proġetti li jassiguraw li l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti fit-Turkija jiġu indirizzati b'mod komprensiv u kkoordinat.

*Kważi żewġ miljun ruħ irċevew aċċess għas-servizzi ta' kura tas-saħħa primarja u madwar miljun għas-servizzi ta' saħħa mentali riabilitattivi bis-saħħa tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija[5].*

## Il-baġit tal-UE kompla jipprovdi appoġġ b'saħħtu fl-2017 lil bosta prijoritajiet politiċi oħra tal-Unjoni

Minbarra dawn il-prijoritajiet, permezz tal-programmi ta' nfiq tal-UE, il-Kummissjoni għamlet progress ukoll f'oqsma oħra, pereżempju dwar l-Unjoni soċjali, l-azzjoni esterna, unjoni tal-enerġija reżiljenti, li tinkludi l-azzjoni klimatika, suq uniku diġitali konness u dwar id-difiża.

### L-investiment soċjali u ż-żgħażagħ

L-Impjiegi, l-Inklużjoni Soċjali u l-Edukazzjoni kienu wkoll prijorità importanti għall-baġit tal-2017. L-**Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ** tiffoka fuq it-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni. Dan il-programm ipprovda appoġġ lil żgħażagħ li jgħixu f'reġjuni fejn il-qgħad fost iż-żgħażagħ kien ogħla minn 25 % fl-2012. L-allokazzjoni baġitarja tiegħu żdiedet fl-2017 għar-reġjuni li kellhom qgħad fost iż-żgħażagħ li fl-2016 kien ogħla minn 25 %.

*Mill-2014, madwar 790 000 persuna reġgħu lura fid-dinja tax-xogħol, 820 000 kienu kisbu kwalifika, 276 000 kienu qegħdin jieħdu edukazzjoni jew jagħmlu taħriġ wara azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew, inkluża l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ.*

*B'riżultat tal-azzjonijiet kollha tal-**Fond Soċjali Ewropew**, kważi tmien miljun persuna ġew megħjuna fit-tfittxija tagħhom għal impjieg, taħriġ jew edukazzjoni bejn l-2014 u l-2016.*

**L-Erasmus+** iċċelebra t-30 anniversarju tiegħu fl-2017. Mill-2014, 'il fuq minn 1,8 miljun student ħadu sehem f'attivitajiet ta' mobilità, u aktar minn 240 000 organizzazzjoni huma involuti fi proġetti ta' kooperazzjoni. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tindika li:

*Id-disponibbiltà għat-trasferiment permanenti f'pajjiż ieħor hija aktar għolja fost il-parteċipanti ta' Erasmus + (31 % aktar disponibbiltà meta mqabbla man-nonparteċipanti); Huma jidentifikaw ruħhom ukoll aktar bħala ċittadini tal-UE (19 % aktar).*

Il-volontarjat appoġġat mill-Erasmus+ flimkien ma' tmien programmi u strumenti oħra tal-UE kkontribwew għall-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għaż-żgħażagħ taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fi żmien sena mit-tnedija tiegħu, irreġistraw aktar minn 42 000 żagħżugħ u żagħżugħa mill-Istati Membri kollha. Sal-aħħar tal-2017, sena mill-ftuħ tal-għodda ta' reġistrazzjoni online, ġew offruti aktar minn 2 500 kollokament liż-żgħażagħ[6].

### L-azzjoni esterna

Il-baġit tal-2017 ikkontribwixxa wkoll għal **UE aktar b'saħħitha bħala attur globali.** L-UE pprovdiet aktar minn EUR 2,2 biljun f'**Għajnuna Umanitarja** fi 80 pajjiż differenti[7]. Flimkien mal-Istati Membri tagħha, l-Unjoni baqgħet l-akbar donatur ta' għajnuna umanitarja fid-dinja.

Il-finanzjament umanitarju tal-UE appoġġa l-edukazzjoni ta' aktar minn 4,7 miljun tifel u tifla maqbuda f'emerġenzi f'aktar minn 50 pajjiż[8].

Fl-2017, intlaħaq ftehim dwar il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli**. Dan il-Fond huwa parti mill-Pjan ta' Investiment Estern għall-Ewropa, li għandu l-kompitu li jespandi l-involviment tas-settur privat fl-iżvilupp soċjoekonomiku fil-pajjiżi sħab. Ir-rispons għas-sejħa għall-proposti għall-ewwel żewġ allokazzjonijiet ta' investiment kien pożittiv ħafna, kienu riċevuti 30 proposta mingħand 12-il istituzzjoni msieħba għal valur totali ta' aktar minn EUR 2,5 biljun.

## L-azzjoni klimatika u l-ambjent

Il-baġit tal-UE baqa' għodda importanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Sabiex jinkiseb dan ir-riżultat, l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' adattament qegħdin jiġu integrati fil-programmi ta' nfiq ewlenin kollha tal-UE, b'mod partikolari l-iżvilupp reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, l-enerġija, it-trasport, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-Politika Agrikola Komuni, kif ukoll il-politika ta' żvilupp tal-UE.

*Fl-2017, il-kontribuzzjoni totali tal-baġit għall-integrazzjoni tal-klima (jiġifieri n-nefqa baġitarja fuq proġetti ambjentali) kienet stmata għal 20,3 %.*

Kien hemm ukoll żviluppi pożittivi fil-qasam tal-**effiċjenza enerġetika fl-Unjoni**. L-UE stabbiliet għaliha nnifisha mira ta' 20 % iffrankar enerġetiku sal-2020 (meta mqabbel mal-użu proġettat tal-enerġija fl-2020) – dan bejn wieħed u ieħor huwa ekwivalenti għat-tifi ta' 400 impjant tal-enerġija.

*Huma mistennija aktar minn 2 000 Megawatt ta' kapaċità addizzjonali ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli u tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' aktar minn tliet miljun tunnellata ekwivalenti ta' $CO_2$ b'riżultat tal-proġetti magħżula sal-2016 taħt il-**Fond ta' Koeżjoni**.*

Barra minn hekk, tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' tliet miljun tunnellata ekwivalenti ta' $CO_2$ huwa r-riżultat stmat ta' proġetti ffinanzjati taħt il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali**.

## Is-Suq Uniku Diġitali

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kkontribwixxa wkoll għat-tlestija tas-**Suq Uniku Diġitali**, flimkien mal-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.** Minbarra dan, sal-aħħar tal-2017, intgħażlu madwar 5 500 proġett taħt il-Fond ta' Koeżjoni sabiex jappoġġaw il-kisba ta' Suq Uniku Diġitali konness.

*Miljun unità domestika addizzjonali kellhom aċċess għall-broadband sal-aħħar tal-2016 b'riżultat tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.*

## Id-difiża

It-tnedija tal-Fond Ewropew għad-Difiża fl-2017 immarkat il-bidu ta' kapitolu ġdid fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża. Dan il-Fond se jaġixxi sabiex jappoġġa lill-Istati Membri f'infiq aktar effiċjenti f'kapaċitajiet ta' difiża konġunti, sabiex isaħħu s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u sabiex jippromwovu bażi industrijali kompetittiva u innovattiva.

## Il-kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja

Minbarra r-riżultati miksuba permezz tal-infiq tal-UE, il-mod kif jiġi ġestit il-baġit tal-UE għandu impatt kbir fuq il-prestazzjoni ġenerali tiegħu. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tistinka sabiex tilħaq l-ogħla standards fil-ġestjoni finanzjarja f'termini ta' effiċjenza, effettività u kosteffettività. Dan huwa l-fokus tat-Taqsima 2 tar-Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni.

### Qafas ta' kontroll intern aktar b'saħħtu

Fl-2017 il-Kummissjoni saħħet ulterjorment il-qafas ta' kontroll intern tagħha abbażi ta' standards internazzjonali u l-aqwa prattiki. L-għan huwa li timxi minn sistema bbażata fuq il-konformità għal sistema bbażata fuq il-prestazzjoni. Dan se jassigura kontroll intern b'saħħtu filwaqt li jagħti lid-dipartimenti tal-Kummissjoni l-flessibbiltà neċessarja sabiex jaddattaw għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom. Għalkemm l-2017 kienet sena ta' tranżizzjoni, diġà terz tad-dipartimenti rrappurtaw dwar l-effett li l-prinċipji l-ġodda kien qed ikollhom fuq l-effettività tal-kontrolli tagħhom. **B'mod ġenerali, id-dipartimenti kollha kkonkludew li l-istandards u l-prinċipji tal-kontroll intern kienu qed jaħdmu tajjeb u kienu implimentati b'mod effettiv**. Il-qafas ta' kontroll intern il-ġdid jippermetti wkoll valutazzjoni aktar sottili; xi dipartimenti indikaw il-ħtieġa li tittejjeb l-effettività fl-implimentazzjoni ta' prinċipji jew ta' standards speċifiċi.

**Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji għall-baġit tal-UE tjiebu b'mod konsiderevoli maż-żmien. Din il-kisba ġiet rikonoxxuta wkoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.** Għall-ewwel darba, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fl-aħħar dikjarazzjoni ta' aċċertament tagħha[9], tat opinjoni kwalifikata minflok waħda avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti mill-baġit tal-UE. Il-livell ta' żball naqas fl-oqsma kollha ta' politika, biex kompla x-xejra 'l isfel fil-livell ġenerali ta' żball stmat. Il-livell ta' żball kien taħt it-2 % għal madwar nofs in-nefqa tal-UE, u ma nstab l-ebda żball materjali fid-dħul.

Il-Kummissjoni madankollu tkompli ttejjeb is-sistemi ta' kontroll tagħha.

### Ġestjoni u protezzjoni effettivi tal-baġit tal-UE

Il-Kummissjoni tagħti l-ogħla prijorità sabiex tiżgura li l-baġit tal-UE jiġi ġestit tajjeb u li jkun hemm fis-seħħ il-miżuri neċessarji kollha sabiex **jipproteġu l-flus tal-kontribwenti**.

Għalkemm il-ġestjoni tal-baġit hija r-responsabbiltà aħħarija tal-Kummissjoni, 68 % tan-nefqa tiġi eżegwita mill-awtoritajiet tal-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża, u 8 % permezz ta' entitajiet fdati taħt ġestjoni indiretta.

Il-Kummissjoni għandha żewġ mekkaniżmi ewlenin biex tipproteġi l-baġit tal-UE, jiġifieri l-infiq tal-UE, minn nefqa mhux dovuta jew irregolari:

- mekkaniżmi preventivi (eż. kontrolli *ex ante*, interruzzjonijiet u sospensjoni tal-pagamenti); u
- mekkaniżmi korrettivi (eż. kontrolli *ex post*; dawn huma prinċipalment korrezzjonijiet finanzjarji imposti fuq l-Istati Membri, iżda jistgħu jkunu wkoll irkupri ta' fondi mingħand ir-riċevituri ta' pagamenti tal-UE).

Filwaqt li jistgħu jiġu identifikati żbalji fi kwalunkwe sena partikolari, dawn jiġu debitament ikkoreġuti wkoll fis-snin sussegwenti. Analiżi pluriennali ta' dawk l-iżbalji u l-korrezzjonijiet hija b'hekk neċessarja u xierqa. **Fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-programmi ta' nfiq, il-biċċa l-kbira tas-sistemi ta' kontroll u ċ-ċikli ta' ġestjoni tal-Kummissjoni huma wkoll pluriennali skont id-disinn.**

**L-ammont globali tal-2017 f'riskju mal-pagament huwa stmat għal anqas minn 1,7 % tan-nefqa rilevanti totali.**

Fl-2017, f'termini ta' korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji, is-sistemi ta' kontroll pluriennali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni ppermettewlhom li **jindividwaw u jikkoreġu** EUR 897 miljun qabel ma ġew rilaxxati l-fondi u EUR 1 949 miljun wara li ġew rilaxxati l-fondi.

**L-ammont globali li jħares 'il quddiem li huwa f'riskju fl-għeluq, jiġifieri ladarba jkunu saru l-korrezzjonijiet kollha, huwa stmat li huwa anqas minn 0,6 % tan-nefqa rilevanti totali.**

*Dan ir-riżultat jimplika li l-mekkaniżmi ta' kontroll pluriennali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni b'mod ġenerali jiżguraw il-ġestjoni xierqa tar-riskji li jirrigwardjaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u li l-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula fis-snin sussegwenti jipproteġu l-baġit tal-UE b'mod ġenerali.*

Sadanittant, qiegħda tittieħed azzjoni ulterjuri għal dawk il-programmi b'livelli persistentement għolja ta' żbalji sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom u sabiex jiġi prevenut, individwat u kkoreġut il-frodi[10]. Barra minn hekk, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi għandu l-mandat sabiex iwettaq investigazzjonijiet indipendenti dwar frodi u korruzzjoni li jinvolvu fondi tal-UE u sabiex jiżviluppa politiki tal-UE biex jiġi miġġieled il-frodi.

## Aċċertament tal-Ġestjoni

*Fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom tal-2017, il-50 Uffiċjal Awtorizzanti b'Delega kollha ddikjaraw li huma kellhom aċċertament raġonevoli li (i) l-informazzjoni li tinsab fir-rapport tagħhom tippreżenta stampa vera u ġusta; (ii) ir-riżorsi assenjati għall-attivitajiet intużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba; (iii) u li l-proċeduri ta' kontroll implimentati jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.*

Sabiex tiġi assigurata t-trasparenza, fir-Rapporti Annwali tal-Attività, jinħarġu riżervi għal dawk il-programmi li għalihom ir-rata ta' żbalji residwi (tkun għadha) ma niżlitx taħt it-2 % fil-ħin tar-rapportar. Kien hemm 30 Uffiċjal Awtorizzanti b'Delega li ddikjaraw aċċertament pożittiv, filwaqt li ġew ikkwalifikati 20 dikjarazzjoni b'total ta' 38 riżerva għall-2017 (37 fl-2016). Fil-każijiet kollha, l-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega kkonċernati fasslu l-azzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet sottostanti u jiġu mitigati r-riskji li jirriżultaw.

**L-impatt finanzjarju tar-riżervi fuq l-aċċertament tal-ġestjoni naqas** għal EUR 1 053 miljun għan-nefqa (EUR 1 621 miljun fl-2016) u għal EUR 431 miljun għad-dħul (EUR 517-il miljun fl-2016). Il-ġenerazzjoni ta' "legat" tal-programmi 2007-2013, li qegħdin jintemmu b'mod gradwali, hija responsabbli għal nofs ir-riżervi iżda għal proporzjon żgħir biss tal-ammont totali f'riskju.

*Qasam ieħor ta' żieda fit-trasparenza jirrigwarda l-Fondi Fiduċjarji tal-UE. Minħabba l-importanza li qiegħda tiżdied tagħhom, id-dipartimenti responsabbli għall-fondi fiduċjarji issa jassiguraw kopertura sħiħa tal-fondi fir-rappurtar tagħhom dwar il-ġestjoni. Dan l-aspett ikopri: (i) l-obbligu ta' rendikont għall-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE u mill-Fond Ewropew tal-Investiment imħallsa fil-fondi; u (ii) il-ġestjoni tat-tranżazzjonijiet magħmula mill-fondi (jiġifieri inklużi l-fondi ta' donaturi oħra).*

## Sistemi ta' kontroll intern effiċjenti, effettivi u kosteffettivi

Standards għoljin ta' ġestjoni finanzjarja jirrikjedu li jkun hemm fis-seħħ miżuri kosteffettivi sabiex jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-baġit tal-UE.

B'kunsiderazzjoni ta' dan, jittieħdu miżuri sabiex **jiżviluppaw sinerġiji u jfittxu titjib fl-effiċjenza**, pereżempju billi jissimplifikaw ir-regoli u l-proċeduri, itejbu u jgħaqqdu s-sistemi finanzjarji tal-IT, u jkomplu jiġbru flimkien l-għarfien espert finanzjarju. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal għal piż burokratiku aktar baxx, spejjeż proporzjonati għall-kontrolli fuq il-benefiċjarji, rati ta' żbalji aktar baxxi, titjib fil-kwalità tad-*data*, u żminijiet iqsar għall-pagament.

Iż-**żmien medju għall-pagament** tad-dipartimenti tal-Kummissjoni **naqas b'mod stabbli** matul is-snin u issa huwa anqas minn 30 jum. Iż-żmien medju nett għall-pagament fl-2017 huwa ta' 20,4 jum.

Kulma jmur, id-dipartimenti tal-Kummissjoni qegħdin jieħdu wkoll miżuri sabiex jassiguraw li s-sistemi ta' kontroll tagħhom jibqgħu **differenzjati skont ir-riskju (jiġifieri aktar skrutinju u/jew frekwenza fl-oqsma aktar riskjużi, u anqas fl-oqsma b'riskju baxx) u kosteffettivi**. Sal-aħħar tal-2017, ir-rieżamijiet perjodiċi mwettqa mid-dipartimenti kollha sabiex jeżaminaw is-sistemi ta' kontroll tagħhom kienu kkonkludew li dawn is-sistemi kienu kosteffettivi.

*Barra minn hekk, għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi ta' nfiq, id-dipartimenti huma mitluba jiġġustifikaw (fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi annessi mal-proposti leġiżlattivi tagħhom) għaliex il-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tal-finanzjament u l-metodi ta' pagament proposti jkunu meqjusa bħala l-aktar soluzzjonijiet xierqa – mhux biss f'termini tal-objettivi tal-politika/programm iżda wkoll f'termini ta' kif dawn jibbilanċjaw tlieta mill-objettivi tal-kontroll intern, jiġifieri ħlasijiet malajr, rati baxxi ta' żball u kost baxx tal-kontroll.*

# Introduzzjoni

Il-baġit tal-UE huwa fundamentali għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-prijoritajiet Ewropej. L-investiment mill-baġit tal-UE jagħti riżultati minnu stess u jservi bħala katalist għal investiment addizzjonali minn sorsi oħra mis-settur pubbliku u privat. Huwa jaħdem id f'id ma' strumenti ta' politika oħra fuq livell Ewropew u nazzjonali sabiex jindirizza il-ħafna sfidi, u opportunitajiet li qiegħda tiffaċċja l-Unjoni llum il-ġurnata.

B'differenza mill-baġits nazzjonali, il-baġit tal-UE huwa ffukat prinċipalment fuq l-investiment. Il-programmi tiegħu huma ta' natura pluriennali, billi jipprovdu qafas stabbli u prevedibbli li huwa l-ideali sabiex jiġu appoġġati investimenti strateġiċi fuq terminu medju sa twil. Il-baġit tal-UE jiffoka fuq oqsma fejn il-ġbir flimkien tar-riżorsi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi komuni jista' jagħti riżultati għall-Ewropej kollha li ma kinux ikunu jistgħu jinkisbu b'mod daqstant effettiv jew effiċjenti mill-Istati Membri jekk jaġixxu waħedhom.

Dan japplika f'oqsma differenti bħall-infrastruttura transfruntiera, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-proġetti spazjali fuq skala kbira u r-riċerka pan-Ewropea. F'dawn l-oqsma kollha, il-baġit tal-UE qiegħed f'pożizzjoni unika biex jagħti riżultati għall-Ewropej kollha. Din hija l-essenza tal-"valur miżjud Ewropew". Huwa japplika wkoll għal politiki komuni bħall-Politika Agrikola Komuni u l-Politika ta' Koeżjoni.

Il-Kummissjoni għandha rwol ċentrali fil-ġestjoni tal-baġit, billi timmaniġġa programmi direttament (eż. fl-oqsma tar-riċerka jew il-mobilità taż-żgħażagħ) jew flimkien mal-Istati Membri (pereżempju fil-Politika ta' Koeżjoni).

Il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tassigura li l-baġit tal-UE jiġi mmaniġġat b'mod responsabbli u f'konformità mar-regoli rilevanti sabiex jiġu protetti l-flus tal-kontribwenti. Il-Kummissjoni timplimenta sistema b'saħħitha ta' governanza u ta' kontroll intern sabiex tassigura li dan ikun il-każ. Il-ġestjoni tal-baġit tal-UE hija soġġetta għal skrutinju estern mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rekord aktar b'saħħtu ta' ġestjoni finanzjarja f'dawn l-aħħar snin ippermetta fokus rinforzat fuq il-**prestazzjoni** tal-baġit: qiegħed isir l-aħjar użu possibbli mill-baġit tal-UE sabiex jitwasslu riżultati tanġibbli għall-Ewropej kollha? Il-Kummissjoni ma tistax tassigura dan waħedha – din hija responsabbiltà konġunta mal-Istati Membri, ir-reġjuni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-isponsors tal-proġetti u dawk kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

Ir-**Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE tal-2017** jiġbor flimkien l-aspetti kemm tal-ġestjoni kif ukoll tal-prestazzjoni f'rapport integrat wieħed. Huwa jippreżenta ħarsa ġenerali tal-aħħar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-baġit, u jinkludi rappurtar dettaljat dwar kwistjonijiet li jinqalgħu b'rabta mal-ġestjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE. Dan ir-rapport huwa l-kontribut prinċipali tal-Kummissjoni għall-"proċedura ta' kwittanza" annwali, li permezz tagħha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiskrutinizzaw l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

It-**Taqsima 1** tar-rapport tiddeskrivi, b'eżempji, kif il-baġit tal-UE jappoġġa l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u tipprovdi l-aħħar *data* disponibbli dwar ir-riżultati miksuba sal-aħħar tal-2017. Dan ir-rapportar huwa msejjes fuq informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-programm li jiffurmaw parti mill-proposta tal-baġit għall-2019, ir-Rapporti Annwali tal-Attività għall-2017 li ġew prodotti mid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni, u sorsi oħra bħar-rapporti ta' implimentazzjoni dwar il-programmi tal-UE. Għar-Rapport ta' din is-sena, l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu kienu sors addizzjonali siewi ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni.

It-**Taqsima 2** tirrapporta dwar l-iżviluppi fir-rigward tal-kontroll intern, il-ġestjoni finanzjarja u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE fl-2017. Dan huwa bbażat fuq ir-Rapporti Annwali tal-Attività prodotti minn kull dipartiment tal-Kummissjoni, li fihom huma deskritti fid-dettall l-ambjent ta' kontroll intern u kwistjonijiet relatati. Fejn inqalgħu kwistjonijiet matul is-sena, ir-rapport jiddeskrivi kif id-dipartimenti tal-Kummissjoni indirizzaw dawn l-isfidi. Din it-taqsima tiġbor fil-qosor informazzjoni dwar il-kisba ta':

- **l-objettivi tal-kontroll intern** (il-ġestjoni tar-riskji għal-legalità u għar-regolarità; il-kosteffettività tal-kontrolli; u l-istrateġiji kontra l-frodi);
- il-**protezzjoni tal-baġit tal-UE** u;
- l-**assigurazzjoni tal-ġestjoni** mogħtija lill-Kulleġġ tal-Kummissarji.

Din l-assigurazzjoni hija bbażata fuq il-konklużjonijiet tal-ġestjoni min-naħa tal-Kummissjoni, li huma bbażati fuq indikaturi statistiċi u mhux statistiċi dwar ir-riżultati u l-korrezzjonijiet tal-kontroll. Dawn il-konklużjonijiet jiġu kontroverifikati wkoll mal-opinjonijiet minn partijiet indipendenti, inkluż is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll mal-konklużjonijiet tal-ħidma tal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar.

L-assigurazzjoni tal-ġestjoni riċevuta mid-dipartimenti kollha u l-assigurazzjoni miksuba mill-ħidma tal-awditjar intern jiffumaw il-bażi għall-konklużjoni ġenerali ta' dan ir-rapport. Din il-konklużjoni tippermetti lill-Kummissjoni, billi tadotta r-rapport, li tieħu r-**responsabbiltà politika ġenerali** għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE tal-2017.

Ir-rapport jinkorpora wkoll il-**Komunikazzjoni preċedenti dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE**[1] u, bħas-sena li għaddiet, se jkun parti mill-**Pakkett ta' Rappurtar Finanzjarju Integrat aktar wiesa' dwar il-baġit tal-UE**, li jinkludi wkoll il-kontijiet annwali.

# Taqsima 1
# Prestazzjoni u riżultati

L-2017 kienet sena attiva għall-Unjoni f'diversi oqsma, b'riżultati pożittivi fil-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni kollha b'riżultat tal-irkupru ekonomiku. Dan ippermetta lill-**Unjoni li tiffoka dejjem aktar fuq it-twettiq b'mod effiċjenti tal-prijoritajiet politiċi tagħha f'oqsma bħall-politika soċjali, is-suq uniku diġtali u t-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja**. Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' approċċ komprensiv għall-aspetti interni u esterni tal-migrazzjoni u fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Tnedew inizjattivi ġodda sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni.

Kienet ukoll sena għal **riflessjoni dwar il-futur tal-Unjoni** wara d-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni. Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Ewropa nediet dibattitu madwar l-Ewropa kollha dwar x'għandhom ikunu l-prijoritajiet għall-Ewropa futura ta' 27. Id-Dokument ta' Riflessjoni suċċessiv dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE eżamina din l-isfida u ppreżenta l-elementi ewlenin għad-diskussjoni.

F'termini baġitarji, l-2017 kienet ir-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Il-biċċa l-kbira tal-programmi finanzjarji issa huma kompletament operattivi wara xi dewmien inizjali u qed jidhru r-riżultati fuq il-post.

L-investiment kompla jkun fokus ewlieni bl-implimentazzjoni kontinwa tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi sabiex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment tal-Ewropa. **Il-baġit ġie mobilizzat ukoll sabiex jappoġġa l-iżvilupp ta' risposta Ewropea komprensiva għall-aspetti interni u esterni tal-migrazzjoni, u biex jirrispondi għat-theddidiet dejjem jiżdiedu u differenti għas-sigurtà**. Billi kien nofs it-terminu fl-implimentazzjoni tal-programmi attwali, fl-2017 ġew finalizzati għadd ta' evalwazzjonijiet *interim*, li pprovdew analiżi komprensiva dwar il-valur miżjud tal-UE, ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-programmi.

Din it-taqsima tibda b'sommarju fil-qosor tal-oqfsa ta' prestazzjoni inkorporati fil-programmi finanzjarji tal-UE. Imbagħad tippreżenta l-aħħar informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba bil-baġit tal-UE sal-aħħar tal-2017. **It-tip ta' *data* rrappurtata tiddependi fuq il-livell ta' maturità tal-programmi, li jvarja minn *data* ta' input għar-riżultati tan-nefqa mill-parti bikrija ta' dan il-perjodu**. Għad mhumiex disponibbli evalwazzjonijiet finali dwar l-impatt tal-programmi, għalhekk mhux se jkun possibbli rappurtar definittiv qabel stadju aktar tard.

It-taqsima hija strutturata madwar l-intestaturi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Huma koperti l-programmi ewlenin fi ħdan kull intestatura. Ir-rapport jiddeskrivi wkoll kif dawn il-programmi jikkontribwixxu għall-objettivi ta' Ewropa 2020 u għall-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni ta' Juncker. Huwa jippreżenta fil-qosor ukoll l-evidenza dwar ir-riżultati miksuba mill-programmi finanzjarji iżda wkoll dwar l-oqsma fejn il-prestazzjoni ma laħqitx l-aspettattivi jew fejn kienu identifikati nuqqasijiet fit-tfassil tal-programmi mill-evalwazzjonijiet u l-ħidma tal-awditjar.

Din l-informazzjoni tintuża sabiex tinforma d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni dwar il-programmi finanzjarji attwali iżda wkoll sabiex tinforma l-leġiżlaturi li jfasslu l-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ġejjieni, li kienu proposti mill-Kummissjoni fl-aħħar ġimgħat. Dan ir-rapport għalhekk imur id f'id mar-Reviżjoni tal-Infiq li takkumpanja l-proposti riċenti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ġejjieni[11]. Fil-fatt, meta kienet qiegħda tifformula l-proposti tagħha, il-Kummissjoni fittxet li tislet tagħlimiet mill-oqfsa finanzjarji attwali u mgħoddija sabiex toħloq programmi bi prestazzjoni għolja li jiġġeneraw riżultati pożittivi għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropej fi ħdan l-oqsma rispettivi tagħhom.

# Prestazzjoni tal-baġit tal-UE

## Il-qafas ta' prestazzjoni għall-perjodu 2014–2020

Qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu għall-baġit tal-UE huwa prerekwiżit għal programmi tal-UE ġestiti tajjeb u orjentati lejn ir-riżultati. Għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, l-oqfsa ta' prestazzjoni ġew inklużi bħala element obbligatorju ġdid fil-bażi ġuridika tal-programmi finanzjarji kollha. Dan għen għal fokus akbar fuq ir-riżultati fil-baġit. Dawn l-oqfsa jinvolvu d-definizzjoni ta' objettivi u indikaturi ċari u li jistgħu jitkejlu, kif ukoll l-arranġamenti neċessarji ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni. Filwaqt li hemm lok għal titjib, il-Kummissjoni tħoss li l-indikaturi, flimkien ma' sorsi oħra ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni bħall-evalwazzjonijiet, jipprovdu bażi soda għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi tal-programmi. Huma jgħinu wkoll sabiex jiġu antiċipati u solvuti l-problemi fl-implimentazzjoni tal-programmi meta jinqalgħu.

Matul l-ewwel snin ta' implimentazzjoni tal-programmi, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tkun essenzjalment ibbażata fuq l-inputs - jiġifieri l-allokazzjoni finanzjarja għal programm partikolari - u, meta possibbli, l-outputs. Din it-tip ta' informazzjoni tagħti indikazzjoni inizjali tajba ta' kif ikun qiegħed jintefaq il-baġit tal-UE u kif ikun qiegħed jikkontribwixxi għall-prijoritajiet politiċi. Hekk kif l-implimentazzjoni tal-programmi timxi 'l quddiem, issir disponibbli informazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt tan-nefqa. Madankollu, jista' jgħaddi ż-żmien qabel ma l-impatt finali fuq l-ekonomija u s-soċjetà Ewropej ikun jista' jiġi valutat.

Din is-sena hija r-raba' sena ta' implimentazzjoni u bosta programmi qed jibdew jirrappurtaw dwar ir-riżultati diretti; madankollu, xi programmi għandhom ċikli twal ta' implimentazzjoni u l-indikaturi dwar il-kisbiet għadhom mhumiex disponibbli u rrappurtati b'mod sħiħ fid-Dikjarazzjonijiet tal-Programmi, jiġifieri dan huwa b'mod partikolari l-każ għall-programmi b'ġestjoni kondiviża.

L-awditi mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jgħinu wkoll sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-programmi, kif ukoll l-effiċjenza u l-effettività tal-operazzjonijiet, tas-sistemi ta' ġestjoni u tal-proċeduri tal-korpi u tal-istituzzjonijiet li jġestixxu l-fondi tal-UE. Dsatax-il rapport riċenti pereżempju kkonfermaw il-ħtieġa li jiġu simplifikati r-regoli u li jissaħħaħ jew jiġi armonizzat il-qafas ta' prestazzjoni.

It-tagħlimiet mill-awditi u l-esperjenza prattika tal-implimentazzjoni, u s-sejbiet mill-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu kkontribwew għar-Reviżjoni komprensiva tal-Infiq li takkumpanja l-proposti riċenti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ġejjieni u l-programmi settorjali ta' akkumpanjament. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni kemm tar-regoli ta' implimentazzjoni kif ukoll tal-oqfsa ta' prestazzjoni huma tema importanti ta' dawn il-proposti.

## Rapportar dwar il-prestazzjoni

Fir-Rapport Annwali tagħha tal-2016, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ffukat b'mod partikolari fuq il-kwalità tar-rapportar dwar il-prestazzjoni fir-rigward tal-baġit tal-UE. Ħafna minn dawn ir-rapporti jiġu prodotti mill-Kummissjoni. L-analiżi sabet li filwaqt li l-kwalità tar-rapportar dwar il-prestazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli, hemm diversi oqsma fejn jista' jsir aktar titjib, pereżempju:

- **Il-kwalità tad-*data***: fir-rapporti tagħha dwar il-prestazzjoni, il-Kummissjoni tibbaża fuq l-indikaturi tal-prestazzjoni li ġew elenkati fil-bażi ġuridika tal-programmi u rrappurtati b'mod annwali fid-Dikjarazzjonijiet tal-Programmi. Id-*data* ġejja minn firxa wiesgħa ta' sorsi. Il-Qorti u s-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomandaw id-divulgazzjoni ta' dawk is-sorsi flimkien ma' valutazzjoni tal-kwalità tad-*data* miġbura. B'rikonoxximent tal-importanza tal-kwalità tad-*data*, is-servizzi tal-Kummissjoni din is-sena taw attenzjoni partikolari għall-kwalità tad-*data* dwar il-prestazzjoni meta kienu qegħdin iħejju r-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom tal-2017. Is-sorsi tad-*data* huma identifikati b'mod ċar u kwalunkwe tħassib rigward il-kwalità tad-*data* huwa indikat b'mod ċar. F'ċerti każijiet, is-servizzi tal-Kummissjoni waqfu jirrappurtaw dwar xi wħud mill-indikaturi meta d-*data* disponibbli kienet meqjusa bħala mhux preċiża jew rilevanti biżżejjed.
- **Rapportar ibbilanċjat:** fir-rapport annwali tagħha tal-2016, il-Qorti rrakkomandat fuq ir-Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni tal-2015, li l-Kummissjoni tagħmel aktar sforzi sabiex tassigura li r-rapporti dwar il-prestazzjoni jipprovdu stampa bilanċjata, billi jkopru kemm il-kisbiet tal-programmi kif ukoll l-isfidi li nstabu. Il-Kummissjoni hija impenjata li tipproduċi rapporti bbilanċjati u, pereżempju, f'dan ir-rapport ipprovdiet kopertura estensiva dwar it-tagħlimiet mill-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu tal-programmi finanzjarji.
- **Ir-rabtiet bejn l-oqfsa ta' prestazzjoni:** il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni tagħmel użu aktar sistematiku mill-kontroreferenzi bejn ir-rapporti dwar il-prestazzjoni biex toħroġ aktar ċar ir-rabtiet u l-komplementarjetajiet bejn ir-rapporti u bejn il-

qafas ta’ prestazzjoni għall-baġit tal-UE (eż. id-dikjarazzjonijiet tal-programmi) u l-qafas għas-servizzi tal-Kummissjoni.

- **Il-leġġibbiltà:** kif irrakkomandat il-Qorti, il-Kummissjoni kompliet ittejjeb il-preżentazzjoni viżwali tar-rapporti tagħha, billi tuża għajnuniet viżwali, graffs, dijagrammi, ċarts jew kaxxi bil-kitba fejn ikun xieraq biex tippreżenta d-*data* dwar il-prestazzjoni u twassal il-messaġġi ewlenin dwar il-prestazzjoni.

**Responsabbiltà kondiviża għar-riżultati**

Madwar tliet kwarti tal-baġit tal-UE jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. Għalkemm il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà finanzjarja aħħarija għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE, **ir-responsabbiltà għar-riżultati miksuba bil-baġit tal-UE hija kondiviża ma’ firxa wiesgħa ta’ atturi** fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Kollha għandhom rwol x’jaqdu sabiex jiżguraw li kull euro li jintefaq mill-baġit tal-UE jservi b’mod effiċjenti u effettiv l-iskopijiet maħsuba tiegħu.

## Il-baġit tal-UE għall-2017




*Tabella: Il-baġit tal-UE tal-2017 skont l-intestaturi baġitarji. L-ammonti kollha huma f’biljuni ta’ EUR.*

Il-baġit tal-UE, inklużi l-baġits emendatorji, kien jammonta għal EUR 159,8 biljun fl-2017. Madwar nofs dan l-ammont, EUR 75,4 biljun, ġie allokat għat-tkabbir intelliġenti u inklużiv. L-appoġġ lis-settur agrikolu Ewropew kien jammonta għal EUR 58,6 biljun. Intefqu EUR 4,3 biljun biex jissaħħu l-fruntieri esterni tal-Unjoni u biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni irregolari. Ġew allokati EUR 10,7 biljun għal azzjonijiet barra mill-Unjoni u EUR 9,4 biljun intefqu fuq l-amministrazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-2017 ġew adottati sitt baġits emendatorji. Minbarra l-aġġustamenti standard min-naħa tad-dħul, ġew adottati żewġ abbozzi ta’ baġits emendatorji għall-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Solidarjetà u kienu meħtieġa aġġustamenti bħala konsegwenza tal-adozzjoni tar-reviżjoni ta’ nofs it-terminu.

Barra mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, hemm Strumenti Speċjali; ir-Riżerva ta’ Għajnuna f’Emerġenza, il-Fond ta’ Solidarjetà tal-UE, l-Istrument ta’ Flessibbiltà u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

# Rendikont fil-qosor tal-progress fuq kwistjonijiet orizzontali

## Il-baġit tal-UE u l-istrateġija Ewropa 2020

Il-baġit fuq perjodu fit-tul attwali huwa mfassal sabiex jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Il-miri huma responsabbiltà kondiviża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u l-kisba tagħhom tirrikjedi l-kombinazzjoni ta' diversi għodod ta' politika, inklużi l-baġits tal-UE u nazzjonali.

Il-monitoraġġ tal-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 isir mill-Kummissjoni bl-użu ta' disa' indikaturi. L-informazzjoni dwar il-progress tiġi aġġornata regolarment u ppubblikata fuq is-sit web tal-Eurostat[12]. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-aħħar *data* disponibbli għal dawn l-indikaturi.

L-Istati Membri qed jagħmlu progress lejn il-miri li stabbilew tmien snin ilu fl-istrateġija Ewropa 2020. Kumplessivament, l-UE qed toqrob lejn il-miri tagħha dwar l-edukazzjoni, l-enerġija, il-klima u l-impjiegi. Hemm 14-il Stat Membru li diġà laħqu l-miri nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u għaż-żieda tas-sehem tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja. Hemm 11-il Stat Membru li laħqu l-miri tagħhom għall-enerġija rinnovabbli. Il-mira tal-UE biex ir-rata tal-impjiegi tilħaq il-75 % fl-2020 qiegħda fit-triq it-tajba sakemm ix-xejra attwali tkompli u seba' Stati Membri diġà laħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Din hi kisba notevoli meta wieħed iqis l-impatt qawwi tal-kriżi fuq ir-rata tal-impjiegi. Madankollu, l-għadd ta' nies fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali laħaq l-ogħla livell tiegħu fl-2012 u minn dak iż-żmien naqas għal madwar il-livelli ta' qabel il-kriżi. B'riżultat ta' dan, il-mira mhijiex probabbli li tintlaħaq fl-2020. Bl-istess mod, il-mira ta' investiment ta' 3 % tal-Prodott Domestiku Gross fir-Riċerka u l-Iżvilupp għadha 'l bogħod u se tirrikjedi sforzi kbar sabiex tintlaħaq[13].

Il-kontribut għal Ewropa 2020 ma għandux jinżamm fil-limiti ta' programm uniku, iżda pjuttost għandu jitqies bħala kontribut ta' rinforz reċiproku tal-baġit tal-UE kollu kemm hu. Huwa stmat li 59 % tal-impenji mill-baġit tal-UE fl-2017 huma marbuta mal-istrateġija Ewropa 2020.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1. Żieda fir-rata tal-impjiegi tal-popolazzjoni fl-età ta' 20-64 sena għal mill-anqas 75 %** | 68,6 % | 72,3 % (Q3-2017) | Il-mira x'aktarx tintlaħaq |
| **2. Żieda fl-investiment pubbliku u privat meħudin flimkien fir-R&Ż għal 3 % tal-PDG** | 1,93 % | 2,03 % (2016) | Il-mira x'aktarx ma tintlaħaqx |
| **3a. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra b'mill-inqas 20 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990** | Tnaqqis ta' 14 % | Tnaqqis ta' 23 % (2016) | Il-mira x'aktarx tintlaħaq |
| **3b. Iż-żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija għal 20 %** | 12,5 % | 17,04 (2016) | Il-mira x'aktarx tintlaħaq |
| **3c. Proċess lejn mira ta' 20 % fl-effiċjenza fl-enerġija** | 5,7 % (għall-konsum tal-enerġija primarja) | 16,0 % (2016) (għall-konsum tal-enerġija primarja) | Il-mira x'aktarx tintlaħaq |
| **4a. Tnaqqis tar-rati tat-tluq mill-iskola qabel iż-żmien għal anqas minn 10 %** | 13,9 % | 10,6 % (2017)* | Il-mira x'aktarx tintlaħaq |
| **4b. Żieda fis-sehem tal-popolazzjoni fl-età ta' 30-34 sena li temmew l-edukazzjoni terzjarja għal mill-anqas 40 %** | 33,8 % | 39,9 % (2017)* | Il-mira x'aktarx tintlaħaq |
| **5. It-tneħħija ta' mill-inqas 20 miljun ruħ mir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali** | Żieda ta' 0,5 miljun (meta mqabbel mas-sena bażi 2008) | Żieda ta' miljun (meta mqabbel mas-sena bażi 2008) | Il-mira x'aktarx ma tintlaħaqx |

*Tabella: progress lejn il-miri ta' EU2020.* Sorsi: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52018DC0120&qid=1531907387199&from=EN u l-aġġornamenti* mill-Eurostat :

http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&pcode=t2020_40&plugin=1;
http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&pcode=t2020_41&plugin=1

## Integrazzjoni tal-azzjoni klimatika u tal-bijodiversità

Il-baġit tal-UE huwa wkoll għodda importanti għall-kisba ta' objettivi politiċi trażversali, bħall-azzjoni klimatika u l-bijodiversità. Sabiex twieġeb għall-isfidi u għall-ħtiġijiet ta' investiment relatati mat-tibdil fil-klima, l-UE ddeċidiet li minn tal-anqas 20 % tal-baġit tagħha għall-2014-2020 – daqs EUR 200 biljun matul il-perjodu kollu – għandhom jintefqu fuq azzjoni relatata mat-tibdil fil-klima. Sabiex jinkiseb dan ir-riżultat, l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' adattament qegħdin jiġu integrati fil-programmi ta' nfiq ewlenin kollha tal-UE, b'mod partikolari l-iżvilupp reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, l-enerġija, it-trasport, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-Politika Agrikola Komuni, kif ukoll il-politika ta' żvilupp tal-UE. Mill-abbozz ta' baġit għall-2014, l-istimi għan-nefqiet relatati mal-klima ġew immonitorjati fuq bażi annwali b'indikaturi klimatiċi tal-UE, adattati mit-traċċar tal-assistenza għall-iżvilupp tal-OECD "l-indikaturi ta' Rio". Fl-2017, l-ammont kien ta' aktar minn EUR 31 biljun, 20,3 % tal-baġit totali. Dan itella' l-ammont kumulattiv totali għall-integrazzjoni klimatika sal-aħħar tal-2017 għal aktar minn EUR 100 biljun.

Il-proċedura ta' traċċar għan-nefqa relatata mal-bijodiversità kienet tipprevedi li 9,3 % tal-baġit għall-2016 u 8,1 % tal-baġit għall-2017 ser jiġu allokati għat-trażżin u t-treġġigħ lura tat-tnaqqis tal-bijodiversità fl-UE, u b'hekk jingħata kontribut importanti għall-objettivi tat-tkabbir sostenibbli ta' Ewropa 2020.




*Tabella: Integrazzjoni tal-azzjoni klimatika (2014-2017). L-ammonti kollha fit-tabella huma f'miljuni ta' EUR. L-ammont reali għall-perjodu 2014-2017 huwa EUR 109 biljun. L-ammont ibbaġitjat għall-perjodu 2014-2020 sħiħ huwa ta' EUR 200 biljun.*

## Il-baġit tal-UE u l-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u 169 mira tagħha, adottati min-Nazzjonijiet Uniti (NU) f'Settembru 2015, taw impetu ġdid għall-isforzi globali sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli. L-UE kellha rwol importanti fit-tfassil tal-Aġenda 2030, permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, djalogu mal-imsieħba tagħha u riċerka fil-fond. L-UE hija impenjata li jkollha rwol attiv sabiex timmassimizza l-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif spjegat fil-Komunikazzjoni tagħha (COM(2016) 739) "Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli". **L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli huma ankrati fis-sod fit-Trattati Ewropej u integrati fil-programmi, fil-politiki settorjali u fl-inizjattivi kollha tagħha.**

Kull sena l-UE tkompli bl-isforzi tagħha, permezz tal-istrumenti ta' politika u regolatorji tagħha, sabiex issegwi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u twettaq rwol ewlieni sabiex tappoġġa, tikkoordina u tikkumplimenta l-politiki tal-Istati Membri f'termini finanzjarji wkoll permezz tal-baġit tal-UE.

Id-Dikjarazzjonijiet tal-Programmi tal-2018 enfasizzaw b'mod partikolari l-aktar inizjattivi riċenti u rilevanti li qegħdin jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, għalkemm ħafna drabi b'mod indirett u mhux kwantifikabbli. Dawn l-elementi huma pprovduti għall-finijiet ta' informazzjoni u ma jikkostitwux ir-rapportar uffiċjali dwar il-kontribut tal-baġit tal-UE għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Billi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli huma interkonnessi, bosta azzjonijiet tal-UE jistgħu jikkontribwixxu għal diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

## 1.1. Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi (Intestatura Bağitarja 1A)[14]

Fl-2017, ġew allokati EUR 21,3 biljun għall-programmi għall-Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi (impenji fl-Intestatura 1A), li jirrappreżentaw 13 % tan-nefqa annwali totali mill-baġit. L-Intestatura 1A tikkonsisti minn 23 programm ta' nfiq differenti. Il-programmi prinċipali taħt l-intestatura baġitarja "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" huma: il-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmi għal proġetti infrastrutturali kbar (Galileo, ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali, Copernicus u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja – EGNOS), il-programm Erasmus+ li jiffinanzja l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u azzjonijiet sportivi, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fit-trasport, l-enerġija u s-settur diġitali u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, li huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa.




*Tabella: Il-programmi prinċipali ffinanzjati taħt l-Intestatura 1A fl-2017. Il-Kategorija 'Programmi Oħrajn' tinkludi, fost l-oħrajn, il-programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EASI), għad-Dwana u l-programm Fiscalis. L-ammonti kollha huma f'miljuni ta' EUR.*

**_Appoġġ għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea_**

*Il-programmi taħt din l-intestatura baġitarja jikkontribwixxu l-aktar għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni ta' Juncker intitolati "Impjiegi, Tkabbir u Investiment", "Suq Uniku Diġitali", "'Unjoni tal-Enerġija u l-Klima" u "Unjoni Ekonomika u Monetarja Aktar Approfondita u Ġusta". Huma jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-Ewropa 2020 ta' "tkabbir intelliġenti u sostenibbli" u għal "tkabbir inklużiv", primarjament permezz tal-ħolqien tax-xogħol u l-effetti ta' Orizzont 2020 u Erasmus+ fuq l-impjegabbiltà. Il-programmi taħt din l-intestatura baġitarja jikkontribwixxu wkoll għall-Ewropa 2020 billi jagħtu spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, itejbu l-livelli tal-ħiliet u l-edukazzjoni (tul il-ħajja), irawmu l-imprenditorija, jiffaċilitaw l-użu ta' netwerks intelliġenti u l-ekonomija diġitali, jibnu netwerks trans-Ewropej interkonnessi, jinvestu f'infrastrutturi pan-Ewropej u jimmiraw għal effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi.*

## Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi




*Figura: Tabella tal-FEIS. Sors: Ċifri tal-Grupp tal-BEI fil-15/05/2018, sors: http://www.eib.org/efsi/*

L-għan ġenerali tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li tnieda fl-2014 kien li jagħti spinta lill-investiment fl-Ewropa u, konsegwentement, li jirrestawra l-kompetittività u jżid it-tkabbir u l-impjiegi. Il-Pjan huwa ċċentrat fuq il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi li jgħaqqad flimkien garanzija tal-UE ma' riżorsi tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti li huwa punt ta' dħul uniku għas-servizzi ta' konsulenza u l-assistenza teknika; u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment li jlaqqa' l-promoturi tal-proġetti mal-investituri.

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kien maħsub sabiex jimmobilizza EUR 315-il biljun ta' investiment totali fl-ekonomija reali. F'Diċembru 2017, il-volum ta' investiment mobilizzat mill-operazzjonijiet approvati tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kien ilaħħaq 81 % tal-mira inizjali.

B'mod kumulattiv, mit-tnedija tal-fond, il-proġetti approvati jammontaw għal valur totali ta' investiment ta' EUR 287 biljun distribwiti bejn iż-żewġ fergħat: EUR 186,2 biljun għall-Fergħa tal-Infrastruttura u l-Innovazzjoni u EUR 101,2 biljun għall-Fergħa tal-Intrapriżi Żgħar u Medji. Huwa mistenni li se jibbenefikaw minn dan aktar minn 445 000 kumpanija ta' daqs iżgħar u dan għen sabiex jinħolqu aktar minn 300 000 impjieg.[15].

Fl-aħħar tal-2017 l-UE fformalizzat[16] id-deċiżjoni li testendi d-durata u d-daqs tal-fond għal EUR 500 biljun li għandhom jiġu mobilizzati sal-2020 bil-għan li jiġu stimulati aktar l-investimenti u tingħata stabbiltà lill-promoturi tal-proġetti.

L-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi huwa ffukat fuq setturi ta' importanza ewlenija għall-ekonomija Ewropea, fosthom:

- L-infrastruttura strateġika, inkluża dik diġitali, it-trasport u l-enerġija;
- L-edukazzjoni, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;
- L-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika;
- L-appoġġ għan-negozji żgħar u medji.

Dawn l-investimenti għenu, pereżempju, sabiex jiġi pprovdut aċċess għall-internet b'veloċità għolja lil 11-il miljun unità domestika, enerġija rinnovabbli lil aktar minn erba' miljun unità domestika u kura tas-saħħa aħjar lil miljun ċittadin[17].

Il-Kummissjoni żżid attivament il-viżibbiltà tal-proġetti. Fl-aħħar tal-2017 kien hemm 239 proġett minn 27 Stat Membru ppubblikati fuq il-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment imniedi[18] fl-2016.

*Il-proġetti jinkludu:*

- *l-iżvilupp ta' park eoliku fuq l-art fl-Iżvezja;*
- *riċerka dwar modi ġodda għall-kura tal-Alzheimer u mard arterjali fi Spanja;*
- *appoġġ għall-produzzjoni ta' alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw u li jistgħu jinqalbu f'kompost, għall-boroż tal-plastik li jintużaw darba biss, fir-Repubblika Ċeka;*
- *l-espansjoni u t-titjib tal-aċċess għall-broadband mingħajr fili fl-Italja;*
- *il-bini ta' akkomodazzjoni soċjali fil-Polonja.*

*Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi **huwa mistenni li jżid il-Prodott Domestiku Gross fl-Unjoni b'0,7% u joħloq 700 000 impjieg ġdid sal-2020[19]***

Is-sejbiet preliminari tal-evalwazzjoni li għaddejja juru li minkejja titjib fl-investimenti u l-aċċess għall-finanzi mill-intrapriżi żgħar u medji, il-ħtiġijiet għall-finanzjament għadhom hemm u għadhom konsiderevoli. L-effett ta' ingranaġġ tal-fond jidher b'mod ċar f'din l-evalwazzjoni. Għal xi proġetti, mal-benefiċċji soċjali għoljin inkiseb multiplikatur baxx, minħabba r-riluttanza min-naħa tal-investituri privati. Hemm ukoll lok għal titjib tas-sinerġiji bejn il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u strumenti finanzjarji oħra appoġġati mill-baġit tal-UE. Pereżempju mal-istrumenti finanzjarji tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji (COSME).

Barra minn hekk, l-esperjenza sa issa bil-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi wriet li hemm lok għal kontribut akbar sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjali; mhux aktar minn 4 % tal-proġetti approvati u ffirmati kienu jirrigwardaw l-infrastruttura soċjali[20]. Din hija r-raġuni għaliex, bħala parti mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ġie maqbul li l-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi jinġabru flimkien ma' dawk tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali.

## Orizzont 2020

L-Orizzont 2020 għandu l-għan li jsaħħaħ il-bażi xjentifika tal-UE, li jsaħħaħ it-tmexxija industrijali u l-kapaċità ta' innovazzjoni fis-settur privat, u li jippromwovi l-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali (bħas-sigurtà alimentari jew l-azzjoni klimatika). Huwa jappoġġa l-prijoritajiet ta' politika tal-UE, kif imsaħħa mill-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Fl-2017, l-Orizzont 2020 ipprovda EUR 8,5 biljun ta' finanzjament, li mmobilizza aktar investimenti diretti addizzjonali, li wasslu għal total ta' EUR 10,6 biljun. Ġew iffinanzjati xi 5 000 proġett, li kienu jvarjaw minn għotjiet lil riċerkaturi ta' klassi mondjali, għal xjenza avvanzata, għall-appoġġ lil SMEs innovattivi sabiex joħolqu prodotti ġodda u joffru servizzi ġodda[21].

Sa issa, permezz tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, l-Orizzont 2020 iffinanzja 36 000 riċerkatur fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom, irrispettivament mill-età u n-nazzjonalità tagħhom. Dan ikkontribwixxa b'mod sinifikanti sabiex jinżammu, jiġu żviluppati u attirati t-talenti tar-riċerka fl-Ewropa.

L-2017 immarkat l-għoxrin anniversarju tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, u l-150 sena mit-twelid tal-persuna li huma msemmijin għaliha, ir-rebbieħa Pollakka Franċiża ta' żewġ Premijiet Nobel Marie Skłodowska-Curie, b'sensiela ta' avvenimenti madwar l-Ewropa u lil hinn.

*Tnejn mit-tliet riċerkaturi tal-2017, li ngħataw il-Premju Nobel tal-2017 fil-Kimika għall-ottimizzazzjoni tal-mikroskopji tal-elettroni, ipparteċipaw f'Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u proġetti ta' riċerka oħra ffinanzjati mill-UE, filwaqt li 14-il kandidat għad-dottorat iffinanzjati minn Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie appoġġaw is-sejbien storiku ta' frekwenzi tal-gravità li wassal għall-Premju Nobel tal-2017 fil-Fiżika.*



158 sieħeb fi 23 pajjiż
73 membru assoċjat
18-il proġett ta' sħubija
ĊIFRI EWLENIN
ACADEMIA 39%
ORGANIZZAZZJONIJIET TA' RIĊERKA 22%
INDUSTRIJA 39%
Finanzjament-KE pproġettat: €381 miljun taħt FP7 u Orizzont 2020
1 400 + pubblikazzjoni xjentifika
6 kumpaniji spin-off
1 252 persuna involuti
70% rġiel 30% nisa
23 000 + konsiderazzjoni
37 privattiva applikati
17-il prodott varati
GRAPHENE FLAGSHIP
Ċifri sa Settembru 2017
Sieħeb
Membru Assoċjat

*Figura: Ċifri ewlenin tal-Graphene Flagship, sors: https://graphene-flagship.eu/SiteCollectionDocuments/EC_leaflet.pdf*

*Il-Graphene Flagship hija eżempju ċar tal-valur miżjud b'saħħtu tal-UE tal-Orizzont 2020. Din l-inizjattiva ta' riċerka fuq għaxar snin hija waħda mill-akbar li qatt ġew iffinanzjati fl-Ewropa. Aktar minn 150 imsieħeb f'aktar minn 20 pajjiż Ewropew, kemm mill-industrija kif ukoll mis-settur akkademiku, qegħdin jiżviluppaw b'mod konġunt applikazzjonijiet f'oqsma bħat-teknoloġiji mobbli 5G, il-batteriji, l-ajruspazju, l-applikazzjonijiet mediċi u t-teknoloġija awtomobilistika. Żviluppi riċenti huma l-ewwel mikroproċessur magħmul minn materjal li jixbah il-grafen li għandu potenzjal kbir għall-użu f'oġġetti ta' kuljum u għal applikazzjonijiet sabiex tiġi eżaminata l-attività tal-moħħ b'riżoluzzjoni għolja, li jista' jgħin sabiex jinftiehem aħjar mard bħall-epilessija.*

*Fl-2017, tim iffinanzjat mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka skopra d-difetti fis-sigurtà fil-proċessuri tal-kompjuters, imsemmija Meltdown u Spectre, li fetaħ toroq ġodda għal sigurtà akbar fit-tfassil ta' sistemi moderni tal-kompjuter.*

*L-Orizzont 2020 ikkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp u l-iskjerament ta' sistemi osservatorji integrati fil-Baħar Mediterran – l-Orizzont 2020 ta EUR 8,4 miljun lill-konsorzju internazzjonali ODYSSEA sabiex jintegra netwerks ta' sistemi ta' osservazzjoni u ta' previżjoni fil-baċir tal-Mediterran. Huwa jinvolvi 28 imsieħeb minn 14-il pajjiż, prinċipalment madwar il-baċir tal-Mediterran.*

*Il-proġett E-ferry kien appoġġat ukoll mill-Orizzont 2020, fejn ġiet żviluppata u ntweriet l-aktar lanċa elettrika kapaċi fuq medda medja għall-ġarr ta' passiġġieri u karozzi. Dan il-proġett jindirizza ħtieġa urġenti li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u t-tniġġis tal-arja mit-trasport fuq l-ilma. Din tuża 56 tunnellata ta' batteriji avvanzati tal-Lithium Titanate, effiċjenza għolja u kapaċità ta' ċċarġjar rapidu biex tagħmel seba' vjaġġi kuljum, iġġorr 31 vettura u kważi 200 passiġġier fuq distanza ta' 40 km bejn id-Danimarka kontinentali u l-gżira ta' Aero. L-E-ferry tuża 50 % anqas enerġija kull sena u tnaqqas it-tniġġis b'2 000 tunnellata ta' $CO_2$.*

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu riċenti tal-Orizzont 2020, konkluża fl-2017[22], ipprovdiet indikazzjonijiet li l-programm qed jipproduċi benefiċċji addizzjonali importanti meta mqabbel mal-mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali u reġjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni f'termini ta' skala, ħeffa u kamp ta' applikazzjoni u qiegħed itejjeb il-vantaġġ kompetittiv tal-parteċipanti waqt li, b'mod ġenerali, iżid l-attrattività globali tal-UE bħala post sabiex jitwettqu r-riċerka u l-innovazzjoni. L-Orizzont 2020 joħloq kompetizzjoni madwar l-UE kollha fir-riċerka u l-innovazzjoni, billi jopera sejħiet għall-proposti kompetittivi transnazzjonali, kif ukoll jidentifika l-aktar proġetti ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi li jippromettu.

Hija kkonkludiet ukoll li l-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti fl-Orizzont 2020 (bħar-rata unika ta' rimborż, ir-rata fissa għall-ispejjeż indiretti, jew il-Portal għall-Parteċipanti) naqqsu l-ispejjeż għall-parteċipazzjoni u qassru ż-żmien għall-għotja. Iż-żmien għall-għotja issa huwa medja ta' 192 jum, tnaqqis ta' aktar minn 100 jum meta mqabbel mas-Seba' Programm Qafas ta' qabel.

Meta mqabbel mal-programm preċedenti, saru sforzi akbar sabiex jiżdiedu s-sinerġiji bejn l-Orizzont 2020 u programmi oħra, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Eżempji ta' sinerġiji akbar jinkludu s-Siġill ta' Eċċellenza, jiġifieri l-għoti ta' tikketta ta' kwalità għolja Ewropea lil proposti kklassifikati ogħla mil-limitu tal-kwalità iżda mhux iffinanzjati bil-għan li jkunu jistgħu jsibu finanzjament minn sorsi ta' finanzjament pubbliċi jew privati alternattivi. Dan il-premju jgħin lill-korpi ta' finanzjament interessati li jkunu lesti jinvestu fi proposti promettenti (inklużi awtoritajiet nazzjonali u reġjonali permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej), jidentifikaw dawn il-proġetti aktar faċilment. Is-Siġill ta' Eċċellenza madankollu jista' jibbenefika aktar minn allinjament akbar bejn ir-regoli eżistenti sabiex iżid l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-proġetti kkonċernati.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu identifikaw ukoll għadd ta' oqsma għat-titjib, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' aktar flessibbiltà għal adattament għall-prijoritajiet emerġenti u l-ħtieġa ta' sistemi ta' monitoraġġ aktar adegwati sabiex jitkejjel il-progress. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni indikat il-ħtieġa ta' impatt akbar u ta' aktar involviment maċ-ċittadini. Dan huwa importanti sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni tal-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali u teknoloġiċi u sabiex fil-ġejjieni jiġi adottat approċċ aktar iffukat fuq l-impatt u orjentat lejn il-missjoni.




*Tabella: Għadd ta' parteċipanti ta' Erasmus f'kull Stat Membru, sors: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/leaders-working-lunch-mobility_mt.pdf*

L-2017 iċċelebrat it-30 anniversarju tal-programm Erasmus. L-għan tal-programm huwa l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati permezz ta' skambji universitarji sabiex jiġi megħjun it-tkabbir tal-istudju internazzjonali. Huwa beda bħala skema modesta ta' mobilità għal studenti tal-edukazzjoni għolja fl-1987 – bi 3 200 student biss fl-ewwel sena tiegħu – iżda issa żviluppa f'wieħed mill-aktar programmi ta' suċċess tal-UE, b'isem magħruf sewwa li jipproġetta immaġni pożittiva tal-Unjoni, lil hinn mill-fruntieri tagħha.

Tletin sena wara t-tnedija tiegħu fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, Erasmus+ espanda għal setturi oħra bħall-iskejjel, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ, it-tagħlim tal-adulti, iż-żgħażagħ u l-isport.

Fl-2017, il-kampanja "Minn Erasmus għal Erasmus+" iċċelebrat it-30 Anniversarju tal-Erasmus+ fl-EU u lil hinn u pparteċipaw aktar minn 750 000 ruħ f'aktar minn 1 900 avveniment f'44 pajjiż sabiex jiċċelebraw u jiddiskutu l-impatt tal-attivitajiet appoġġati minn Erasmus u jiddibattu dwar il-futur tiegħu. Dan il-programm huwa identifikat b'mod konsistenti miċ-ċittadini bħala wieħed mill-aktar tliet riżultati pożittivi tal-integrazzjoni Ewropea.

F'Ġunju 2017 tnediet l-Applikazzjoni Mobbli l-ġdida tal-Erasmus+ biex tgħin lill-istudenti, inklużi dawk involuti fi skambju minn jew lejn pajjiżi terzi barra mill-Ewropa, l-apprendisti u l-persuni involuti fi skambji taż-żgħażagħ, ikunu ppreparati aħjar għall-mobilità tagħhom. Din tippermettilhom li jżommu rekord faċli tal-progress tagħhom fl-istadji differenti qabel, waqt u wara l-esperjenza tagħhom barra l-pajjiż. Mit-tnedija tagħha, l-applikazzjoni diġà tniżżlet aktar minn 27 000 darba. L-evalwazzjoni riċenti ta' nofs it-terminu tal-Erasmus+ (2018)[23] uriet li l-programm qiegħed fit-triq it-tajba biex jilħaq il-prestazzjoni tiegħu, b'aktar minn 1,8 miljun individwu jipparteċipaw f'attivitajiet ta' mobilità, u aktar minn 240 000 organizzazzjoni involuti fi proġetti ta' kooperazzjoni sa issa. Il-benefiċjarji tal-programm jirrapportaw rati ta' sodisfazzjon ogħla minn 90 %. Huwa jiffavorixxi r-rieda li wieħed jaħdem jew jistudja barra minn pajjiżu u l-iżvilupp tal-ħiliet fil-lingwi barranin, jinkoraġġixxi mġiba ċivika pożittiva u sens li wieħed iħossu "Ewropew" (+19 % meta mqabbel man-nonparteċipanti).

L-Erasmus+ għandu effett pożittiv fuq l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi, u b'hekk iżid l-impjegabbiltà u l-intraprenditorija u jqassar it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol (13 % aktar malajr, meta mqabbel ma' individwi li ma pparteċipawx fl-Erasmus+ jew il-programmi predeċessuri tiegħu). Fid-dawl tar-riżultati miksuba, l-evalwazzjoni enfasizzat il-valur miżjud Ewropew indiskutibbli tal-Erasmus+. Dan joħroġ mill-volumi kbar u l-ambitu wiesa' tal-attivitajiet

iffinanzjati, flimkien ma' aċċess ġust għall-mobbiltà fit-tagħlim, inklużi l-aħjar prattiki integrati, integrazzjoni iktar profonda tal-UE u dimensjoni internazzjonali ċara. Skemi oħra li jiffinanzjaw azzjonijiet komparabbli fil-livell nazzjonali jibqgħu ħafna iżgħar kemm fil-volum kif ukoll fl-ambitu. Huwa improbabbli li dawn se jkunu kapaċi jieħdu post il-finanzjament tal-Erasmus+.

L-evalwazzjoni nnotat ukoll li hemm il-potenzjal sabiex jiġu introdotti azzjonijiet immirati aħjar sabiex jiġu massimizzati r-rilevanza tal-attivitajiet Jean Monnet, il-koerenza fil-qasam tal-isport u l-valur miżjud tal-programm fis-settur tat-tagħlim tal-adulti. Hija kkonkludiet li l-kontribut fis-settur tat-tagħlim tal-adulti huwa frammentat ħafna minħabba n-natura diversa tas-settur; fil-qasam tal-isport, ir-riżorsi ma għandhomx ikunu mifruxa b'mod imxerred iżżejjed sabiex jinkiseb riżultat siewi. Rigward l-attivitajiet Jean Monnet, hemm bżonn li jissaħħu l-għarfien u l-fehim dwar l-integrazzjoni Ewropea fost il-ġenerazzjoni l-aktar żagħżugħa (b'mod partikolari t-tfal tal-iskola).

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà joffri liż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena l-opportunità li jieħdu sehem f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' solidarjetà fl-UE, bil-mira li sal-aħħar tal-2020 ikunu hemm 100 000 żagħżugħ u żagħżugħa jieħdu sehem. Minbarra li joffri kollokamenti f'volontarjat, fi traineeships u f'impjiegi, fil-ġejjieni l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jagħti wkoll l-opportunità lill-parteċipanti li jistabbilixxu l-proġetti ta' solidarjetà tagħhom stess jew li jivvolontarjaw bħala grupp.



Aaron, min-Netherlands jinsab skjerat Berlin, fejn huwa jaħdem volontarju fi skola u ċentru ta' matul il-jum biex jgħallem lil refuġjati Sirjani u joħloq proġetti teatrali magħhom , jgħinhom fl-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà

Denisa mir-Rumanija u Andrew mill-Irlanda huma skjerati f'Rotterdam fejn jorganizzaw attivitajiet għal żgħażagħ li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati, inkluż attivitajiet kulturali, logħob u sports għal tfal bi bżonnijiet speċjali

U Theodoros mill-Greċja qiegħed qiegħed jagħmel xogħol volontarju fi Stuttgart fejn huwa jgħin biex itejjeb il-possibilitajiet ta' żgħażagħ fir-reġjun tad-Danubju biex isibu xogħol li jaqbel sew mal-ħiliet u l-isfond edukazzjonali tagħhom.

Il-volontarjat appoġġat mill-Erasmus+ flimkien ma' tmien programmi u strumenti oħra tal-UE kkontribwixxa għall-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għaż-żgħażagħ taħt il-**Korp Ewropew ta' Solidarjetà**. Fi żmien sena mit-tnedija tiegħu, irreġistraw aktar minn 42 000 żagħżugħ u żagħżugħa mill-Istati Membri kollha. Sal-aħħar tal-2017, sena mill-ftuħ tal-għodda ta' reġistrazzjoni online, ġew offruti aktar minn 2 500 kollokament liż-żgħażagħ[24]. F'Awwissu 2017, 16-il voluntier mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà waslu f'Norcia, l-Italja, wieħed mill-irħula li ntlaqtu ħażin minn diversi terremoti qawwija bejn Awwissu 2016 u Jannar 2017. Huma għenu fl-isforzi li għaddejjin sabiex jissewwew il-ħsarat u jerġgħu jinbnew is-servizzi soċjali għall-komunità lokali. B'kollox, sal-2020, se jkunu marru 230 voluntier fir-reġjuni tat-terremoti Taljani.

## Il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji (COSME)

Il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji huwa programm varjat, li jinkludi diversi azzjonijiet ta' appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji, ipprovduti permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji. Il-programm għandu erba' objettivi speċifiċi: L-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, l-aċċess għas-swieq, il-promozzjoni ta' negozju favorevoli għall-ambjent u l-kompetittività u l-promozzjoni tal-intraprenditorija.

L-**istrumenti finanzjarji** operati taħt il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji laħqu l-interess tal-intermedjarji finanzjarji fl-UE u fil-pajjiżi mhux tal-UE li qegħdin jipparteċipaw fil-programm, speċjalment għall-Faċilità ta' Garanzija ta' Self. Fl-aħħar tal-2017, il-Fond Ewropew tal-Investiment iffirma 87 ftehim għal garanziji ta' self għal volum totali ta' EUR 859 miljun, li 72 ftehim minnhom kienu appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. B'dawn il-ftehimiet, aktar minn 275 000 intrapriża żgħar u medji diġà rċevew aktar minn EUR 12,8-il biljun ta' finanzjament sal-aħħar ta' Diċembru 2017. L-iskema ta' finanzjament tal-programm għandha effett ta' ingranaġġ għoli billi ddawwar EUR 1 mill-baġit tal-UE fi EUR 30 ta' finanzjament għall-intrapriżi żgħar u medji.

L-iffirmar ta' ftehimiet għall-Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir ħa aktar fit-tul, billi l-ekwità tinvolvi proċessi aktar kumplessi ta' diliġenza dovuta u ta' ġbir ta' fondi. Fl-aħħar tal-2017, il-Fond Ewropew tal-Investiment investa permezz tal-Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir fi 12-il fond billi investa madwar EUR 157 miljun f'intrapriżi żgħar u medji fil-fażi tal-espansjoni u t-tkabbir tagħhom.

Żewġ terzi (EUR 365 miljun) tal-objettiv tal-programm għall-aċċess għas-swieq huwa ddedikat għan-**Netwerk Enterprise Europe**, l-akbar netwerk ta' ċentri ta' servizzi kummerċjali fid-dinja. Dawn jipprovdu firxa wiesgħa ta' appoġġ dwar l-internazzjonalizzazzjoni u appoġġ għall-ġestjoni tal-innovazzjoni, kif ukoll servizzi ta' konsulenza u sħubija għall-intrapriżi żgħar u medji li jkunu qegħdin ifittxu li jesportaw barra mill-pajjiż proprju tagħhom fi ħdan is-Suq Uniku tal-UE kif ukoll barra mill-Ewropa. Is-servizzi jvarjaw minn informazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE, żjarat fil-kumpaniji u kampanji ta' sensibilizzazzjoni għal servizzi speċjalizzati ta' konsulenza, missjonijiet fil-kumpaniji u avvenimenti ta' pariġġar u ta' senserija teknoloġika.

Għadha mhux disponibbli *data* dwar il-benefiċjarji għall-2017 minħabba d-durata ta' sentejn tal-għotjiet, madankollu madwar 254 000 intrapriża żgħar u medji rċevew appoġġ fl-2016 u huwa mistenni għadd simili ta' benefiċjarji għall-2017. Madwar 3 000 membru tal-persunal tan-netwerk kienu attivi f'avvenimenti lokali u pprovdew servizzi ta' konsulenza speċjalizzati lil 70 000 intrapriża żgħar u medji dwar l-aċċess għall-finanzi, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, in-negozju u t-teknoloġija u s-servizzi ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Madwar 25 000 ipparteċipaw f'avvenimenti ta' pariġġar.

*Mit-tiġdid tiegħu fl-2015, in-Netwerk Enterprise Europe laħaq 8 620 ftehim ta' sħubija bejn intrapriżi żgħar u medji bis-saħħa tas-servizzi ta' sħubija tan-Netwerk.*

Fl-2017, in-Netwerk espanda s-servizzi ta' konsulenza tiegħu b'Konsulenti ddedikati dwar it-Tkabbir li għenu intrapriżi żgħar u medji innovattivi żgħażagħ jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom barra l-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Id-*data* finali tar-rapportar dwar il-perjodu operattiv 2017-2018 hija mistennija f'Marzu 2019.

Fl-2017, **Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ** diġà laħaq il-livell ta' 5 800 skambju bejn imprendituri ġodda u esperjenzati mill-bidu tal-programm. Attwalment, l-iskema "Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ" qed tiġi implimentata minn netwerk ta' 175 organizzazzjoni intermedjarja lokali fi 33 pajjiż (minn 38 li qegħdin jipparteċipaw).

Ir-riżultati preliminari mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[25] tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji jindikaw li l-kunċett ġenerali tal-iskema kien ta' suċċess sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-imprendituri fis-suq Ewropew.

L-imprendituri ġodda li pparteċipaw bejn l-2014 u l-2016 ħolqu 241 kumpanija ġodda sa issa, u 'l fuq minn 1 000 impjieg ġdid. L-imprendituri ospitanti kkonfermaw ukoll l-effetti pożittivi billi nħolqu kważi 1 000 impjieg ġodda min-naħa tagħhom.

*58 % tal-imprendituri ta' esperjenza li pparteċipaw fil-programm COSME raw żieda fil-fatturat u 41 % raw żieda fl-impjiegi.*

Is-sejbiet preliminari tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu jindikaw li l-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u Medji (COSME) jippermetti ekonomiji ta' skala f'oqsma bħall-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji barra l-pajjiż jew għall-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali permezz

tat-tgħaqqid flimkien tal-isforzi nazzjonali u billi jiġu stabbiliti servizzi li jkunu neqsin minn massa kritika jekk jiġu pprovduti fuq livell nazzjonali. Is-sejbiet jindikaw ukoll li l-programm jipprovdi valur miżjud tal-UE pereżempju permezz tan-Netwerk Enterprise Europe li jappoġġa l-kumpaniji Ewropej fit-tkabbir tas-suq tagħhom barra mill-UE.

Madankollu, 20 fil-mija tal-baġit huwa mifrux fuq għadd kbir ta' azzjonijiet relattivament żgħar. Mingħajr ma jitqajmu dubji dwar is-siwi ta' azzjonijiet pilota flessibbli li min-natura stess tagħhom huma ta' skala żgħira, din il-frammentazzjoni għandha influwenza negattiva fuq il-potenzjal għall-kosteffiċjenza ta' dawn l-azzjonijiet u tista' xxekkel id-direzzjoni strateġika u l-koordinazzjoni tal-programm.

## Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa hija strument ta' finanzjament ewlieni tal-UE li jappoġġa investimenti fl-infrastruttura għall-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej ta' prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali. Il-programm jiffoka fuq proġetti tal-UE li għandhom l-għan li jiffinanzjaw is-sezzjonijiet transfruntiera u jeliminaw ir-restrinġimenti fit-trasport, billi jtemmu l-iżolament fil-qasam tal-enerġija u jżidu s-sigurtà tal-provvista fl-enerġija u billi jipprovdu soluzzjonijiet għall-UE kollha fl-infrastrutturi tas-servizzi diġitali li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-Ewropej kollha.

L-estensjoni tan-netwerk ewlieni u l-kurituri għall-pajjiżi ġirien ittejjeb il-konnettività u tikkontribwixxi biex tagħmel lill-UE attur globali aktar b'saħħtu. Fuq il-bażi tal-analiżi li għaddejja għat-tielet verżjoni tal-pjanijiet ta' ħidma dwar il-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni, l-investiment neċessarju għall-iżvilupp tad-disa' Kurituri tan-Netwerk Ewlieni sal-2030 jista' jiġġenera madwar EUR 4 500 biljun ta' PDG akkumulat matul dak il-perjodu. Dan ikun ifisser 1,8 % addizzjonali ta' PDG fl-2030 meta mqabbel mal-2015. L-għadd ta' snin ta' xogħol maħluqa bl-implimentazzjoni tad-disa' Kurituri tan-Netwerk Ewlieni jista' jlaħħaq madwar 13-il miljun impjieg[26].

> *Fl-2017 tlestew sezzjonijiet ewlenin, bħal-links ferrovjarji bejn Berlin u Munich, jew bejn Pariġi u Bordeaux, li t-tnejn infetħu għall-użu mill-pubbliku. Iż-żewġ proġetti ħadu bosta snin sabiex jitlestew u huma sezzjonijiet essenzjali fil-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni.*

Il-proġetti magħżula għall-finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fl-2017 jinkludu

> *Fis-settur tat-trasport: it-titjib tas-sezzjoni ferrovjarja itwal minn 100 km ta' Białystok-Ełk fil-Grigal tal-Polonja bħala parti mill-modernizzazzjoni tal-proġett Rail-Baltica; il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru fl-Istati Membri kollha tal-UE; l-espansjoni sħiħa tal-mina tat-triq ta' Karawanken li tgħaqqad is-Slovenja u l-Awstrija; l-iżvilupp ta' netwerk ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi b'veloċità għolja fl-Iżvezja, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fi Franza, fir-Renju Unit u fl-Italja.*
>
> *Fis-settur tal-enerġija: il-linja tal-Elettriku Litpol Link. Dan il-proġett qabbad il-grilji tal-pajjiżi Baltiċi ma' dawk tal-Ewropa tal-Punent (il-link tal-Litwanja mal-Polonja) għall-ewwel darba, biex temm l-iżolament fil-qasam tal-enerġija tal-pajjiżi Baltiċi.*
>
> *Fis-settur diġitali, 16-il Stat Membru qegħdin jużaw il-Pjattaforma ta' Servizzi Ewlenija tas-Saħħa elettronika u b'hekk iffaċilitat is-sigurtà u l-kontinwità tal-kura tal-pazjenti bejn il-fruntieri*

L-ewwel sejħa għat-taħlit tnediet fl-2017 taħt it-Trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa bil-għan li tgħaqqad l-għotjiet tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ma' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, kif ukoll banek promozzjonali nazzjonali jew investituri mis-settur privat. L-għan huwa li jiġu appoġġati proġetti ekonomikament vijabbli li jużaw finanzjament privat billi tiġi pprovduta għotja tal-UE sabiex titnaqqas id-diskrepanza tal-likwidità. Fl-ewwel fażi tas-sejħa għat-Taħlit tal-2017, l-akbar parti tal-finanzjament kienet iddedikata għall-iżvilupp tan-netwerk ferrovjarju Ewropew (EUR 719,5-il miljun), id-dekarbonizzazzjoni u t-titjib tat-trasport bit-triq (EUR 99,6 miljun), kif ukoll l-iżvilupp tal-portijiet marittimi (EUR 78,9 miljun) u l-passaġġi fuq l-ilma interni (EUR 44,7 miljun).

*Il-proġetti taħt is-sejħa għat-Taħlit tal-2017 jinkludu inizjattivi bħaż-żieda tal-veloċità transfruntiera tal-linja ta' aċċess ferrovjarju għall-mina ta' Fehmarnbelt bejn id-Danimarka u l-Ġermanja; it-tkabbir u l-modernizzazzjoni tal-linja ferrovjarja ta' Divača-Koper fis-Slovenja sabiex jittejbu l-kapaċità, is-sigurtà u l-affidabbiltà tagħha; l-adattament tal-aktar passaġġ fuq l-ilma intern Belġjan importanti, il-kanal Albert, għat-trasport akbar ta' merkanzija; kif ukoll it-titjib tal-kapaċità tal-Port ta' Gdansk fil-Polonja. Fil-qasam tal-Innovazzjoni u l-Fjuwils Alternattivi, intgħażlu diversi proġetti li jinkludu bosta Stati Membri bil-għan li jiġi skjerat iċċarġjar veloċi ħafna għall-vetturi elettriċi.*

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[27] tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa sabet li l-ħtiġijiet ta' investiment fl-iżvilupp tal-infrastruttura għadhom għoljin u għad hemm fallimenti tas-suq speċjalment fi proġetti transfruntiera kbar fejn l-ispejjeż huma preżenti fil-livell lokali jew nazzjonali, filwaqt li l-benefiċċji jinkisbu fuq skala Ewropea jew meta d-distribuzzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji fi proġetti ma' ħafna Stati Membri tkun asimetrika. Għalhekk, il-programm baqa' rilevanti u fil-biċċa l-kbira effettiv, minkejja li bosta proġetti fit-tul għadhom ma ġewx finalizzati.

Fit-trasport, 86 % tal-fondi attwalment allokati jirrigwardaw l-infrastruttura tat-trasport transfruntiera, iffukati prinċipalment fuq in-netwerk ewlieni u d-disa' kurituri li jridu jitlestew sal-2030. Fis-settur tal-enerġija, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa qiegħda tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-interkonnettività, bil-għan li jintemm l-iżolament fil-qasam tal-enerġija u jitlesta s-suq intern tal-enerġija. Fis-settur diġitali, il-programm instab li qiegħed jikkontribwixxi għall-iskjerament ta' infrastrutturi tas-servizzi diġitali li jippermettu lill-amministrazzjonijiet, liċ-ċittadini u lin-negozji li jibbenefikaw minn servizzi online bejn il-fruntieri. Madankollu, għad hemm bżonn ta' sensibilizzazzjoni sabiex jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal tiegħu. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kompliet tuża u tiżviluppa strumenti finanzjarji innovattivi, madankollu l-evalwazzjoni enfasizzat li l-użu tagħhom kien limitat parzjalment minħabba l-possibbiltajiet ġodda offruti mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

.

## L-ispazju

L-ekonomija u s-soċjetà tal-UE huma dipendenti dejjem aktar fuq applikazzjonijiet u servizzi bbażati fl-ispazju, b'interruzzjoni potenzjali x'aktarx tiswa ħafna flus f'termini ta' dħul għan-negozju, u aktar importanti, f'termini tas-sikurezza tal-bniedem[28].

Copernicus huwa l-programm tal-UE għall-osservazzjoni u l-monitoraġġ tad-dinja u bħala tali jirrappreżenta wieħed mill-akbar fornituri ta' *data* fid-dinja li jipprovdi valur miżjud addizzjonali, speċjalment ma' dak li jista' jinkiseb fuq livell nazzjonali. Copernicus, li huwa bbażat fuq sistema ta' satelliti u sensuri (stazzjonijiet tal-art, sensuri ttrasportati bl-ajru, sensuri fil-baħar), Copernicus jipprovdi informazzjoni affidabbli u aġġornata permezz ta' servizzi li jindirizzaw sitt oqsma tematiċi: l-art, il-baħar, l-atmosfera, it-tibdil fil-klima, il-ġestjoni ta' emerġenzi u s-sigurtà. Din l-informazzjoni tappoġġa diversi politiki u applikazzjonijiet tal-UE, mill-protezzjoni tal-ambjent għall-ippjanar reġjonali u lokali, l-agrikoltura, l-iżvilupp sostenibbli u s-sorveljanza tal-fruntieri.

Galileo u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja huma l-programmi ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE. Flimkien, dawn il-programmi jipprovdu sinjali ta' pożizzjonament u ta' ħin użati f'oqsma kritiċi tal-ekonomija bħan-netwerks tat-telefonija mobbli, in-navigazzjoni fil-karozzi u preċiżjoni akbar għall-inżul tal-inġenji tal-ajru.

*Is-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus ġie attivat aktar minn 80 darba fl-2017 sabiex jassisti atturi tal-protezzjoni ċivili u umanitarji f'attivitajiet ta' emerġenza. Id-diżastri koperti jinkludu: maltempati u għargħar fl-Ewropa, nirien fil-foresti fi Spanja, fil-Portugall, fil-Greċja, l-urugan Ophelia fl-Irlanda, l-irjieħ qawwija fil-Polonja u internazzjonalment – it-terremoti fil-Messiku u fl-Iraq u l-urugani Harvey u Irma fl-Istati Uniti u fil-Karibew.*

*Hemm 22 satellita Galileo fl-orbita, 18 minnhom operattivi u erba' varati f'Diċembru 2017, fil-fażi ta' ttestjar. Fl-2017 ukoll, kien hemm żieda fl-adozzjoni mis-suq, billi nbiegħu madwar 75 miljun smartphone abilitati għal Galileo. Pereżempju l-apparat prodott minn Apple, Samsung u Sony jinkludi chipsets abilitati għal Galileo.*

Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu finalizzata fl-2017[29], Copernicus jinsab fit-triq it-tajba u jwettaq l-objettivi tiegħu għalkemm mhux kollha qegħdin jintlaħqu fl-istess miżura. Id-*data* pprovduta hija ta'

kwalità tajba u affidabbli, li, flimkien mal-adozzjoni tal-politika ta' *data* b'xejn, hija wieħed mill-punti b'saħħithom tal-programm. Madankollu, l-evalwazzjoni wriet ukoll il-ħtieġa li jittejbu d-distribuzzjoni u l-aċċess għad-*data* u tissaħħaħ l-integrazzjoni tad-*data* spazjali ma' sorsi oħra tad-*data* u oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi oħra sabiex tinkiseb adozzjoni akbar mill-utenti.

Kemm Galileo kif ukoll is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja mexjin sewwa fit-twettiq tal-objettivi tagħhom kif muri mill-evalwazzjoni *interim*[30]. Fl-aħħar tal-2016 aktar minn 250 ajruport f'20 pajjiż kienu qegħdin jużaw il-proċeduri ta' avviċinament għall-inżul tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja[31].

*Mill-2018, il-mudelli ġodda kollha tal-karozzi mibjugħa fl-Unjoni Ewropea se jibbażaw fuq is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja u Galileo biex jikkalkulaw il-pożizzjoni tas-sejħiet ta' emerġenza fil-każ ta' inċidenti[32].*

L-evalwazzjoni identifikat ukoll xi kwistjonijiet ta' ineffiċjenza marbuta mal-istruttura tal-governanza. Pereżempju r-reattività baxxa tal-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet minħabba l-għadd ta' atturi involuti iżda wkoll minħabba struttura ta' governanza differenti bejn l-iskjerament, l-isfruttament u l-arranġament ta' ħidma bejn l-Aġenzija tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita u l-Aġenzija Spazjali Ewropea. Il-governanza tas-sigurtà kienet identifikata wkoll bħala sors ta' ineffiċjenza: it-tnedija tas-servizzi inizjali u t-tranżizzjoni mill-fażi ta' skjerament għall-fażi ta' sfruttament ħolqu sfidi li jeħtieġ li jiġu indirizzati sewwa sabiex jinżamm u jittejjeb il-livell xieraq ta' sigurtà.

*Dawn il-proġetti kellhom rwol ukoll fil-kriżi tar-refuġjati.* ***Copernicus, il-programm ta' Osservazzjoni tad-Dinja tal-UE*** *pprovda pereżempju immaġni biex jgħinu fil-monitoraġġ tal-portijiet u l-bajjiet identifikati bħala punti tat-tluq għall-bastimenti tal-migranti matul l-2015 u l-2016. Is-servizz ta' Tfittxija u Salvataġġ ta'* ***Galileo*** *naqqas drastikament iż-żmien sabiex jinstabu sinjali ta' diffikultà f'emerġenza minn massimu ta' tliet sigħat għal għaxar minuti biss, li tejjeb bil-kbir il-lokalizzazzjoni preċiża.*

## Ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)

Ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) għandu l-għan li juri l-fużjoni bħala sors ta' enerġija vijabbli u sostenibbli, bil-bini u t-tħaddim ta' reattur ta' fużjoni sperimentali, pass importanti lejn it-turija tal-fużjoni bħala sors ta' enerġija sostenibbli. Minħabba l-vantaġġi importanti tiegħu, bħad-disponibbiltà ta' riżervi kbar ta' fjuwil u n-nuqqas ta' emissjonijiet ta' $CO_2$, il-fużjoni tista' tikkontribwixxi b'mod qawwi għall-istrateġija fit-tul tal-UE ta' dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija b'mod sikur, effiċjenti u sigur. Huwa proġett uniku ta' kollaborazzjoni xjentifika fit-tul maqbul internazzjonalment bejn seba' msieħba (l-UE, l-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel, u l-Indja). L-għan huwa li r-reattur sperimentali li qed jinbena jipprova l-vijabbiltà tal-fużjoni bħala sors ta' enerġija sostenibbli.

Billi l-proġett jinvolvi l-bini ta' aktar minn għaxar miljun komponent, saru mijiet ta' kuntratti ma' istituzzjonijiet industrijali u ta' riċerka Ewropej. Sa Diċembru 2017, kien tlesta 50 % tax-xogħol totali ta' kostruzzjoni meħtieġ għall-ewwel stadju operattiv tal-ITER[33].

*L-ITER għandu bżonn il-kalamiti sabiex jassigura l-istabbiltà tal-plażma u fl-2017 ġiet żvelata l-aktar kalamita superkonduċenti sofistikata fl-istorja[34] u din qiegħda tinbena fl-Ewropa.*

Din il-kalamita hija għolja 14-il metru, wiesgħa disa' metri u tiżen 110 tunnellati. Din hija l-ewwel mit-18-il kojl tal-Kamp Torojdali li se joperaw fl-ITER. Il-kojls se joħolqu gaġġa manjetika b'saħħitha li se taqbad il-fjuwil tal-fużjoni li huwa mistenni jilħaq temperatura ta' 150 miljun grad Celsius. Il-kojls tal-kamp torojdali tal-ITER se jiġġeneraw kamp manjetiku li se jkun madwar miljun darba aktar b'saħħtu mill-kamp manjetiku tad-dinja. L-Ewropa se timmanifattura disgħa minnhom, u wieħed żejjed. Id-disgħa l-oħra se jiġu manifatturati fil-Ġappun. Se jkunu involuti mill-anqas 600 ruħ minn 26 kumpanija fil-produzzjoni ta' dawn il-kalamiti.

Ġew żviluppati prodotti, l-ewwel tax-xorta tagħhom, li pprovdew lill-kumpaniji Ewropej vantaġġ f'termini ta' innovazzjoni u kompetittività kif ukoll opportunitajiet sabiex jiżviluppaw l-għarfien u teknoloġiji u prodotti spin-off potenjzali. Sat-30 ta' Settembru 2017, kienu ffirmati 601 kuntratt ta' akkwist operattiv u 322 għotja għal total ta' EUR 3,97 biljun (valur tal-2008).

L-Ewropa qiegħda taħdem ukoll biex tibni parti mill-qoxra manjetika li se żżomm ir-reattur ta' fużjoni (ir-reċipjent taħt vakwu). Inbniet ukoll faċilità ta' ttestjar unika fl-Ewropa sabiex tittestja s-sistemi tat-tisħin li se jkunu meħtieġa fl-ITER[35].

## 1.2. Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (Intestatura Baġitarja 1B)[36]

Ġew allokati EUR 54 biljun għall-programmi taħt l-Intestatura 1B għall-2017, li jirrappreżentaw 34 % tal-baġit totali tal-UE għall-2017. L-Intestatura 1B tikkonsisti minn sitt programmi ta' nfiq differenti. Hija tkopri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew[37] — inkluża l-"Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ" (allokazzjoni supplimentari speċifika), u l-"Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn". Dawn il-programmi kollha jitwettqu taħt ġestjoni kondiviża.




*Tabella: Il-programmi prinċipali ffinanzjati taħt l-Intestatura 1B fl-2017. Il-kategorija "Programmi oħra"* tinkludi *l-kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, ir-Reġjuni Ultraperiferiċi u Skarsament Popolati, l-Assistenza Teknika u l-Proġetti Piloti u l-Azzjonijiet Preparatorji. Iċ-ċifri kollha huma f'miljuni ta' EUR.*

.

***Appoġġ għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea***

*L-interventi tal-Politika ta' Koeżjoni jikkontribwixxu għall-kisba ta' bosta mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni ta' Juncker, b'mod partikolari l-"Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment". Hija l-aktar strument ta' investiment importanti tal-UE għat-twettiq tal-objettivi ta' Ewropa 2020 billi tappoġġa t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fil-livell tal-UE u r-riformi strutturali fil-livell nazzjonali. Hija saret parti ewlenija tal-governanza ekonomika tal-Ewropa u kontributur ewlieni għall-elementi kollha tat-trijangolu virtuż tal-investiment, ir-riformi strutturali u finanzi pubbliċi responsabbli. Il-kondizzjonalitajiet ex ante rawmu kundizzjonijiet leġiżlattivi u strutturali favorevoli għal investimenti sodi b'effetti konsegwenzjali lil hinn mill-mandat uniku tal-Politika ta' Koeżjoni. Il-Politika hija mezz dejjem aktar importanti sabiex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi ekonomika fuq perjodu ta' żmien qasir u sabiex jittejjeb il-potenzjal endoġenu tar-reġjuni għall-iżvilupp fuq perjodu ta' żmien medju. Minbarra l-kondizzjonalitajiet makroekonomiċi tal-Politika, li joħolqu aktar stimolu għal politiki makroekonoiċi sodi, ir-regolament li jirregola l-Politika ta' Koeżjoni jipprovdi għal programmazzjoni mill-ġdid fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni jekk fl-eżerċizzju annwali jitfaċċaw Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) ġodda rilevanti għall-investiment. Il-Politika ta' Koeżjoni tikkontribwixxi għall-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u tikkumplimenta l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Dan qed isir b'diversi modi: bl-ingranaġġ tal-investiment pubbliku u privat, l-appoġġ għar-riformi strutturali, u t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament. Il-finanzjament qed jiġi investit b'mod strateġiku fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-appoġġ għan-negozji ż-żgħar u t-teknoloġiji diġitali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-objettivi ta' tkabbir intelliġenti tal-UE.*

*Hija tikkontribwixxi wkoll għas-"Suq Uniku Diġitali" u għall-"Unjoni tal-Enerġija u l-Klima". Bis-saħħa tal-akbar baġit tal-UE li qatt ġie allokat għall-investimenti fl-enerġija, l-ambjent, il-klima u t-trasport sostenibbli, qiegħed isir kontribut sinifikanti sabiex l-Ewropa titmexxa fuq perkors lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.*

*Il-Politika ta' Koeżjoni tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tas-suq intern kif ukoll għal għadd ta' azzjonijiet relatati mar-risposta għall-kriżi tar-refuġjati u l-politika dwar il-migrazzjoni u diversi kwistjonijiet soċjali, bħall-moderazzjoni tal-effetti tal-faqar u l-esklużjoni soċjali ta' persuni li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' deprivazzjoni estrema u l-appoġġ għall-impjieg (taż-żgħażagħ).*

Il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** u l-**Fond ta' Koeżjoni** għandhom l-għan li jsaħħu l-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jnaqqsu l-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni tagħha u jappoġġaw l-integrazzjoni sħiħa tar-reġjuni anqas żviluppati fi ħdan is-suq intern tal-UE. Il-**Fond Soċjali Ewropew** huwa l-istrument prinċipali tal-UE sabiex tappoġġa l-impjiegi, tgħin lill-persuni jiksbu xogħlijiet aħjar, tassigura opportunitajiet ta' impjieg aktar ġusti għal kulħadd u tappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. Il-**Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn** jappoġġa l-azzjonijiet tal-pajjiżi tal-UE sabiex jipprovdu assistenza lill-persuni l-aktar fil-bżonn, fosthom ikel, ħwejjeġ u miżuri ta' inklużjoni soċjali biex jgħinu lill-persuni joħorġu mill-faqar.

Il-politika ta' koeżjoni hija l-politika ta' investiment prinċipali tal-UE u hija mmirata lejn ir-reġjuni u l-ibliet kollha fl-UE sabiex tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negozju, it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli u t-titjib fil-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini.

Il-qafas regolatorju tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 ġie adottat madwar sitt xhur aktar tard meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013. Din l-adozzjoni tard tal-atti legali flimkien ma' rekwiżiti ġodda li jfittxu li jtejbu l-prestazzjoni tal-politika u l-kwalità tal-konsenja (eż. kondizzjonalitajiet *ex ante*, ħatra tal-awtoritajiet tal-programmi) wasslu għal dewmien fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-programmi għall-perjodu 2014-2020.

Minkejja dan, meta wieħed iħares lejn l-ewwel snin tal-programmi għall-perjodu 2014-2020, bdew jieħdu forma l-ewwel riżultati.

Filwaqt li bdiet aktar bil-mod milli fil-perjodu 2007-2013, ir-rata tal-għażla tal-proġetti fil-perjodu ta' programmazzjoni preżenti issa rkuprat. Sa Jannar 2018 kienu ntgħażlu 673 800 proġett għal appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ madwar l-Ewropa kollha, li kienu jammontaw għal EUR 260 biljun jew 54 % tal-finanzjament totali disponibbli għall-perjodu. Dan il-livell ta' għażla ta' proġetti matul il-perjodu 2014-2016 huwa komparabbli mal-ewwel snin tal-perjodu 2007-2013[38] u wieħed jista' raġonevolment jistenna li r-rati ta' implimentazzjoni minn issa 'l quddiem se jkunu b'mod ġenerali simili għal dawk fil-perjodu preċedenti.
Sal-aħħar tal-2017, tlestew 99 % tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-kondizzjonalitajiet *ex ante* li jaffettwaw il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Dawn il-kondizzjonalitajiet kienu maħsuba sabiex jipprovdu inċentiv lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw bidliet strutturali u riformi ta' politika, inklużi dawk marbuta mar-Rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-Pajjiż[39].

## Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni



*Tabella: Progress fl-implimentazzjoni (kost totali) għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Perjodu kopert sal-31/12/2017. Sors: https://cohesiondata.ec.europa.eu/funds/erdf*

Ir-rati ta' għażla tal-proġetti żdiedu b'mod sinifikanti, fejn laħqu 53 % għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, b'kemm jiswew EUR 147 biljun ta' investimenti li jkopru 160 000 proġett (meta mqabbel ma' EUR 72 biljun sal-aħħar tal-2016) u 64,3 % għall-Fond ta' Koeżjoni fl-aħħar tal-2017, EUR 48 biljun ta' investimenti li jkopru 8 600 proġett (meta mqabbel ma' EUR 19,6-il biljun sal-aħħar tal-2016. Dan jikkompara b'mod favorevoli mal-istess żmien fil-perjodu 2007-2013. Id-*data* fl-aħħar tal-2017 wriet progress aktar omoġenju fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u t-temi.

Minħabba n-natura fuq perjodu fit-tul speċifika tal-investimenti tal-fondi, il-livell ta' eżekuzzjoni finanzjarja (pagamenti tal-UE) fl-ewwel snin tal-perjodu ta' programmazzjoni għandu tendenza li jkun baxx, kif kien il-każ matul is-snin 2014-2016, b'żieda fl-aħħar snin ta' programmazzjoni. Dan japplika b'mod partikolari għall-proġetti l-kbar li, minħabba n-natura tagħhom bħala investimenti infrastrutturali kbar, ġeneralment ikollhom ċiklu tal-ħajja twil u fażi tal-bidu (ippjanar, programmazzjoni, awtorizzazzjonijiet)

mingħajr eżekuzzjoni finanzjarja sinifikanti. Fl-aħħar tal-2017, il-pagamenti għall-programmi kienu jlaħħqu 13 % fil-każ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u 18 % fil-każ tal-Fond ta' Koeżjoni.

*Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni jappoġġaw l-iżvilupp tas-Suq Uniku, filwaqt li jipproduċu wkoll effetti konsegwenzjali mir-reġjuni anqas żviluppati għall-bqija tal-Ewropa, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-konnettività u fil-flussi tal-kummerċ. L-impatt pożittiv medju nett tal-programmi 2007-2013 għall-pajjiżi mhux ta' koeżjoni huwa stmat għal 0,12 % tal-Prodott Domestiku Gross sal-2023.*[40]

Rigward il-kisbiet tal-programmi rrappurtati mill-Istati Membri sal-aħħar tal-2016, il-proġetti implimentati taħt il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali diġà pprovdew:

- appoġġ lil 84 579 intrapriża, li aktar minn 36 000 minnhom huma appoġġati bi strumenti finanzjarji;
- ingranaġġ ta' aktar minn EUR 593 miljun ta' investiment privat, li jippariġġa l-investiment pubbliku lill-intrapriżi (għotjiet u mhux għotjiet);
- il-ħolqien ta' 10 300 impjieg flimkien mal-impjieg ta' 636 riċerkatur ġdid;
- 41 800 unità domestika bi klassifikazzjoni mtejba tal-konsum tal-enerġija u tnaqqis ta' 14,9-il miljun kWh/sena fil-konsum annwali ta' enerġija primarja tal-bini pubbliku;
- 2,7 miljun ruħ li jibbenefikaw minn titjib fis-servizzi tas-saħħa; 156 000 ruħ addizzjonali servuti bi provvista mtejba tal-ilma u 73 000 servuti bi trattament imtejjeb tal-ilma mormi
- 54 km ta' toroq ġodda tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), 217-il km ta' toroq mibnijin mill-ġdid jew imtejba u 92 km ta' linja ferrovjarja mibnija mill-ġdid jew imtejba.

*Data riċenti*[41] *turi li l-fondi strutturali jikkostitwixxu sehem ta' aktar minn 40 % tal-investiment pubbliku f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri matul il-perjodu 2015-2017.*




*Tabella: Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni bħala proporzjon stmat tal-investiment pubbliku, 2015-2017. Sors: Eurostat, DĠ Regio http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/official/reports/cohesion7/7cr.pdf*

*Fir-rigward b'mod partikolari tal-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, il-proġetti magħżula sal-aħħar tal-2016 għandhom l-objettiv li joħolqu 155 600 impjieg dirett b'riżultat tal-appoġġ lill-intrapriżi żgħar u medji.*

Sal-aħħar tal-2017, il-proġetti magħżula għall-finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jipprovdu appoġġ lil aktar minn 450 000 intrapriża żgħar u medji. Fost dawk il-proġetti:

- aktar minn 200 000 minn dawk il-kumpaniji se jiġu appoġġati b'pariri u konsulenza (li tikkorrispondi għal 45 % tal-mira finali);
- intgħażlu aktar minn 70 000 negozju ġdid għall-appoġġ (46 % tal-mira), bil-proġetti li diġà tlestew jibbenefikaw aktar minn 16 800;
- se jiġu ingranati aktar minn EUR 9,5 biljun ta' investiment privati permezz ta' proġetti magħżula sal-aħħar tal-2016, li jippariġġa l-appoġġ pubbliku għall-intrapriżi (għotjiet u mhux għotjiet), b'EUR 0,6 biljun diġà miksuba.

Sal-aħħar tal-2017 ingħata appoġġ ukoll lil madwar 30 700 proġett ta' riċerka u innovazzjoni, li b'hekk assigura livell sinifikanti ta' investiment f'dan il-qasam u influwenza b'mod pożittiv in-nefqa domestika grossa tal-UE fuq ir-riċerka u l-iżvilupp.

Firxa wiesgħa ta' interventi fil-qasam tal-**edukazzjoni** (aktar minn 16 500 investiment fl-infrastruttura) u tal-inklużjoni soċjali ngħataw ukoll appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni, u b'hekk ikkontribwew għall-kisba tal-miri ewlenin relatati.

Il-kontribut għas-**Suq Uniku Diġitali** pprovdut permezz tal-programmi għall-perjodu 2014-2020 ukoll qiegħed iżid fir-ritmu. Sal-aħħar tal-2017, intgħażlu

madwar 5 500 proġett sabiex jappoġġaw il-kisba ta' Suq Uniku Diġitali konness, li jikkorrispondu għal EUR 9,1 biljun ta' investiment totali (li jgħaqqad flimkien il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-kofinanzjament nazzjonali).

Huwa mistenni li jiġu pprovduti wkoll kisbiet notevoli fil-qasam tal-**effiċjenza enerġetika u tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli** bil-proġetti magħżula sal-aħħar tal-2016, b'aktar minn 2 000 MW ta' kapaċità addizzjonali ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli; tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' aktar minn tliet miljun tunnellata ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju, li b'hekk jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima.

*Sal-aħħar tal-2016, madwar miljun unità domestika addizzjonali se jkunu koperti b'aċċess għall-broadband, li jgħin sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet korretti sabiex in-netwerks u s-servizzi diġitali jiffjorixxu, li jagħti lill-konsumaturi u lin-negozji aċċess aħjar għall-prodotti u s-servizzi diġitali madwar l-Ewropa, b'mod partikolari fiż-żoni rurali.*

Il-Politika ta' Koeżjoni kkontribwiet attivament ukoll għall-isforzi tal-Kummissjoni favur l-**integrazzjoni effettiva tal-migranti**, permezz ta' investiment f'aspetti soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-indukrar tat-tfal u l-infrastruttura, bis-saħħa ta' aktar minn 3 500 proġett li diġà ntgħażlu u qed jiġu implimentati fil-qasam tal-inklużjoni soċjali. Sabiex tingħata aktar prominenza u jiżdied il-fokus tal-investimenti b'appoġġ għall-migranti u r-refuġjati, ġiet proposta prijorità ta' investiment ġdida għall-inklużjoni fir-regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

L-evidenza ta' evalwazzjoni mill-Istati Membri dwar l-impatt u l-output tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 hija mistennija li tibda tasal mill-2018, minħabba li sa issa fil-biċċa l-kbira hija disponibbli biss *data* dwar il-progress tal-programmi. Sal-2018, il-proġetti se jkunu fi stadju aktar matur u se jiġu valutati l-ewwel riżultati.

Il-Kummissjoni nediet ukoll evalwazzjoni ta' proġetti maġġuri appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni bejn l-2000 u l-2013. Matul l-2018, il-Kummissjoni se twettaq ukoll l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-inizjattiva tal-Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS).

## Il-Fond Soċjali Ewropew u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

Il-Fond Soċjali Ewropew huwa l-istrument finanzjarju prinċipali tal-UE sabiex tappoġġa r-riformi strutturali fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, b'rabta diretta mal-prijoritajiet u l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 f'termini ta' impjiegi, edukazzjoni u faqar. Huwa jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali u għall-inklużjoni soċjali fi ħdan l-UE u jservi bħala strument għas-solidarjetà finanzjarja u għall-integrazzjoni ekonomika.

Hemm bosta evidenza li turi l-valur miżjud tal-UE tal-politiki appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew, li ma kinux jiġu implimentati jew kienu jiġu realizzati b'mod konsiderevolment anqas kieku ma kienx għall-investiment tal-UE. Fl-istess waqt, permezz tal-finanzjament Ewropew, l-Istati Membri jinvestu f'oqsma u gruppi fil-mira (jew iwettqu riformi) li kieku ma kinux iwettqu - anki meta jkun disponibbli finanzjament nazzjonali. Bħala tali, il-Fond Soċjali Ewropew jaġixxi bħala strument importanti sabiex jappoġġa l-isforzi ta' riforma ta' bosta Stati Membri f'oqsma ta' importanza kruċjali għall-ekonomija Ewropea f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew: ir-riformi fil-politiki tas-suq tax-xogħol, l-impjieg taż-żgħażagħ, il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u r-riformi amministrattivi.

Is-sena 2017 immarkat aċċellerazzjoni b'saħħitha tal-implimentazzjoni għall-programmi operazzjonali kollha minkejja differenzi importanti bejn l-Istati Membri u l-programmi. Ir-Rapport Strateġiku tal-2017[42] jenfasizza li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jipprovdu qafas ta' investiment stabbli, fuq perjodu fit-tul, għall-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom.

Matul l-2017 tħallsu kważi EUR 11,0-il biljun għall-programmi tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020 (inkluż il-prefinanzjament) u sal-aħħar tal-2017 ir-rata ta' assorbiment (pagamenti *interim* fil-konfront tal-

allokazzjoni għall-perjodu 2014-2020) kienet ta' 8,25 %. Minkejja l-livell baxx ta' nfiq iċċertifikat, ir-rata ta' għażla medja tal-proġetti kienet qabżet it-42 %, li turi li l-implimentazzjoni fil-post għaddejja sewwa, li jwitti t-triq għal kontribut qawwi tal-fondi strutturali għall-objettivi tal-Ewropa 2020 f'dawn l-oqsma.

Rigward l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, l-implimentazzjoni fl-2017 żiedet fir-ritmu. Sal-aħħar tal-2017, l-ispiża eliġibbli totali tal-operazzjonijiet magħżula għall-appoġġ kienet ta' kważi EUR 7 biljun filwaqt li ġew iddikjarati aktar minn EUR 3,20 biljun mill-benefiċjarji. Il-Kummissjoni kienet irċeviet madwar EUR 2,70 biljun f'applikazzjonijiet għal pagamenti tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ mill-Istati Membri (inklużi pagamenti *interim* u prefinanzjament inizjali u annwali).

Għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew, il-metodoloġija tal-ispejjeż simplifikati u l-ammont huma definiti minn qabel li jwassal għal tnaqqis tal-piż amministrattiv assoċjat mad-dokumentazzjoni li trid tinżamm għall-verifika tal-ġestjoni. In-nefqa totali mistennija li tiġi koperta mill-kostijiet unitarji hija madwar EUR 9 biljun.

Filwaqt li l-implimentazzjoni tvarja ħafna bejn l-Istati Membri u l-programmi operazzjonali, f'termini aggregati, sal-aħħar tal-2016 l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tal-Fond Soċjali Ewropew wettqet il-kisbiet li ġejjin:

*7,8 miljun parteċipant[43], inklużi 4,2 miljun persuna qiegħda u 2,1 miljun persuna mhux attiva; 1,6 miljun parteċipant kienu qiegħda fit-tul;*

*Fost dawk il-parteċipanti, 787 000 sabu impjieg wara operazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew jew tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, 820 000 kienu kisbu kwalifika wara li ħallew l-operazzjoni;*

*276 000 parteċipant kienu qegħdin isegwu kors edukattiv jew ta' taħriġ bis-saħħa tal-appoġġ tal-Fond;*

*458 000 parteċipant żvantaġġat, inklużi persuni bi sfond migranti, kienu involuti fi tfittix għal impjieg, kors edukattiv jew ta' taħriġ, kisbu kwalifika jew kellhom impjieg, inkluż impjieg indipendenti.*

Sa Settembru 2017 l-Istati Membri kienu diġà ddikjaraw li **kienu bbenefikaw 1,7 miljun żagħżugħ u żagħżugħ mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ.**

F'Ċipru u l-Bulgarija, 45 % tal-parteċipanti fl-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) sabu xogħol wara li spiċċaw mill-programm. Fl-Italja, 35 % tal-parteċipanti li temmew il-programm, issa għandhom impjieg.

Il-maġġoranza tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri, fir-rigward tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, ikkonkludew li l-interventi ġeneralment ipprovdew appoġġ lil dawk l-oqsma li għandhom l-aktar bżonn, bħal: dawk qiegħda fit-tul, iż-żgħażagħ mhux attivi u skuraġġati, dawn l-interventi kienu mistennija li jagħmlu impatt pożittiv sinifikanti. L-aħjar riżultati nkisbu fejn l-imsieħba tal-proġett u l-partijiet interessati, bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-iskejjel u l-muniċipalitajiet ikkooperaw flimkien. Sfida speċifika li ġiet identifikata kienet id-diffikultà biex jiġu avviċinati l-individwi li ma kinux f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, speċjalment dawk li jappartjenu għall-aktar gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, l-individwi li ma kinux f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ kienu jidhru li huma grupp fil-mira eteroġenu ħafna u kull grupp fil-mira jeħtieġ kombinazzjoni oħra ta' interventi meta jitqiesu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Apparti mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, ftit twettqu evalwazzjonijiet mill-Istati Membri relatati mal-Fond Soċjali Ewropew fis-snin preċedenti. B'mod ġenerali, dawn l-evalwazzjonijiet ikkonkludew li kien hemm effett pożittiv fuq il-kollokament f'impjieg u l-istabbiltà tal-impjieg.

## Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali huma ostakli ewlenin għall-kisba tal-objettivi ta' Ewropa 2020. Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn jikkomplementa l-istrumenti eżistenti ta' koeżjoni billi jipprovdi assistenza lil dawk li huma mbegħdin wisq mis-suq tax-xogħol sabiex jibbenefikaw mill-miżuri ta' attivazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew.

L-2017 rat l-implimentazzjoni u t-tnedija tal-programmi operazzjonali tal-Fond fuq il-post. Sal-aħħar tal-2017, l-interventi appoġġati mill-fond kienu qegħdin jiksbu r-riżultati fil-maġġoranza kbira tal-Istati Membri kemm f'termini ta' għoti ta' assistenza materjali, kif ukoll ta' attivitajiet ta' inklużjoni soċjali għall-persuni l-aktar fil-bżonn. Ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għall-2016 juru progress kontinwu fl-eżekuzzjoni tal-programmi.

*Fl-2016 huwa stmat li 15,3-il miljun ruħ ibbenefikaw minn operazzjonijiet ta' appoġġ alimentari, aktar minn 660 000 ruħ irċevew assistenza materjali bażika u qrib 23 000 ruħ kienu involuti f'attivitajiet ta' inklużjoni soċjali. Tqassmu 'l fuq minn 377 000 tunnellata ta' ikel kofinanzjati mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.*

L-implimentazzjoni tal-Fond fuq il-post hija riflessa wkoll fl-implimentazzjoni finanzjarja: sal-aħħar tal-2017, il-Kummissjoni kienet għamlet pagamenti għall-ammont ta' EUR 1,02 biljun, li EUR 602,8 miljun

minnhom fil-forma ta' pagamenti *interim* u EUR 419,5-il miljun fil-forma ta' prefinanzjament.

L-outputs u r-riżultati deskritti hawn fuq jindikaw li l-objettivi tal-Fond jinsabu fit-triq it-tajba sabiex jintlaħqu u li, minkejja li għandu baġit żgħir, dan l-istrument jikkomplementa l-isforzi nazzjonali sabiex jeqirdu l-faqar u jippromwovu l-inklużjoni soċjali. Barra minn hekk, huwa għodda ewlenija sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' faqar estrem kif ukoll sabiex jinbnew sħubijiet u netwerks, titqajjem kuxjenza u jiġi kondiviż l-għarfien fost l-operaturi.

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-2016 jindikaw il-kisbiet li ġejjin tal-programm:

- huwa stmat li fil-perjodu 2014-16 kien hemm 37,1 miljun każ ta' parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' appoġġ alimentari, 0,7 miljun każ ta' forniment ta' assistenza materjali bażika u qrib 23 000 parteċipant f'attivitajiet ta' inklużjoni soċjali.
- sal-aħħar tal-2016 tqassmu b'mod kumulattiv kważi 940 000 tunnellata ta' ikel.
- 50 % tar-riċevituri finali tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn huma stmati li huma nisa, kważi 30 % tfal ta' 15-il sena jew anqas u aktar minn 11 % huma migranti, parteċipanti bi sfond barrani jew minoranzi, inklużi komunitajiet emarġinati bħall-Komunità Rom.

Ir-riżultati *interim* tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li għaddejja tal-Fond juru li hemm effetti ta' volum ċari f'għadd ta' Stati Membri fejn dan l-istrument jimla vojt fil-kopertura nazzjonali. Fil-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja u s-Slovakkja, il-Fond huwa l-uniku sors ta' għajnuna alimentari. Anki fl-Istati Membri li għandhom kanali stabbiliti għall-għajnuna alimentari, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn huwa sors addizzjonali ta' finanzjament u jista' jġib prodotti addizzjonali għar-riċevituri finali (effett ta' volum). Barra minn hekk, hemm evidenza ta' effetti tal-proċess fi sħubijiet imtejba bejn l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi u l-amministrazzjonijiet ċentrali fil-konsenja tal-għajnuna alimentari u materjali.

L-evalwazzjoni turi wkoll li l-fond huwa effettiv sabiex inaqqas id-deprivazzjoni alimentari u jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali. Il-partijiet interessati japprezzaw u jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu ppreservati l-aspetti speċifiċi għall-fond bħall-flessibbiltà u r-rekwiżiti amministrattivi ġeneralment anqas stretti meta mqabbla mal-programmi normali tal-Fond Soċjali Ewropew, flimkien man-netwerks u l-modi ta' konsenja operazzjonali stabbiliti. Limiti baxxi jippermettu li l-għajnuna tiġi pprovduta lil persuni mhux milħuqa mis-servizzi soċjali bħall-persuni bla dar, migranti ġodda jew mhux dokumentati u anzjani fir-riskju tal-faqar. Huwa jiffaċilita wkoll risposti rapidi għal ħtiġijiet emerġenti u għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Ħafna mill-piż amministrattiv jirriżulta mir-rekwiżiti imposti fil-livell tal-Istati Membri, bħad-definizzjonijiet dojoq dwar l-eliġibbiltà.

## Aktar sejbiet ta' evalwazzjoni komuni għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni

Il-Kummissjoni wettqet għadd ta' evalwazzjonijiet[44] u studji[45] li analizzaw ir-riżultati tal-perjodu 2007-2013 u l-istadji bikrija tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020. L-evidenza miġbura tikkonferma l-kontribut importanti tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni sabiex jiġu ġġenerati t-tkabbir, l-impjiegi u l-investiment, kif ukoll l-impatt sinifikanti tagħhom sabiex tissaħħaħ il-konverġenza soċjoekonomika, u jittejbu l-ambjent u l-koeżjoni territorjali fl-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE.

L-evalwazzjoni *ex post* li għamlet il-Kummissjoni, tal-politika ta' Koeżjoni[46] matul il-perjodu 2007-2013, uriet l-effetti fit-tul kontinwi tal-Politika ta' Koeżjoni. Hija indikat ukoll li kull reġjun u pajjiż fl-Unjoni Ewropea jibbenefika mill-Politika ta' Koeżjoni, anki l-kontributuri netti, permezz tas-somma tal-effetti diretti u indiretti tagħha.

Id-*data* ta' monitoraġġ finali rrappurtata mill-Istati Membri għall-perjodu 2007-2013 turi l-kisbiet tal-politika ta' Koeżjoni f'xi oqsma ta' politika importanti.

*B'mod globali, inħolqu aktar minn 1,3 miljun impjieg b'finanzjament mill-perjodu 2007-2013 u aktar minn 355 000 SME ġew appoġġati direttament mill-politika ta' Koeżjoni.*

L-Istati Membri rrappurtaw żidiet sostanzjali fil-kisbiet fis-settur tat-trasport:

*Inbnew 6 500 km ta' toroq ġodda, ittejbu 41 000 km ta' toroq, inbnew 476 km ta' linji ferrovjarji ġodda u nbnew mill-ġdid 7 500. 15-il miljun ruħ addizzjonali ġew servuti bi provvista mtejba ta' ilma tax-xorb nadif u 19,7-il miljun ruħ addizzjonali ġew servuti b'faċilitajiet imtejba għat-trattament tal-ilma mormi. Il-popolazzjoni koperta mill-broadband żdiedet b'20,5 miljun ruħ matul il-perjodu 2007-2013 bis-saħħa tal-finanzjament mill-politika ta' Koeżjoni.*

Madankollu, għad hemm bżonn ta' riformi f'għadd ta' oqsma. Il-politika ta' koeżjoni rrispondiet għall-kriżi finanzjarja, fejn kellha rwol kontroċikliku b'effett ta' stabbilizzazzjoni, u għal ħtiġijiet emerġenti bħall-kriżi tal-migrazzjoni iżda l-kapaċità tagħha li tadatta għal ċirkustanzi u sfidi ġodda kienet limitata. Dan

jikkonferma l-ħtieġa li jiġi rieżaminat kif il-politika ta' koeżjoni tista' tipprepara u tirreaġixxi aħjar għal żviluppi, kriżijiet u bidliet soċjali mhux mistennija.

Filwaqt li kien hemm eżempji pożittivi ta' allinjament aktar mill-qrib bejn l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE fil-perjodu 2014-2020, hemm bżonn li jiġu massimizzati s-sinerġiji ma' politiki settorjali u programmi ta' nfiq oħra. L-esperjenza mill-perjodu 2014-2020 turi li għad hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali sabiex jiġu armonizzati r-regoli[47] u li s-sinerġiji ma' politiki settorjali u programmi bħal LIFE, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Orizzont 2020, Erasmus+, il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna ma ġewx sfruttati daqskemm setgħu.

Hemm regoli differenti bejn il-fondi tal-UE li jinvestu fl-iżvilupp tal-kapital uman. Din il-frammentazzjoni twassal għal ineffiċjenzi. Barra minn hekk, il-komplementarjetajiet, l-impatt u l-viżibbiltà tal-miżuri huma mxekkla mill-frammentazzjoni attwali tal-fondi. Barra minn hekk, l-assistenza materjali bażika pprovduta mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn tista' tiġi integrata aħjar mal-miżuri dwar l-inklużjoni soċjali u l-impjegabbiltà taħt il-Fond Soċjali Ewropew.

Il-benefiċjarji tal-proġetti għadhom isibu diffikultajiet sabiex jaċċessaw dawn il-fondi u jwettqu l-proġetti malajr. L-awtoritajiet fil-livell nazzjonali u reġjonali jsibu wkoll il-politika kumplessa wisq sabiex jimmaniġġjawha. Għalhekk, għall-ġejjieni huwa meħtieġ sforz b'saħħtu sabiex tiġi simplifikata aktar l-implimentazzjoni u għal programmazzjoni aktar aġli u flessibbli. F'għadd ta' rapporti speċjali[48], il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għamlet osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet rigward is-simplifikazzjoni għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, fejn sejħet għas-simplifikazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni, għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tad-dewmien fl-implimentazzjoni, għall-allinjament tal-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali u għar-razzjonalizzazzjoni tal-għadd ta' indikaturi li jintużaw.

## 1.3. Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali (Intestatura Baġitarja 2)[49]

Fl-2017 ġiet allokata s-somma ta' EUR 58,6 biljun għall-Intestatura 2, li tirrappreżenta 37 % tal-baġit totali tal-UE għall-2017. L-Intestatura 2 tkopri ż-żewġ pilastri tal-Politika Agrikola Komuni: il-Pilastru I jikkonsisti mill-miżuri ta' appoġġ għas-suq u mill-pagamenti diretti ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija; u l-Pilastru II jinkludi l-appoġġ għall-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. L-intestatura tkopri wkoll il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, id-dimensjoni internazzjonali tal-Politika Komuni tas-Sajd (jiġifieri l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd u l-Ftehimiet dwar Sajd Sostenibbli), kif ukoll l-attivitajiet fl-oqsma tal-klima u l-ambjent permezz tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE).




*Tabella: Il-programmi prinċipali ffinanzjati taħt l-Intestatura 2 fl-2017. Il-kategorija "Programmi oħra" tinkludi l-Aġenziji deċentralizzati, il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji. Iċ-ċifri kollha huma f'miljuni ta' EUR.*

*Appoġġ għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea:*

*L-azzjonijiet taħt din l-intestatura jikkontribwixxu għall-kisba tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni "Impjiegi, Tkabbir u Investiment", "Unjoni tal-Enerġija u Klima" u sa ċertu punt, għall-prijorità "Suq Uniku Diġitali", kif ukoll għal "Politika kummerċjali bilanċjata u progressiva sabiex tiġi sfruttata l-globalizzazzjoni". Huma jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi ta' Ewropa 2020 fil-qasam tat-tkabbir sostenibbli b'rabtiet mat-tkabbir intelliġenti u inklużiv fir-rigward tal-investimenti li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-innovazzjoni.*

*Il-produzzjoni vijabbli tal-ikel, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat huma l-objettivi ewlenin tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) fil-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. Il-miżuri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija huma ffokati fuq it-titjib ulterjuri tas-sitwazzjoni tal-produtturi primarji fil-katina tal-ikel, it-tisħiħ tal-kompetittività tas-setturi tal-irziezet u agroalimentari u l-appoġġ għad-dħul tal-irziezet permezz ta' pagamenti diretti li fil-biċċa l-kbira huma diżakkoppjati mill-produzzjoni. Taħt it-tieni pilastru tal-Politika Agrikola Komuni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jimmira għall-benesseri ekonomiku, soċjali u ambjentali taż-żoni rurali, u għas-sostenibbiltà tal-ambjent rurali.*

*Il-prijorità ewlenija tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd taħt il-qafas finanzjarju 2014-2020 hi li jrawwem l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd billi jappoġġja s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli għall-ambjent, effiċjenti fir-riżorsi, innovattivi, kompetittivi u bbażati fuq l-għarfien. Objettivi oħra jinkludu ż-żieda fl-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni territorjali, it-tisħiħ tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ lill-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata. Il-programm LIFE huwa strument ta' finanzjament speċifiku ddedikat għall-ambjent u l-azzjoni klimatika, li jopera flimkien mal-approċċ ta' razzjonalizzazzjoni adottat għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, li jimplika li l-ambjent u l-azzjoni klimatika huma parti integrali mill-istrumenti u l-interventi ewlenin kollha.*

*Il-programmi taħt l-Intestatura 2 jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-impenji tal-UE relatati mal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u mal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.*

L-2017 kienet sena ta' riflessjoni dwar il-futur tal-Politika Agrikola Komuni. B'mod partikolari, saret enfasi fuq kwistjonijiet ta' simplifikazzjoni, modernizzazzjoni, kif ukoll il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel. Wara konsultazzjoni wiesgħa, il-Kummissjoni f'Novembru 2017 ippubblikat il-Komunikazzjoni dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja[50]. Hija tispjega l-mudell futur ta' implimentazzjoni għal Politika Agrikola Komuni aktar intelliġenti, moderna u sostenibbli. Il-politika trid tkun aktar flessibbli, immexxija mir-riżultati, tixpruna s-sussidjarjetà u r-responsabbiltà billi tagħti lill-Istati Membri rwol ferm akbar fl-implimentazzjoni tal-iskemi ta' finanzjament, issegwi miri maqbula, realistiċi u adegwati, u tgħin sabiex il-benefiċjarji jonqsilhom il-piż amministrattiv relatat mal-UE.

Din il-Komunikazzjoni wriet li s-settur żied il-produttività tiegħu bi kważi 9 % mill-2005 sal-lum filwaqt li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) naqsu b'24 % mill-1990 'l hawn u naqas ukoll l-użu tal-fertilizzanti li ħalla impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-ilma. Hija madankollu wriet ukoll li d-dħul agrikolu għadu lura meta mqabbel mas-salarji fl-ekonomija sħiħa.

L-effettività tal-politika agrikola tal-UE tidher mill-istatistika dwar il-kummerċ:

*Fl-2017, il-valur tal-esportazzjonijiet tal-ikel agrikolu laħaq EUR 137,9 biljun, żieda ta' 5,1 % meta mqabbel mal-2016.*

Fl-2017, il-Kummissjoni kkonsultat ukoll dwar il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel u fir-rigward tal-Prattiki Kummerċjali Żleali u f'April 2018 adottat proposta sabiex jiġu pprojbiti l-prattiki kummerċjali żleali li jagħmlu l-aktar ħsara fil-katina tal-provvista tal-ikel sabiex ikun assigurat trattament aktar ġust għan-negozji żgħar u medji tal-ikel u l-biedja.

## Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

Matul l-ewwel snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, l-implimentazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija mxiet mingħajr problemi, inklużi xi miżuri ta' appoġġ għas-suq ta' tul ta' żmien limitat. B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni miexja tajjeb mingħajr diffikultajiet sinifikanti u b'evoluzzjoni pożittiva fl-eżekuzzjoni matul is-snin.

## In-nefqa marbuta mas-suq

Il-miżuri ta' appoġġ għas-suq fis-settur tal-frott u l-ħaxix u tal-bhejjem għenu sabiex jibbilanċjaw mill-ġdid is-setturi kkonċernati. B'mod partikolari, l-għajnuna ta' aġġustament u l-għajnuna għat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-ħalib għall-bdiewa produtturi tal-ħalib (introdotti fl-2016), għenu sabiex jiġi mmaniġġjat l-iżbilanċ fis-suq ikkawżat minn diversi fatturi makroekonomiċi (l-iskadenza tal-kwoti tal-produzzjoni, il-kollass ta' ċerti swieq kummerċjali importanti barra mill-UE). Dawn il-programmi ta' għajnuna pprovdew appoġġ effettiv lill-produtturi affettwati fl-Istati Membri.

Il-valuri totali tal-esportazzjonijiet matul l-aħħar 12-il xahar jirriflettu żieda kontinwa b'EUR 6,7 biljun fl-2017 (+5,1 %) u b'mod partikolari l-irkupru fl-esportazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib (EUR +1,0 biljun għat-trab tal-ħalib u l-butir; EUR +530 miljun għall-prodotti friski tal-ħalib u l-ġobon), taz-zokkor (EUR +271 miljun), taż-żejt taż-żebbuġa (EUR +153 miljun). Iż-żieda sostanzjali fl-esportazzjonijiet taz-zokkor matul l-aħħar kwart tal-2017 kienet relatata mat-tmiem tal-kwoti fuq il-produzzjoni taz-zokkor minn Ottubru 2017 li jikkompleta t-tneħħija tal-limitazzjonijiet preċedenti fuq il-provvista mill-PAK u jsaħħaħ l-approċċ tiegħu ta' orjentazzjoni lejn is-suq. Bl-istess mod, is-suċċess tal-programmi ta' appoġġ nazzjonali għall-inbid jidher mill-iżvilupp fit-tul tal-esportazzjonijiet tal-inbid tal-UE - li, bejn l-2012 u l-2016, komplew jiżdiedu fil-valur minn EUR 8,9 biljun għal EUR 10,7 biljun u ġabu kontribuzzjoni netta ta' EUR 7,9 biljun għall-bilanċ kummerċjali favorevoli tal-UE. Din ix-xejra jidher li kompliet fl-2017: l-esportazzjonijiet tal-inbid raw espansjoni (EUR +1,2 biljun meta mqabbel maċ-ċifra tal-2016, b'kontribuzzjoni netta għall-bilanċ kummerċjali pożittiv li żdiedet għal EUR 9,2 biljun).

Fl-2017, l-Istati Membri li kienu qegħdin jipparteċipaw fl-Iskema tal-Frott u l-Ħaxix għall-Iskejjel tal-UE ppreżentaw rapporti ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-iskema matul l-aħħar ħames snin. Il-biċċa l-kbira tar-rapporti juru impatt pożittiv fuq perjodu ta' żmien qasir (żieda fil-konsum tal-frott u l-ħaxix mit-tfal fl-iskola) u xi wħud josservaw bidliet fil-frekwenza jew fl-ammont tal-mudelli ta' konsum. Il-biċċa l-kbira tar-rapporti jenfasizzaw ukoll żviluppi pożittivi fl-għarfien u fl-attitudni tat-tfal lejn l-ikel tajjeb għas-saħħa. L-iskema kienet valutata pożittivament mit-tfal, l-għalliema u l-ġenituri, b'appoġġ kważi unanimu għat-tkomplija tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali għat-titjib jirrigwardaw frekwenza u diversità xierqa tal-provvista tal-frott u l-

ħaxix, l-involviment aktar sistematiku tal-għalliema u l-ġenituri, komunikazzjoni aħjar, u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv..

## Pagamenti diretti




*Figura: Distribuzzjoni tal-appoġġ dirett tal-UE lill-bdiewa, sors: AAR Agri*

Fis-sena tat-talba 2016 (is-sena finanzjarja 2017) li kienet it-tieni sena ta' implimentazzjoni tas-sistema riformata, madwar seba' miljun bidwi bbenefikaw minn pagamenti diretti u ż-żona totali determinata mħallsa kienet tkopri madwar 85 % taż-Żona Agrikola Użata tal-UE (178 miljun ettaru).

Kompla l-ibbilanċjar mill-ġdid tad-distribuzzjoni tal-pagamenti bejn u fi ħdan l-Istati Membri: id-*data* tikkonferma li l-pagamenti diretti medji għal kull ettaru qegħdin jikkonverġu (fil-livell tal-Istati Membri u tal-bdiewa)[51].

Id-diversi skemi li jippermettu aktar immirar tal-ħtiġijiet ta' ċerti kategoriji ta' benefiċjarji, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, il-bdiewa żgħar u ċerti setturi jew reġjuni speċifiċi bi problemi strutturali, huma implimentati b'mod sħiħ. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri rrevedew id-deċiżjonijiet tagħhom fil-limiti tal-flessibbiltà mogħtija mis-sistema l-ġdida sabiex jaġġustaw il-modalitajiet ta' implimentazzjoni abbażi tal-esperjenza miksuba fl-ewwel sena. Fis-sena finanzjarja 2016, il-pagamenti lill-bdiewa f'xi każijiet saru aktar tard mis-soltu billi din kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tar-riforma. Madankollu, diġà fis-sena finanzjarja 2017, l-implimentazzjoni kienet aktar viċin tar-ritmu normali u huwa mistenni li l-implimentazzjoni tal-Istati Membri se titjieb ulterjorment fis-snin ta' wara.




*Graff: Nefqa ta' pagamenti diretti għal kull ettaru ta' PEA għal kull Stat Membru – 2016, Sors: https://ec.europa.eu/agriculture/sites/agriculture/files/statistics/facts-figures/direct-payments.pdf*

Il-pagament għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent (hekk imsejjaħ "pagament ta' ekoloġizzazzjoni") ġie introdott bir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni fl-2013 sabiex jipprovdi benefiċċji ambizzjużi għall-klima u l-ambjent. Huwa jammonta għal 30 % tal-pakketti ta' pagament dirett annwali tal-Istati Membri. L-azjendi agrikoli soġġetti għal mill-anqas wieħed mit-tliet obbligi ta' "ekoloġizzazzjoni" jkopru madwar 79 % taż-żona agrikola totali tal-UE. Madankollu, l-evalwazzjoni dwar il-pagament għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent[52] sabet li l-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni ma rrealizzawx b'mod sħiħ il-potenzjal maħsub tagħhom. Abbażi tad-*data* mill-implimentazzjoni fl-2015 u fl-2016, l-effetti globali mhumiex ċerti iżda jidhru pjuttost limitati u varjabbli madwar l-Istati Membri. Huma jidhru li kellhom effett negliġibbli fuq il-produzzjoni jew il-vijabbiltà ekonomika tal-irziezet.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-arkitettura ambjentali u klimatika ġenerali attwali tal-Politika Agrikola Komuni rriżultat aktar kumplessa u diffiċli biex tiġi mmaniġġjata. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonkludiet li l-ekoloġizzazzjoni żiedet kumplessità sinifikanti għall-Politika Agrikola Komuni, li ma kinitx ġustifikata fid-dawl tar-riżultati li l-ekoloġizzazzjoni kienet mistennija li tipproduċi[53]. Hija semmiet li billi l-ekoloġizzazzjoni għandha elementi komuni mal-istrumenti ambjentali l-oħra taħt il-Politika Agrikola Komuni, hemm ir-riskju ta' deadweight u finanzjament doppju, għalkemm ċerti deċiżjonijiet u azzjonijiet mill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmitigaw dawn ir-riskji.

.

## Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

Taħt it-tieni pilastru tal-PAK, il-programmi tal-iżvilupp rurali jagħmlu kontribut fundamentali għall-prijoritajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-UE, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali tal-agrikoltura u ż-żoni rurali madwar l-UE. L-appoġġ għal proġetti interattivi ta' innovazzjoni taħt is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni fl-Agrikoltura kif ukoll l-appoġġ għat-taħriġ u d-diversifikazzjoni għandhom l-għan li jgħinu sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Ewropa 2020 billi jħeġġu l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. Fl-2017, l-

Istati Membri ppreżentaw it-tieni Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni tagħhom li kienu jkopru l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2016. Minkejja l-adozzjoni tardiva ta' ċerti programmi, primarjament minħabba l-adozzjoni tardiva tal-qafas leġiżlattiv, l-implimentazzjoni miexja b'ritmu tajjeb. Dawn ir-rapporti ta' implimentazzjoni ġeneralment jikkonfermaw aċċellerazzjoni stabbli fil-livelli ta' nfiq li pattiet għad-dewmien tal-bidu.

Sal-aħħar tas-sena finanzjarja 2017, il-livelli ta' nfiq laħqu 21 % tar-riżorsi totali tal-UE għall-iżvilupp rurali (eskluż il-prefinanzjament imħallas lill-Istati Membri) pariġġati minn 42,7 % f'termini ta' impenji fuq in-nefqa pubblika totali ppjanata. Għalhekk, l-aħħar ċifri disponibbli dwar l-outputs u r-riżultati (tmiem l-2016) għadhom mhumiex kompletament rappreżentattivi. Fis-snin li ġejjin hija mistennija aċċellerazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi, b'mod partikolari fir-rigward tal-investimenti u l-operazzjonijiet ta' ħolqien tal-impjiegi. Diġà jistgħu jiġu indikati xi riżultati pożittivi, bil-kisba ta' 60 % tal-miri 2020 għall-art agrikola taħt kuntratti ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-ġestjoni tal-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma, u 89 % għall-mira 2020 għall-popolazzjoni rurali koperta mill-istrateġiji għall-iżvilupp lokali.

*Il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali ppermettew li[54] 43 400 azjenda agrikola jinvestu f'ristrutturar jew f'modernizzazzjoni;*

*12 100 azjenda agrikola bi żvilupp appoġġat tan-negozju u investimenti għall-bdiewa żgħażagħ;*

*5 600 azjenda agrikola jipparteċipaw fi skemi tal-kwalità, fi ktajjen tal-provvista qosra, fis-swieq lokali jew fi gruppi/organizzazzjonijiet tal-produtturi;*

*61 800 azjenda agrikola jiġu koperti bi skemi ta' ġestjoni tar-riskju.*

Għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali 2014-2020, tnedew għadd ta' inizjattivi li huma mistennija li jtejbu l-effiċjenza u l-effettività tan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, pereżempju:

- Modifiki permezz tal-hekk imsejjaħ Regolament Omnibus[55] sabiex itejbu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju għall-bdiewa, inaqqsu l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u jissimplifikaw il-kundizzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji.
- L-użu tal-Għażliet tal-Ispejjeż Issimplifikati f'64 % tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali qed itejjeb l-effiċjenza u l-effettività tan-nefqa u jnaqqas il-piż amministrattiv.
- Rigward l-użu tal-istrumenti finanzjarji għall-ingranaġġ u t-tidwir tal-baġit għall-iżvilupp rurali, il-fond qiegħed fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira li jirdoppja l-użu tal-istrumenti finanzjarji meta mqabbel mal-perjodu 2007-2013.

Eżempji ta' Proġetti Taħt l-Iżvilupp Rurali[56]:

***Akkwaponika – serra għall-produzzjoni innovattiva tal-ikel fl-Iżvezja***

*Sommarju tal-Proġett*

*L-ambjent qiegħed isofri dejjem aktar telf ta' nutrijenti tal-ħamrija, filwaqt li fl-istess ħin hemm problema bl-ammont eċċessiv ta' nutrijenti fil-lagi u fl-ibħra. Peckas Naturodlingar investiet f'teknoloġija li tgħaqqad flimkien il-kultivazzjoni tat-tadam mat-trobbija tal-ħut f'sistema magħluqa. L-ilma nutrittiv mill-ħut jiġi dirett lejn it-tadam li jieħu n-nutrijenti. L-ilma nadif imbagħad jitwassal lura għand il-ħut. B'dan il-mod, in-nutrijenti kollha u l-ilma jintużaw b'mod effiċjenti, u ma jinħela xejn mis-sistema. L-appoġġ mill-programm tal-iżvilupp rurali Żvediż intuża sabiex tinbena serra ta' 4 000m$^2$. Is-serra l-ġdida għamlitha possibbli li tiżdied il-produzzjoni tat-tadam għall-bejgħ.*

*Riżultati tal-proġett*

*F'Jannar 2018, Peckas ikkonsenjat l-ewwel lott tagħha ta' tadam lil ħwienet tal-merċa f'Härnösand. Il-produzzjoni kollha tat-tadam għall-2018 ġiet ibbukjata mill-kumpanija distributriċi "Gronsakshuset". 100 % tal-ilma mimli nutrijenti mill-farm tal-ħut jiġi ċċirkolat f'sodda bijoloġika / sodda tal-pjanti u mbagħad lura għall-farm tal-ħut. Dan iwassal għal ħtieġa anqas ta' ilma u n-nutrijenti kollha fl-ilma jintużaw fil-kultivazzjoni tat-tadam.*

***Bini mill-ġdid ta' triq forestali għal protezzjoni effettiva min-nirien tal-foresti fis-Slovakkja***

*Sommarju tal-proġett:*

*It-triq forestali barra l-villaġġ ta' Hrusovo fin-Nofsinhar tas-Slovakkja kienet f'kundizzjoni ħażina u kien meħtieġ intervent sabiex terġa' tiġi stabbilita l-funzjonalità tat-triq. L-attività prinċipali ta' dan il-proġett kienet il-bini mill-ġdid tat-triq billi jingħata asfalt ġdid. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kienu jinkludu l-modifika tal-għoljiet kontigwi, il-kostruzzjoni ta' swieqi, inklużi fronti tal-konkrit mill-pajpijiet tal-konkrit rinforzat, kif ukoll kanali tad-drenaġġ tal-konkrit, drainage ribs, ħniedaq tat-toroq u gandotti tad-drenaġġ. Inbena wkoll torri tal-injam.*

*Ir-riżultati tal-proġetti:*

*Il-proġett jippermetti lill-awtoritajiet li jaċċessaw is-sit is-sena kollha kif meħtieġ;*

*It-torri tal-injam jippermetti l-monitoraġġ tas-sit u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni kontra n-nirien;*

*It-triq forestali l-ġdida li nbniet tippermetti l-implimentazzjoni ta' ġestjoni u manutenzjoni tal-foresta.*

L-istrumenti finanzjarji huma pprogrammati b'mod sħiħ f'27 programm fi tmien Stati Membri b'baġit pubbliku totali ta' EUR 669 miljun (EUR 465 miljun mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, EUR 204 miljun ta' kofinanzjament nazzjonali). It-taħriġ immirat dwar l-istrumenti finanzjarji jgħin lill-awtoritajiet maniġerjali jimplimentaw skemi ta' strumenti finanzjarji speċifiċi. Dawn tal-aħħar jistgħu jintużaw mill-bdiewa, il-forestiera u n-negozji rurali, inkluż permezz ta' kombinazzjoni ta' strumenti finanzjarji u għotjiet. L-istrumenti finanzjarji taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jistgħu jiġu implimentati flimkien mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi żviluppat mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni.

L-implimentazzjoni tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali hija soġġetta għal għadd ta' kondizzjonalitajiet *ex ante*. Għal xi wħud minnhom, kellhom jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi bil-għan li tintlaħaq konformità sħiħa sal-aħħar tal-2016. Ġew implimentati b'suċċess il-pjanijiet ta' azzjoni kollha ħlief wieħed u għalhekk il-kondizzjonalitajiet jistgħu jitqiesu bħala ssodisfati.

Hemm fis-seħħ qafas komuni komprensiv ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu 2014-2020. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri esprimiet xi tħassib fir-rigward tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u tal-indikaturi relatati u nnotat li r-rapportaġġ dwar il-prestazzjoni jista' ma jipprovdix informazzjoni fil-ħin għat-tfassil tal-politika futura, u għall-ġestjoni tal-baġit bir-riżultati[57]. Il-Qorti rrikonoxxiet li l-qafas ta' prestazzjoni kellu l-għan li jtejjeb l-approċċ ibbażat fuq ir-riżultati u stiednet lill-Kummissjoni sabiex tirrieżamina u tivvaluta l-esperjenza mill-implimentazzjoni tas-sistema attwali għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020. Barra minn hekk, il-Qorti sostniet li l-programmi tal-iżvilupp rurali kienu approvati tard, kienu twal wisq, u kienu jinvolvu dokumenti kumplessi, li juru nuqqasijiet li jxekklu l-konċentrazzjoni fuq il-prestazzjoni u r-riżultati.

Evalwazzjoni tal-miżuri dwar il-forestrija taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali waslet biex tiġi finalizzata (nofs l-2018). Ir-riżultati preliminari juru li l-Fond jipprovdi sett koerenti ta' miżuri li kapaċi jkopru l-ħtiġijiet tas-settur forestali u jippromwovu ġestjoni sostenibbli tal-foresti f'żoni rurali. Il-flessibbiltà tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali ppermettiet lill-Awtoritajiet Maniġerjali li jadattaw il-miżuri għall-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet lokali, u li jipprovdu appoġġ immirat ħafna. Madankollu, l-effettività tal-miżuri forestali baqgħet dipendenti ħafna fuq id-dettall tat-tfassil tal-miżuri fil-livell tal-programm, u fejn, meta u għal kemm żmien dan jiġi implimentat mill-benefiċjarji.

Is-sinteżi tal-evalwazzjonijiet *ex post* tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013 qed tiġi finalizzata[58]. Din l-evalwazzjoni tibni fuq l-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri. Is-sejbiet preliminari mis-sinteżi tal-evalwazzjonijiet *ex post* tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013 juru li l-programmi pprovdew effetti pożittivi fuq it-titjib tal-kompetittività u l-ambjent. Madankollu, l-effettività tal-miżuri relatati mal-kwalità tal-ħajja u d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet kienet imxekkla min-nuqqas ta' prijoritizzazzjoni u baġit.

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali kien soġġett ukoll għall-iskrutinju tal-**Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Simplifikazzjoni** li ta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-ġestjoni aħjar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fl-2017. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali huwa kopert, flimkien ma' Fondi oħra, minn għadd ta' studji li għaddejjin bħalissa, b'mod partikolari fl-oqsma ta' a) is-simplifikazzjoni, b) il-koordinament u l-armonizzazzjoni tal-Fondi, u c) il-modi alternattivi possibbli ta' implimentazzjoni. Is-sejbiet preliminari tal-istudju dwar is-simplifikazzjoni juru piż amministrattiv u spejjeż amministrattivi ogħla għall-Fond tal-Iżvilupp Reġjonali meta mqabbel ma' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej oħra.

## Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

Wara bidu diffiċli minħabba l-adozzjoni tard tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, l-2017 immarkat aċċellerazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Fond fil-maġġoranza tal-Istati Membri.

Matul l-2017, ir-rata ta' implimentazzjoni bdiet iżżid fir-ritmu b'mod konsiderevoli. L-għadd ta' operazzjonijiet (eskluża l-assistenza teknika) żdiedu b'aktar mid-doppju, minn 6 200 fl-2016 għal 15 500 fl-2017. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd li bbenefikaw mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd żdied bi kważi tliet darbiet, minn 3 600 fl-2016 għal aktar minn 9 600 fl-2017. L-għadd ta' bastimenti tal-flotta tas-sajd kostali fuq skala żgħira li bbenefikaw mill-fond irdoppja. L-appoġġ ipprovdut jippromwovi l-bilanċ sostenibbli bejn il-flotot tas-sajd u r-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi marini. Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd appoġġa wkoll il-ġestjoni aħjar ta' aktar minn 60 000 km² ta' żoni ta' Natura 2000, u kważi 1,5 miljun km² ta' żoni marini protetti oħra (*data* tal-2016)[59]. Permezz ta' proġetti li

jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera dwar l-Ippjanar Spazjali Marittimu, huwa jħejji t-triq għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija marittima f'baċiri tal-baħar li qegħdin jesperjenzaw żieda fl-ammont tal-attivitajiet ekonomiċi. L-operazzjonijiet appoġġati ma jibbenefikawx minnhom biss il-persuni (ġuridiċi jew fiżiċi) li jaġixxu uffiċjalment bħala benefiċjarji tal-operazzjoni, iżda wkoll oħrajn, kif spjegat fil-kaxxa hawn isfel.

*Huwa stmat li aktar minn 71 000 sajjied u 25 000 membru ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jibbenefikaw mill-appoġġ, kif ukoll 77 000 impjegat u 32 000 persuna oħra. Sal-aħħar tal-2017, it-368 Grupp ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd kienu għażlu 1 156 proġett għall-implimentazzjoni u kienu qed jitħejjew 56 proġett ta' kooperazzjoni addizzjonali ma' Stati Membri oħra.*

Sal-aħħar tal-2017, l-Istati Membri impenjaw medja ta' 27 % tal-Fond. Għalkemm l-impenji huma sodisfaċenti, id-diskrepanza mal-pagamenti lill-benefiċjarji hija sostanzjali fl-Istati Membri kollha. Sal-aħħar tal-2017, il-pagamenti *interim* laħqu ftit anqas minn 3,4 % tal-appoġġ ippjanat mill-Fond għall-perjodu attwali.

L-iżvilupp tas-sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd kien proċess ta' tagħlim komuni li kien jinvolvi l-Kummissjoni u l-Istati Membri. Rapport riċenti dwar l-implimentazzjoni tas-sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni[60] jagħmel xi rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib abbażi tal-esperjenza sa issa. Filwaqt li l-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà li jużaw indikaturi supplimentari fil-livell nazzjonali, l-indikaturi komuni għandhom ikopru l-investimenti kollha sabiex jippermettu l-aggregazzjoni fil-livell tal-UE u sabiex jipprovdu stampa globali tal-użu tal-fondi.

Fl-2017, ġiet finalizzata l-evalwazzjoni *ex post* tal-Fond Ewropew għas-Sajd 2007-2013[61]. Din ikkonkludiet li l-objettivi tal-Fond fil-biċċa l-kbira kienu ntlaħqu, iżda kien hemm lok għal titjib, b'mod partikolari fir-rigward tal-effettività u s-sostenibbiltà tiegħu. Ir-rabtiet bejn il-Fond u l-isfruttament sostenibbli tas-sajd jistgħu jissaħħew u l-kontribut tal-Fond għal objettivi aktar wiesgħa ta' konservazzjoni bħall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent u r-riżorsi naturali relatati mas-settur tas-sajd isiru aktar viżibbli. Hija kkonkludiet ukoll li kien hemm il-ħtieġa li jittieħed approċċ aktar strateġiku sabiex l-akkwakultura ssir aktar kompetittiva u tiżdied il-produzzjoni filwaqt li jiġu kkunsidrati aħjar l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-flotta tas-sajd kostali fuq skala żgħira, ħlief fil-każ tal-iżvilupp lokali, fejn il-komplementarjetajiet u s-sinerġiji ma' fondi oħra baqgħu limitati. Fil-biċċa l-kbira, dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fl-iżvilupp tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020, b'fokus akbar fuq ir-riżultati.

## Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-UE u pajjiżi terzi għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal qafas regolat għall-flotta tas-sajd fuq distanza twila tal-UE, sabiex jassiguraw sfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd rilevanti tal-pajjiżi terzi u sabiex jappoġġaw il-kompetittività tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni. Dawn is-sħubiji jagħtu lill-UE effett ta' lieva kruċjali fuq il-pajjiżi terzi sabiex tittejjeb il-governanza tal-oċeani u tas-sajd (permezz ta' titjib fix-xjenza, il-ġestjoni tad-*data*, il-kapaċità istituzzjonali, il-monitoraġġ u s-sorveljanza, eċċ.).

Fl-aħħar tal-2017, kien hemm fis-seħħ 12-il protokoll għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli. Intemmu b'suċċess in-negozjati għat-tiġdid tal-protokoll ma' Mauritius, bdew aktar negozjati mal-Guinea-Bissau u ssoktaw in-negozjati mal-Mozambique u Kiribati. In-negozjati mal-Guinea-Bissau ħadu fit-tul aktar milli mistenni, li wassal għal interruzzjoni tal-ftehim. Barra minn hekk, Comoros naqas milli jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat, u żdied mal-lista tal-pajjiżi li ma jikkooperawx. B'riżultat ta' dan, u wara proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill f'Diċembru ddenunzja formalment il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli ma' Comoros.

Total ta' 200 bastiment tal-UE li jtajru l-bandiera ta' xi wieħed mill-Istati Membri tal-UE attwalment jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni tas-sajd mogħtija taħt Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli, li jipprovdulhom l-aċċess li għandhom bżonn, kif ukoll jipprovdu impjiegi u tkabbir fl-UE. Dawn il-ftehimiet ikkontribwew ukoll għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd fit-12-il pajjiż sħab u għall-governanza aħjar tas-settur tas-sajd tagħhom. Fl-istess ħin, huma jikkontribwixxu sabiex jiġi eliminat is-sajd illegali u jipprovdu kundizzjonijiet qafas aħjar għas-sajjieda lokali.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli fl-2017 kienu

ammontaw għal EUR 123,1 miljun u ġew ikkonsmati sa 99,7 %. L-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu jammontaw għal EUR 132,5 miljun u ġew ikkonsmati kompletament.

## Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

Il-Programm LIFE għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika jippromwovi l-iskambju tal-aqwa prattiki u għarfien dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE u jiffaċilita l-ittestjar ta' approċċi ġodda għal tkabbir ġejjieni. Is-sena 2017 kienet il-25 anniversarju tal-programm LIFE. Matul is-snin, il-programm bl-attivitajiet viżibbli tiegħu fuq il-post, huwa apprezzat mill-partijiet interessati u l-pubbliku madwar l-UE.

Il-kisbiet ta' politika mibdija taħt LIFE se jsawru l-ekonomija u s-soċjetà tal-UE fid-deċennji li ġejjin. Biex insemmu ftit minnhom: il-pakkett tal-ekonomija ċirkolari li jinkludi l-istrateġija ambizzjuża dwar il-plastik, il-ftehim ta' Pariġi dwar qbil globali, legalment vinkolanti dwar il-klima u l-qafas dwar il-klima u l-enerġija għall-2030.

*Fl-2017, il-programm LIFE pprovda EUR 222 miljun li se jimmobilizzaw investimenti addizzjonali li jwasslu għal total ta' EUR 379 miljun għal proġetti ġodda, li 112 minnhom taħt is-sottoprogramm dwar l-ambjent. Ammont sinifikanti mill-proġetti se jgħinu lill-Istati Membri fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija aktar ċirkolari. Ġew rakkomandati 33 proġett relatati mal-klima għall-finanzjament, li nofshom jindirizzaw l-adattament.*

Sal-aħħar tal-2017, intgħażlu u ġew iffinanzjati madwar 435 proġett tradizzjonali fil-prijoritajiet kollha, flimkien ma' 15-il proġett integrat, erba' proġetti għall-Korp Volontarju Ewropew (kuntrattwalizzazzjoni ta' tnejn oħra fl-2018)[62] u proġetti oħra ta' assistenza teknika u preparatorji.

*Eżempji ta' proġetti tradizzjonali jinkludu: l-ittestjar ta' prototip Taljan li jista' jikkonverti, b'mod kosteffettiv, il-petrol f'ibridu; il-ħolqien ta' bijoprodotti mill-ħama tal-ilma mormi fin-Netherlands u l-użu ta' trattament bijoloġiku ġdid biex ineħħi l-pestiċidi u n-nitrati mill-ilma fin-Nofsinhar ta' Spanja. L-appoġġ jiffoka wkoll fuq is-siti Natura 2000 u l-protezzjoni tal-ispeċijiet, bħal fil-proġett transfruntier Sloven biex jgħin is-sopravivenza ta' speċi pperikolata ħafna ta' linċi tal-Alpi.*

Minbarra li jagħti għotjiet għal proġetti ta' dimostrazzjoni, proġetti pilota u proġetti tal-aqwa prattiki, LIFE jipprovdi għotjiet ukoll lil proġetti integrati li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' pjanijiet mill-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u li joħolqu sensibilizzazzjoni sabiex iwasslu għal bidla fl-imġiba. Dawn il-proġetti integrati jassiguraw l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali u dwar il-klima fuq skala territorjali kbira u qegħdin jinkanalaw finanzjament minn sorsi oħra għall-objettivi ambjentali u klimatiċi.

*Proġett LIFE integrat - L-ilma: Approċċ integrat għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni tal-baċir idrografiku tal-Majjistral tal-Ingilterra*

*Terz tal-agħar xmajjar fl-Ingilterra u Wales attwalment jinstabu fid-distrett tal-baċir idrografiku tal-Majjistral (tal-Ingilterra). Dan il-proġett se jindirizza l-ostakli li jżommu lura l-kisba ta' status ekoloġiku tajjeb għall-korpi tal-ilma tar-reġjun, kif mitlub mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Minbarra l-kontribuzzjoni ta' EUR 11 988 811 minn LIFE, il-proġett se jiffaċilita l-użu kkoordinat ta' EUR 37 050 000 ta' finanzjament addizzjonali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, EUR 139 500 000 f'fondi pubbliċi nazzjonali u EUR 52 500 000 f'fondi mis-settur privat.*

*Eżempju ieħor huwa l-proġett "LIFE OPTIMELT" li se jwettaq l-ewwel dimostrazzjoni fuq skala sħiħa ta' kunċett innovattiv ta' rkupru tas-sħana tal-iskart. It-teknoloġija, imsejħa OPTIMELT, hija kapaċi tuża reazzjoni endotermika tal-gass naturali mas-$CO_2$ tal-fwar tal-ilma fil-gass mit-tromba ta' ċumnija, sabiex tirkupra aktar sħana milli qabel kien possibbli fi proċessi ta' manifattura b'temperaturi għoljin. Hija sservi bħala supplementazzjoni għall-fran ta' kombustjoni eżistenti li jaħdmu bl-ossiġnu u karburant, li tagħmel din l-opzjoni aktar ekoloġika u kosteffettiva (tnaqqis ta' 20 % fil-konsum ta' karburant u ossiġnu).*

Skont il-proposti riċevuti, għal finanzjament totali ta' EUR 251,7 miljun, il-proġetti integrati għandhom jiffaċilitaw l-użu kkoordinat ta' madwar EUR 5,7 biljun b'kollox għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi, li EUR 3 biljun minnhom ġejjin minn fondi oħra tal-UE, bħall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Għal kull euro li jiffinanzja l-programm LIFE, huwa mistenni li jiġu ffinanzjati EUR 22 oħra minn sorsi oħra għall-objettivi ambjentali u klimatiċi.

Fl-2017, ġiet finalizzata l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' LIFE[63]. Din twettqet fi stadju bikri tal-implimentazzjoni tal-programm u għalhekk iffukat prinċipalment fuq il-proċessi stabbiliti sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-programm, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet li għaddejjin. Hija tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli li l-implimentazzjoni tal-programm qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettivi ambjentali u klimatiċi. Ir-rieżami ta' nofs il-mandat dwar l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020[64] ikkonkluda li "l-Programm għall-Ambjent u għall-Azzjoni Klimatika (LIFE) jibqa' sors żgħir ta' finanzjament għan-natura u għall-bijodiversità iżda huwa effettiv ferm".

Rigward l-effiċjenza, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' LIFE stmat li l-benefiċċju għas-soċjetà, ta' xi wħud mill-proġetti magħżula wara l-ewwel sejħa għall-proposti, se jammonta għal EUR 1,7 biljun, li jirrappreżenta erba' darbiet il-kost tal-baġit globali ta' LIFE għal dik is-sena. Barra minn hekk, it-trasferiment ta' ħafna mill-ġestjoni tal-għotjiet mill-Kummissjoni lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji qed taqbeż iż-żieda mistennija fl-effiċjenza ta' EUR 8,2 miljun inizjalment ippjanata għall-perjodu 2014-2020.

Barra minn hekk, LIFE hu mfassal biex ikun kumplimentari għal programmi ta' finanzjament oħra tal-UE. B'mod partikolari, is-sinerġiji qed jiġu sfruttati billi jingħata trattament preferenzjali lill-proposti ta' proġetti LIFE li qed jieħdu r-riżultati mir-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati mill-UE. Barra minn hekk, it-tnedija fuq skala akbar ta' miżuri ttestjati b'suċċess fi proġetti LIFE tista' tiġi ffinanzjata permezz ta' programmi ta' finanzjament oħra tal-UE, eż. il-prattika ta' sajd aktar sostenibbli tista' tiġi promossa permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu identifikat ukoll xi aspetti għat-titjib bil-għan li jiżdied il-fokus strateġiku tal-parti tal-programm xprunata mid-domanda, pereżempju billi jiġu indirizzati suġġetti mhux koperti mill-proġetti ffinanzjati fis-snin ta' qabel. Jenħtieġ li jsir aktar sabiex il-proġetti jiġu riprodotti u jiġu trasferiti r-riżultati tagħhom, eż. billi tiġi żviluppata l-kapaċità għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-investimenti u billi jiġi indirizzat in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji. Hija indikat ukoll il-ħtieġa li jiġu simplifikati l-proċeduri ta' ġestjoni tal-għotjiet, b'mod partikolari l-proċessi tal-applikazzjoni u tar-rapportar.

## 1.4. Is-Sigurtà u ċ-Ċittadinanza (Intestatura Baġitarja 3)[65]

Taħt l-Intestatura 3, il-baġit tal-UE jiġbor flimkien medda ta' programmi (EUR 4,3 biljun li jirrappreżentaw 3 % tal-baġit totali tal-UE tal-2017) li huma ta' sostenn għall-isfidi politiċi urġenti bħas-sigurtà, l-asil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, is-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll dawk relatati mal-kultura u d-djalogu maċ-ċittadini. Il-finanzjament huwa mmirat għal proġetti li fihom il-kollaborazzjoni mal-UE ġġib magħha gwadanji sinifikanti fl-effiċjenza.




*Tabella: Il-programmi prinċipali ffinanzjati taħt l-Intestatura 3 fl-2017. Il-kategorija "Programmi oħra" tinkludi, fost affarijiet oħra, sistemi tal-IT bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, il-Programm dwar il-Ġustizzja, id-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza, L-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Programmi dwar is-Saħħa u l-Konsumaturi u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili fi ħdan l-UE. Iċ-ċifri kollha huma f'miljuni ta' EUR.*

***Appoġġ għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea***

*Il-programmi taħt l-Intestatura 3 jikkontribwixxu prinċipalment għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni tal-"Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali" u tal-"Migrazzjoni". Minkejja l-baġit relattivament żgħir involut, dawn il-programmi jikkontribwixxu għall-kisbiet ta' Ewropa 2020. Pereżempju, il-Programm tas-Saħħa jinqasam bejn tkabbir intelliġenti u inkluživ: jiffinanzja azzjonijiet għat-teħid tal-innovazzjoni fis-saħħa u fil-kura tas-saħħa u jappoġġja lill-Istati Membri fir-riformi tas-sistemi tas-saħħa tagħhom u, fl-istess ħin, ifittex li jippromwovi s-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard u jindirizza t-tendenza li qed tikber ta' inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa permezz ta' azzjonijiet fuq is-saħħa ta' gruppi vulnerabbli u, mill-2015, b'enfasi speċifika fuq ir-refuġjati. Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni jikkontribwixxi għat-tkabbir inkluživ permezz tal-finanzjament ta' proġetti għall-integrazzjoni ta' ċittadini mhux mill-UE.*

*Din il-parti tal-baġit kellha rwol partikolarment importanti fl-2017 bħala parti mir-rispons kontinwu għall-kriżi tar-refuġjati u l-istabbiliment ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni. Kif uriet l-esperjenza riċenti, il-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni u t-theddidiet għas-sigurtà jippreżentaw sfidi li ma jistgħux jiġu indirizzati mill-Istati Membri b'azzjoni waħedhom. It-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni trid tiġi akkompanjata minn miżuri komuni għall-kontroll u s-sorveljanza effettivi tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ekwa tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri jinsab fil-qalba tal-politiki komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-fruntieri esterni. Il-baġit tal-UE jipprovdi l-mezzi għall-indirizzar tal-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dan il-prinċipju. Fil-qasam tas-sigurtà, aktar ma jmur, il-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u theddid ieħor relatat mas-sigurtà aktar qegħdin isiru ta' natura transfruntiera. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni transnazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi hija essenzjali għall-prevenzjoni u l-ġlieda b'suċċess ta' din il-kriminalità, pereżempju permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, investigazzjonijiet konġunti, teknoloġiji interoperabbli u valutazzjonijiet komuni tat-theddid u r-riskji.*

*L-indirizzar tal-flussi migratorji, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u s-sigurtà tal-UE jirrikjedu riżorsi u kapaċitajiet essenzjali min-naħa tal-Istati Membri. It-titjib fil-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni operazzjonali li jinvolvi l-kondiviżjoni ta' riżorsi f'oqsma bħat-taħriġ u t-tagħmir joħloq ekonomiji ta' skala u sinerġiji li jiżguraw użu aktar effiċjenti tal-fondi pubbliċi u t-tisħiħ tas-solidarjetà, il-fiduċja reċiproka u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà għall-politiki komuni tal-UE fost l-Istati Membri.*

## Nefqa relatata mal-migrazzjoni, interna u esterna




*Tabella: Finanzjament tal-UE ġewwa u barra mill-UE għall-perjodu 2015-2018*

*Finanzjament tal-UE sabiex tintlaħaq l-isfida tal-migrazzjoni ġewwa u barra mill-UE għall-perjodu 2015-2018, sors:https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/20171207_eu_budget_for_the_refugee_crisis_and_improving_migration_management_mt.pdf*

## Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni jippromwovi l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji u l-iżvilupp ta' approċċ komuni tal-Unjoni għall-asil u għall-migrazzjoni. Huwa jikkontribwixxi għall-kisba ta' erba' objettivi speċifiċi, jiġifieri t-tisħiħ u l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, l-appoġġ għall-migrazzjoni legali lejn l-Istati Membri tal-UE f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; huwa jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ ta' strateġiji ġusti u effettivi ta' ritorn u sabiex tiġi assigurata s-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari dawk l-aktar affettwati mill-flussi tal-migrazzjoni u tal-asil. Barra minn hekk, huwa jappoġġa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu vittmi ta' traffikar tal-bnedmin.

Fl-2017, il-programmi nazzjonali ġew emendati sabiex jappoġġaw l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari permezz tal-azzjonijiet imwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, sabiex isaħħu ż-żoni ta' ritorn u

risistemazzjoni. Sal-aħħar tal-2017, ir-riżorsi allokati għall-perjodu 2014-2020 żdiedu minn EUR 2 752 miljun għal EUR 5 391,5 miljun. Iż-żidiet riċenti fil-baġit għall-ġestjoni kondiviża ġew allokati b'appoġġ għaż-żewġ skemi ta' rilokazzjoni għall-Italja u l-Greċja (EUR 651 miljun) u għall-iskema ta' risistemazzjoni (EUR 872 miljun).

It-total tal-pagamenti mwettqa fl-2017 huwa ta' EUR 576,2 miljun, kważi d-doppju ta' dak tal-2016.

Mill-bidu tal-2014, taħt l-assistenza ta' emerġenza tal-Fond, ġew allokati EUR 973 miljun. Minn dawn, sas-16 ta' Jannar 2018, ingħataw EUR 630 miljun lill-Istati Membri taħt pressjoni migratorja sabiex jindirizzaw il-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati.

*L-assistenza ta' emerġenza rrispondiet għal ħtiġijiet immedjati u bażiċi, bħall-ikel, kenn u kura medika lir-refuġjati, servizzi ta' akkoljenza u appoġġ għall-minorenni mhux akkumpanjati, it-tisħiħ tal-kapaċità tas-servizzi tal-asil sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-għadd kbir ta' applikazzjonijiet, u l-għoti ta' appoġġ lill-applikanti għall-asil li jkunu sejrin lura lejn il-pajjiżi tal-oriġini tagħhom u l-iskemi ta' rilokazzjoni. Dawn l-attivitajiet kienu l-aktar urġenti fil-pajjiżi l-aktar esposti bħall-Greċja, l-Italja u l-Bulgarija.*

Il-Fond kompla jappoġġa wkoll in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni.

Il-Fond ipprovda assistenza permezz ta' diversi proġetti fil-qasam tas-sistemi tal-akkoljenza u tal-asil (eż. għajnuna u rappreżentanza legali, konsulenza soċjali, servizzi mmirati lil gruppi vulnerabbli, eċċ.). Bejn l-2014 u l-2017, l-għadd ta' persuni minn grupp fil-mira li ngħataw assistenza (fis-sistemi ta' akkoljenza u asil) żdied minn 148 045 għal 297 083, u minn dawn, il-proporzjon tal-persuni li bbenefikaw minn assistenza legali żdied minn 18 395 (12,4 %) għal 56 933 (19,1 %).

*Fl-2017, il-Fond appoġġa wkoll il-ħolqien ta' aktar minn 7 000 post addizzjonali fiċ-ċentri ta' akkoljenza. L-għadd ta' postijiet adattati għall-minorenni mhux akkumpanjati, li huma grupp ta' migranti partikolarment vulnerabbli, żdied ukoll minn 183 post biss fl-2014 għal 17 070 post fl-2017.*

F'Lulju 2015 l-Istati Membru qablu li jirrisistemaw 'il fuq minn 22 000 persuna li kienu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali matul il-perjodu 2015-2017. F'Marzu 2016 huma qablu wkoll bid-Dikjarazzjoni UE-Turkija li jirrisistemaw sa 54 000 refuġjat Sirjan mit-Turkija (minflok is-Sirjani jiġu ritornati lejn it-Turkija).

*Sal-aħħar tal-2017, kienu ġew risistemati 26 849 persuna.* ***Ġew rilokati 33 151 persuna*** *(11 445 mill-Italja u 21 706 mill-Greċja. Dan kien jirrappreżenta 'l fuq minn 94 % ta' dawk kollha eliġibbli u rreġistrati għar-rilokazzjoni fl-Italja u l-Greċja).*

L-influss qawwi wassal għal differenzi dejjem jiżdiedu fil-qgħad, il-livell edukattiv u r-riskju ta' esklużjoni soċjali bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċ-ċittadini tal-pajjiżi ospitanti.

*Madankollu, bl-appoġġ tal-Fond, il-proporzjon taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li rċevew status ta' residenza għal żmien twil żdied minn 30 % fl-2013 għal 44 % fl-2016. Barra minn hekk, sal-aħħar tal-2017, 1 432 612 ċittadin ta' pajjiż terz irċevew assistenza għall-integrazzjoni.*

Bejn l-2013 u l-2017, żdied l-għadd ta' persuni rimpatrijati u ta' dawk li rċevew assistenza għar-riintegrazzjoni qabel jew wara r-ritorn, kofinanzjata mill-Fond. L-għadd ta' persuni rimpatrijati kofinanzjati mill-Fond kien ta' 48 250 fl-2017 meta mqabbel ma' 5 904 fl-2014. Minn dawk ritornati, il-proporzjon tar-ritorni mhux volontarji żdied minn kwart fl-2014 għal nofs fl-2017. L-għadd irrappurtat ta' persuni li rritornaw b'mod volontarju fl-2017 kien ta' 17 736. Ittieħdu passi wkoll sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mar-ritorn u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

F'nofs it-terminu, l-evalwazzjoni[66] sabet li, b'mod globali, il-Fond ġġenera valur miżjud tal-UE, minkejja d-daqs relattivament żgħir meta mqabbel mal-isfidi importanti maħluqa mill-kriżi li seħħet matul dan il-perjodu (minn 0,23 % (inizjalment ippjanati) għal 0,63 % (wara ż-żidiet) tal-approprjazzjonijiet mill-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020). Il-benefiċċju prinċipali fil-livell tal-UE jirriżulta mid-dimensjoni transnazzjonali ta' azzjonijiet bħan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni iżda wkoll il-benefiċċju ta' qsim tal-piż fil-livell tal-UE, appoġġat b'mod partikolari mill-assistenza ta' emerġenza u l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni.

Il-Fond għalhekk qiegħed jilħaq ukoll l-objettivi tiegħu. Madankollu, il-koerenza interna tal-Fond bejn il-modi differenti ta' ġestjoni tista' tittejjeb, speċjalment permezz ta' sensibilizzazzjoni fost il-benefiċjarji dwar l-azzjonijiet u l-proġetti appoġġati mill-Fond. Il-piż amministrattiv deher li kien il-fattur ewlieni li xekkel l-effiċjenza anki jekk il-Fond diġà huwa simplifikat b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-programm ta' finanzjament preċedenti. Kien hemm ukoll evidenza limitata ta' żieda fil-kapaċità għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sistemi tal-asil. Filwaqt li l-programm tal-UE dwar ir-risistemazzjoni għamel progress sinifikanti, għad hemm kontribut limitat għall-istabbiliment, l-iżvilupp u l-

implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali dwar ir-risistemazzjoni. Is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Fond teħtieġ aktar titjib, inklużi d-definizzjonijiet tal-indikaturi tagħha u l-ġbir tad-*data*. Is-sistema tad-distribuzzjoni tal-fondi tista' tkun adattabbli aktar sabiex tassigura rispons xieraq għall-ħtiġijiet li jinbidlu u tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-proġetti.




*Tabella: Għadd ta' rilokazzjonijiet minn Ottubru 2015 - Ottubru 2017, sors: https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/20171114_relocation_eu_solidarity_between_member_states_en.pdf*




*Tabella: Għadd ta' risistemazzjonijiet ta' refuġjati Sirjani mit-Turkija minn April 2016 - Frar 2018, sors: https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/20180314_eu-turkey-two-years-on_en.pdf*

## Il-Fond għas-Sigurtà Interna

Il-Fond għas-Sigurtà Interna jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Il-Fond huwa kompost minn żewġ strumenti, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri Esterni u l-Politika Komuni dwar il-Viża u l-Istrument għal Appoġġ Finanzjarju għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija. L-ewwel strument – Fruntieri u Viża – jikkontribwixxi sabiex ikun assigurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni filwaqt li jiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu. It-tieni strument - Pulizija – jiffoka fuq il-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll il-ġestjoni tar-riskji u l-kriżijiet.

Fl-2017, l-implimentazzjoni laħqet ritmu stabbli.

Sas-16 ta' Jannar 2018, bl-assistenza ta' emerġenza tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri Esterni u l-Politika Komuni dwar il-Viża, ingħataw EUR 309 miljun, li jirrappreżentaw 53 ftehim ta' għotja lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw il-kriżi tal-

migrazzjoni u r-refuġjati. Taħt l-assistenza ta' emerġenza għall-Pulizija, ingħataw EUR 6,3 miljun, li jirrappreżentaw ħames proġetti. Fl-2017, ingħataw EUR 57,8 miljun lil żewġ Stati Membri li qegħdin jiffaċċjaw l-aktar pressjoni urġenti fuq il-fruntieri esterni tagħhom - il-Greċja (EUR 3,8 miljun) u l-Italja (EUR 54 miljun), b'mod partikolari fil-hotspots.

L-evalwazzjoni *interim*[67] uriet li l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika Komuni dwar il-Viża kkontribwixxa għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viża u ffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu b'mod effettiv. L-attivitajiet ta' skambju ta' informazzjoni u ta' taħriġ ikkontribwew għall-implimentazzjoni uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar il-politika dwar il-viża.

*Il-Fond appoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-UE, b'attenzjoni partikolari għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, li tinkludi informazzjoni dwar 55 miljun applikazzjoni għall-viża għal soġġorn qasir fil-bidu tal-2018, u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, bażi ta' data li kienet tinkludi 'l fuq minn 76 miljun allert dwar persuni jew oġġetti bħal persuni mfittxija jew nieqsa u oġġetti għall-qbid, u kellha aktar minn ħames biljun tfittxija u 243 500 hit*[68] *fl-2017.*

Dawn kollha flimkien ikkontribwew għal servizz ta' kwalità għolja għall-applikanti għal viża, għat-trattament ugwali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-indirizzar tal-migrazzjoni illegali b'mod omoġenu, u b'hekk urew valur miżjud għoli tal-UE. Madankollu, il-kontribut tal-Fond fil-kooperazzjoni konsulari u fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, baqa' limitat. Il-Fond ikkontribwixxa wkoll għall-implimentazzjoni b'mod effettiv ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, minkejja l-kriżi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà. Huwa appoġġa l-iżvilupp ta' politika ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri u żied is-solidarjetà bejn l-Istati Membri billi kkofinanzja t-tagħmir li jintuża fl-Operazzjonijiet Konġunti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-Fond ikkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp tan-Netwerk Ewropew ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) u għas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri. Madankollu, l-evalwazzjoni wriet li l-kontinwità tal-azzjonijiet tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq il-finanzjament tal-UE. Minn perspettiva finanzjarja, mingħajr strument ta' finanzjament tal-UE ddedikat, il-finanzjament nazzjonali ma kienx jippermetti l-finanzjament effettiv u effiċjenti tal-azzjonijiet ippjanati. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni sabet li l-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni ġie stabbilit tard wisq, ferm wara li kienu bdew il-proġetti. Il-miżuri ta' monitoraġġ, rapportar u kontroll għadhom perċepiti bħala ta' piż mill-partijiet interessati.

L-Istrument għal Appoġġ Finanzjarju għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija kkontribwixxa għal livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni permezz tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kriminalità transfruntiera, serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u billi rrinforza l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Huwa kkontribwixxa wkoll għat-titjib tal-kapaċità tal-Istati Membri sabiex jimmaniġġjaw b'mod effettiv riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà u sa ċertu punt anqas billi jipproteġi n-nies u l-infrastrutturi kritiċi kontra attakki terroristiċi u inċidenti oħra relatati mas-sigurtà.

L-evidenza disponibbli tindika li l-Fond ikkontribwixxa għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-korpi Ewropej, u għat-titjib tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiżviluppaw valutazzjonijiet komprensivi tat-theddid u tar-riskju, għalkemm l-għadd ta' proġetti iffinanzjati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni huwa relattivament baxx. Kienu stabbiliti diversi azzjonijiet fil-qasam tat-twissija bikrija u l-kooperazzjoni dwar il-prevenzjoni ta' kriżijiet (pereżempju n-netwerk ATLAS). L-evalwazzjoni wriet li l-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandu jindirizza kwistjonijiet bħad-definizzjoni tal-indikaturi, u s-simplifikazzjoni tar-rapportar. Il-kwistjonijiet marbuta mal-effiċjenza ulterjuri tal-fond u l-flessibbiltà fit-tfassil tal-programmi nazzjonali u l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-progamm, jibqgħu ta' sfida. Il-perċezzjoni tal-piż amministrattiv marbut mal-Fond għadha għolja għalkemm ġie rreġistrat bosta titjib meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Istati Membri, kompliet taħdem favur il-ġestjoni effettiva u msaħħa tal-fruntieri esterni tal-UE. Fl-2017, l-Aġenzija wettqet 15-il operazzjoni konġunta fil-fruntiera esterni fil-baħar, fuq l-art u fl-ajru tal-UE, li fihom l-Aġenzija skjerat bejn 1 175 u 1 700 gwardja tal-fruntiera li jammontaw għal 347 805 jiem tax-xogħol (żieda ta' 11,6 % fuq l-2016). Għal dawk il-fruntieri esterni esposti għall-akbar pressjoni, l-Aġenzija kienet preżenti fuq bażi permanenti bl-operazzjoni konġunta tagħha Triton fil-Mediterran Ċentrali u l-operazzjoni konġunta tagħha Poseidon fil-Lvant tal-Mediterran.

*L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kkontribwiet sabiex jiġu salvati 111 000 migrant li waslu l-Italja bir-Rotta tal-Mediterran Ċentrali.*

Il-pass tal-operazzjonijiet ta' ritorn organizzati mill-Aġenzija kompla jiżdied, biex fl-2017 laħaq għadd totali ta' 14 271 persuna ritornati.




*Figura: Tqassim tal-Iskjeramenti tal-gwardja tal-kosta Ewropea, sors: https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/20171207_the_european_border_and_coast_guard_agency_mt.pdf*

Barra minn hekk, permezz tal-missjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fin-Niġer u fil-Mali u tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika, l-UE tappoġġa l-missjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ fid-deżert: sa issa din is-sena ġew salvati aktar minn 1 100 migrant fis-Saħara fin-Niġer mill-awtoritajiet Niġerjani u mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM)[69].

Fil-Greċja hemm ħames hotspots operattivi (Moria, Vathy, Vial, Lepida u Pyli) fejn il-migranti kollha jiġu eżaminati, identifikati, jitteħdulhom il-marki tas-swaba', jiġu rreġistrati u infurmati dwar id-drittijiet tagħhom. Fil-31 ta' Diċembru 2017, dawn il-hotspots kellhom kapaċità kombinata ta' madwar 5 600 post. Saru sforzi kontinwi sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-migranti li jdumu għal perjodi itwal fil-gżejjer sakemm tittieħed deċiżjoni dwar is-sitwazzjoni tagħhom minħabba r-rekwiżiti tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. Sabiex tintlaħaq iż-żieda fid-domanda, infetħu ħames hotspots addizzjonali b'kapaċità kombinata ta' 1 850 post fl-Italja (Lampedusa, Messina, Trapani, Taranto u Pozzallo), dan żied il-kapaċità totali ddikjarata tal-hotspots bi 15 %.

*Minkejja l-influss għoli kontinwu ta' wasliet ta' migranti fl-ewwel nofs tal-2017, l-Italja fl-2017 irnexxielha żżomm ir-rata globali ta' teħid tal-marki tas-swaba' qrib il-100 %.*



## L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-UE

Fit-tieni sena ta' implimentazzjoni tiegħu, l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza kompla jipprovdi appoġġ prezzjuż lil refuġjati vulnerabbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea (fil-Greċja). L-2017 kienet sena tranżitorja għall-implimentazzjoni tal-Istrument billi l-approċċ inbidel minn operazzjoni tal-ewwel emerġenza għal waħda aktar normalizzata. Ġew skalati żewġ modi ta' implimentazzjoni tal-għajnuna umanitarja: (1) bidla mill-forniment tal-ikel għal sistema bbażata fuq il-flus għall-ikel fil-kampijiet (2) bidla progressiva mill-kenn fil-kampijiet għal skema ta' akkomodazzjoni bil-kiri. Dawn iż-żewġ inizjattivi ta' politika wasslu għall-programm ta' Appoġġ ta' Emerġenza għall-Integrazzjoni u l-Akkomodazzjoni. Fil-bidu tal-2017, madwar 60 000 refuġjat u migrant baqgħu fil-Greċja, skont l-Istatistika tal-Gvern Grieg. L-Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati ddikjarat li fl-aħħar tal-2017, aktar minn 45 000 refuġjat u migranti kienu għadhom imblukkati fil-pajjiż.

*Fl-2017, l-Istrument kopra sa 40 000 minn dawn il-benefiċjarji, billi alloka sa EUR 198 miljun permezz ta' organizzazzjonijiet umanitarji għall-forniment ta' appoġġ ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet.*

Il-finanzjament ikkumplimenta l-isforzi mill-awtoritajiet Griegi flimkien mal-appoġġ ipprovdut lill-Greċja minn strumenti oħra tal-UE. L-azzjonijiet iffinanzjati twettqu minn 15-il organizzazzjoni umanitarja u l-imsieħba ta' implimentazzjoni tagħhom permezz tal-forniment ta' appoġġ multisettorjali bbażat fuq il-flus bħala l-modalità bażika. Is-servizzi kienu jinkludu assistenza għall-ħtiġijiet bażiċi, assistenza għall-ikel, kenn, akkomodazzjoni bil-kiri, ippjanar tas-siti u ġestjoni tas-siti, protezzjoni b'mod partikolari għall-minorenni mhux akkumpanjati, edukazzjoni, kura tas-saħħa li tinkludi l-appoġġ psikosoċjali, ilma, sanità u iġjene. Sa Diċembru 2017 ibbenefikaw 37 597 riċevitur mill-programm ta' Appoġġ ta' Emerġenza għall-Integrazzjoni u l-Akkomodazzjoni u l-iskema ta' assistenza bi flus.

*Fl-ewwel semestru tal-2017, l-Istrument kopra wkoll il-ġestjoni ta' madwar 1 000 post għal minorenni mhux akkumpanjati f'postijiet ta' kenn iddedikati. Minn Awwissu, l-awtoritajiet Griegi ħadu f'idejhom il-finanzjament ta' dawn il-postijiet ta' kenn mal-programm nazzjonali tagħhom taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza kkontribwixxa għall-ħolqien ta' żoni siguri 24 siegħa kuljum għal dawn il-minorenni fis-siti meta kien meħtieġ..*

## Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili wettaq b'mod effettiv ir-rwol primarju tiegħu li jiffaċilita l-għoti ta' assistenza *in natura* mill-Istati Membri tal-UE għal diżastri ġewwa u barra mill-Ewropa. L-għan tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili huwa li jappoġġa, jikkoordina u jissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li tittejjeb l-effettività tas-sistemi ta' prevenzjoni, ta' tħejjija għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u ta' reazzjoni għalihom. Il-Mekkaniżmu jiffoka fuq it-tnaqqis tat-telf ta' ħajja umana u tal-ħsara ambjentali, ekonomika u materjali kkawżati minn diżastri, permezz ta' approċċ komprensiv li jkopri l-prevenzjoni, l-istat ta' preparazzjoni u r-reazzjoni għal diżastri; it-titjib tal-fehim fl-Istati Membri, dwar ir-riskji ta' diżastri, permezz ta' kooperazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju u l-ippjanar, u l-iżvilupp gradwali ta' kultura Ewropea ta' prevenzjoni tad-diżastri; kif ukoll fuq it-titjib tal-istat ta' preparazzjoni għal diżastri permezz ta' taħriġ, eżerċizzji, skambju tal-aqwa prattiki u attivitajiet simili.




Fl-2017, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat bi tweġiba għal 32 emerġenza u rreġistra diversi kisbiet notevoli. Fid-dawl tad-diżastri naturali aktar kumplessi u frekwenti li affettwaw serjament bosta pajjiżi Ewropej matul l-aħħar snin, il-Kummissjoni f'Novembru ppreentat pjanijiet ġodda ambizzjużi sabiex issaħħaħ l-abilità tal-Ewropa li tittratta d-diżastri naturali, li jsaħħu kemm il-kapaċitajiet ta' rispons Ewropej permezz ta' rescEU kif ukoll li jsaħħu l-prevenzjoni u l-istat ta' preparazzjoni għal diżastri.

Il-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza ġiet stabbilita fil-forma ta' aggregazzjoni volontarja. L-aggregazzjoni volontarja ta' kapaċitajiet għal reazzjoni tal-Istati Membri tlaqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' moduli tal-protezzjoni ċivili, kapaċitajiet oħra għal reazzjoni, u esperti, li l-Istati Membri jżommu bi stennija għall-missjonijiet ta' protezzjoni ċivili tal-UE madwar id-dinja kollha. It-timijiet iridu jilħqu kriterji minimi ta' kwalità u jgħaddu minn proċess ta' ċertifikazzjoni sabiex ikunu assigurati l-kwalità u l-interoperabbiltà. Il-moduli mħarrġa u ċċertifikati, il-kapaċitajiet għal reazzjoni u l-esperti jiggarantixxu rispons effettiv għal diżastri ġewwa u barra mill-UE. L-aggregazzjoni volontarja tippermetti wkoll żmien ta' skjerament iqsar. Ġew mobilizzati kapaċitajiet mill-aggregazzjoni volontarja fl-emerġenzi prinċipali kollha, inklużi dawk li kienu jeħtieġu assi speċjalizzati.

*Pereżempju, matul il-kriżi tal-Ebola, ġew ipprovduti kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika bl-ajru għall-pazjenti tal-Ebola u laboratorji mobbli.*

Wara l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett "Buffer-IT" tal-2016 sabiex jissaħħew il-kapaċitajiet tal-Istati Membri sabiex jiġu miġġielda n-nirien fil-foresti mill-ajru:

Ġew kofinanzjati żewġ kapaċitajiet għat-tifi tan-nirien fil-foresti mill-ajru (kapaċitajiet ta' lqugħ) għall-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2017. Il-kapaċità ta' lqugħ ibbażata fl-Italja kienet magħmula minn żewġ ajruplani amfibi tqal u dik ibbażata fi Spanja kienet tikkonsisti minn żewġ ajruplani amfibi medji. Fl-2017, dawn il-kapaċitajiet ta' lqugħ intużaw erba' darbiet fl-Ewropa għal total ta' 230 siegħa ta' titjir u 773 tfigħ tal-ilma mill-għoli għat-tifi tan-nar.

Barra minn hekk, il-Korp Mediku Ewropew li tnieda fi Frar 2016 huwa l-qafas il-ġdid sabiex jiġu mobilizzati esperti u timijiet mediċi u tas-saħħa pubblika għal operazzjonijiet ta' preparazzjoni jew rispons ġewwa u barra mill-UE. Sa issa, disa' Stati Membri impenjaw timijiet mediċi, laboratorji mobbli, u timijiet ta' appoġġ loġistiku u diġà ġew mobilizzati żewġ timijiet matul it-tifqigħa tal-Ebola fil-Punent tal-Afrika.

'Il barra mill-fruntieri tal-UE, fl-2017 il-Mekkaniżmu ffaċilita l-għoti ta' assistenza lill-pajjiżi li ġejjin: l-Albanija, l-Armenja, il-Bangladesh, iċ-Ċili, Dominica, l-Iraq, il-Messiku, il-Montenegro, il-Perù, it-Tuneżija u l-Uganda. Il-Mekkaniżmu pprovda wkoll għarfien espert fil-forma ta' missjonijiet (ta' konsulenza) dwar il-preparazzjoni u l-prevenzjoni, fil-Ġordan, il-Bhutan u l-Armenja. L-azzjonijiet magħżula ta' prevenzjoni u ta' preparazzjoni ġew implimentati f'pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.

*L-assistenza mogħtija kienet tinkludi materjal għall-kenn u settijiet għall-kenn (il-Bangladesh), settijiet mediċi (l-Iraq), u unitajiet għat-tisfija tal-ilma (Dominica). L-esperti tal-UE pprovdew aktar appoġġ lill-awtoritajiet Messikani dwar il-valutazzjoni tal-ħsara fis-siti ta' wirt kulturali wara t-terremot fil-Messiku.*

Fl-2017 tlestiet l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Mekkaniżmu[70]. L-evalwazzjoni enfasizzat li l-Mekkaniżmu għandu valur miżjud ċar tal-UE għall-Istati Parteċipanti taħt it-tliet pilastri tematiċi kollha – il-prevenzjoni, l-istat ta' preparazzjoni u r-rispons għal diżastri. Pereżempju, fil-qasam tar-rispons, il-valur miżjud tal-UE kien evidenti l-aktar fil-ħarsa ġenerali komprensiva tal-kapaċitajiet disponibbli fil-livell tal-UE u l-possibbiltà li jintalab rispons ikkoordinat tal-UE kollha permezz ta' pjattaforma unika.

Il-Mekkaniżmu kien għodda utli sabiex jimmobilizza u jikkoordina l-assistenza mogħtija mill-Istati Parteċipanti b'rispons għal kriżijiet ġewwa u barra mill-Unjoni, u b'hekk kien prova tanġibbli tas-solidarjetà Ewropea. Pereżempju, l-eżistenza ta'

"ċentru" Ewropew uniku għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni operattiva, l-introduzzjoni ta' standards Ewropej għall-kapaċitajiet ta' rispons għal diżastri u linji gwida komuni dwar il-valutazzjoni tar-riskju jindikaw b'mod ċar il-valur miżjud tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni, l-istat ta' preparazzjoni u r-rispons għal diżastri.

Iż-żieda ta' kapaċitajiet ġodda permezz tal-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (Aggregazzjoni Volontarja) tejbet l-istat ta' preparazzjoni ġenerali għal diżastri fil-livell tal-UE u ppermettiet riżorsi li jistgħu jiġu skjerati b'mod immedjat għal rispons, li jlaqqgħu flimkien firxa ta' timijiet, esperti u tagħmir mill-Istati Parteċipanti. Għad fadal sfidi ewlenin biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet ta' kapaċità, jiġu stabbiliti miri xierqa għall-kapaċità u jiġu żviluppati aktar l-istandards tal-kwalità kif ukoll sabiex il-prevenzjoni tintrabat aħjar mal-attivitajiet ta' preparazzjoni u rispons. L-artikulazzjoni ma' programmi aktar wiesgħa tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali hija wkoll ta' sfida. L-evalwazzjoni indikat il-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas ta' monitoraġġ, tiżdied il-koerenza bejn l-azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu u l-aġenda tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, u tittejjeb aktar is-sostenibbiltà tar-riżultati. Il-Mekkaniżmu għad irid isib il-bilanċ ġust bejn li jkun qafas ta' assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri wara diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem, u li jevolvi lejn strument aktar kumpless li kapaċi jindirizza kriżijiet ta' natura multipla u b'firxa globali.

## Il-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"

Il-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" huwa implimentat permezz ta' żewġ taqsimiet: "Tifkira Ewropea" u "Impenn demokratiku u parteċipazzjoni ċivika". Huma joffru kofinanzjament għal proġetti ta' tifkira Ewropea, attivitajiet ta' ġemellaġġ, netwerks tal-ibliet u proġetti tas-soċjetà ċivili. Iż-żewġ taqsimiet huma kkumplimentati minn azzjonijiet orizzontali għad-disseminazzjoni u l-użu tar-riżultati tal-proġetti. Il-programm huwa implimentat permezz ta' għotjiet ta' azzjoni u għotjiet operattivi mogħtija lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u gruppi ta' riflessjoni Ewropej attivi fl-oqsma tematiċi mmirati mill-programm.

*Fl-2017, taħt it-"Tifkira Ewropea", 39 inizjattiva appoġġati ffukaw fuq il-ħolqien ta' sens ta' sjieda maċ-ċittadini dwar kif qiegħda tiżviluppa l-UE u l-valuri li hija mibnija fuqhom. It-373 proġett ta' ġemellaġġ tal-ibliet, 32 netwerk tal-ibliet u 27 proġett tas-soċjetà ċivili taħt it-taqsima "Involviment demokratiku u parteċipazzjoni ċivili", iffukaw fuq il-promozzjoni tas-solidarjetà fi żminijiet ta' kriżi u l-ġlieda kontra l-istigmatizzazzjoni tal-migranti u ta' gruppi minoritarji.*

Fl-2017, ġew implimentati l-azzjonijiet kollha tal-programm. Matul is-sena, minn 1 942 applikazzjoni li daħlu, intgħażlu 412-il proġett, b'baġit totali ta' EUR 25,6 miljun. Il-Programm ġie implimentat fi 33 pajjiż parteċipant eliġibbli.

L-eżitu tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[71] tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" jikkonferma l-valur miżjud tal-programm fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ċivika u t-tisħiħ ta' sens ta' appartenenza u appoġġ għall-fehim reċiproku. L-istruttura tal-programm, b'żewġ taqsimiet u miżura trażversali dwar il-valorizzazzjoni, uriet li taħdem b'mod effiċjenti u kemm l-għotjiet operattivi kif ukoll l-għotjiet ta' azzjoni għenu sabiex jitwasslu r-riżultati mixtieqa. B'kollox, 3,3 miljun ċittadin kienu direttament involuti f'attivitajiet appoġġati mill-programm (pereżempju parteċipanti f'attivitajiet ta' ġemellaġġ, il-parteċipanti f'avvenimenti organizzati minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ.) u 3,9 miljun oħra kienu involuti indirettament (pereżempju utenti ta' materjal online prodott bħala parti mill-programm, il-qarrejja ta' studji magħmula minn gruppi ta' riflessjoni). Madankollu, l-evalwazzjoni wriet ukoll in-nuqqas ta' viżibbiltà minħabba l-iskala żgħira tal-attivitajiet, il-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji ma' programmi eżistenti oħra tal-UE u l-ħtieġa li jittejbu l-indikaturi tal-monitoraġġ.

## Il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza

Fl-2017, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza opera b'baġit ta' EUR 61,5 miljun. Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2017 ġie adottat fl-1 ta' Marzu 2017 b'għaxar sejħiet għall-proposti ta'

għotjiet ta' azzjoni mnedija u tmienja magħluqa. Kienu magħluqa wkoll tliet sejħiet għal għotjiet operattivi sabiex jappoġġaw lill-imsieħba tal-qafas. Ingħataw għotjiet operattivi ta' EUR 15-il miljun lil 12-il awtorità nazzjonali u 32 organizzazzjoni fil-livell lokali għal proġetti li jiffukaw fuq l-identifikazzjoni u t-titjib tal-istandards ta' protezzjoni u appoġġ għall-vittmi.

Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet taħt il-Programm jikkontribwixxu għall-Prijoritajiet tal-UE tal-Ġustizzja u d-Drittijiet Fundamentali, Unjoni ta' Bidla Demokratika u għall-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (b'mod partikolari attivitajiet kontra r-razziżmu u l-ksenofobija). Il-Programm jikkontribwixxi wkoll għas-Suq Uniku Diġitali billi jappoġġa l-attivitajiet proposti dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online. L-attivitajiet dwar id-drittijiet tal-konsumatur relatati mal-cloud computing u l-kuntratti diġitali wkoll jikkontribwixxu għal Suq Uniku Diġitali konness, kif ukoll għal suq intern aktar profond u aktar ġust.

Fil-qasam ta' politika tan-nondiskriminazzjoni u tal-integrazzjoni tar-Rom, il-Programm appoġġa azzjonijiet li jassiguraw li d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali, kull meta jkun possibbli, tiġi pprojbita bl-istess mod li hija għal raġunijiet ta' sess u razza jew oriġini etnika. Il-programm appoġġa l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 billi ffinanzja azzjonijiet immirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet. Fl-2017, ġew allokati EUR 701 207 sabiex jappoġġaw inizjattivi bħall-Karta tad-Diżabilità tal-UE, il-Premju għall-Belt Aċċessibbli u t-tnedija tal-Jum Ewropew tal-Persuni b'Diżabilitajiet.

*Il-programm kompla jagħti prijorità lill-azzjonijiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa, iż-żgħażagħ u t-tfal. Proġett fil-Finlandja kien jinvolvi t-taħriġ ta' madwar 1 000 tabib, infermier u assisteni soċjali u ħaddiema oħra fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex jagħrfu s-sinjali ta' vjolenza domestika u jheġġu l-kxif u r-rapportar tal-vjolenza.*

Il-Programm appoġġa wkoll azzjonijiet immirati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu kull forma ta' vjolenza. Dan witta t-triq għall-adeżjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. Dawn jinkludu pereżempju l-appoġġ tal-konferenza tal-Presidenza Maltija li ffukat fuq il-vjolenza sessista fil-kuntest tad-diskriminazzjoni intersezzjonali u l-aċċess tan-nisa għall-ġustizzja u s-servizzi, li saret fi Frar 2017. F'din l-okkażjoni tnediet għodda fuq l-internet għall-professjonisti f'kuntatt ma' nisa affettwata mill-mutilazzjoni ġenitali femminili.

Fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-Programm appoġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni, inkluża d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Fl-ambitu tal-implimentazzjoni tal-Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019, il-Programm ikkontribwixxa sabiex jiżdied il-bilanċ bejn is-sessi fil-pożizzjonijiet deċiżjonali ekonomiċi, permezz tal-ħolqien ta' bai ta' *data* tal-Kummissjoni dwar in-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet.

L-azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal appoġġaw il-promozzjoni ta' ġustizzja adatta għat-tfal u minħabba l-emerġenza tal-migrazzjoni, il-fondi taw prijorità lil inizjattivi għall-protezzjoni tat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

*Bħala eżempju, f'Novembru 2017 il-Programm iffinanzja l-11-il Forum Ewropew Annwali dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li ffoka fuq is-suġġett tat-tfal imċaħħda mil-libertà tagħhom u l-alternattivi għad-detenzjoni.*

Ir-riżultati preliminari tal-evalwazzjoni *interim* juru li l-Programm kiseb progress tajjeb lejn l-objettivi tiegħu, b'mod effettiv u effiċjenti. Madankollu, id-distribuzzjoni bejn il-gruppi differenti ta' benefiċjarji u bejn l-objettivi tal-Programm mhijiex ottimali, kif mhijiex lanqas id-distribuzzjoni ġeografika tiegħu. Ippjanar, monitoraġġ u implimentazzjoni aktar sistematiċi tal-attivitajiet tal-Programm jappoġġaw is-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti. L-effiċjenza tal-mekkaniżmi ta' applikazzjoni, ta' implimentazzjoni u ta' monitoraġġ tista' tissaħħaħ.

## Il-Programm dwar il-Ġustizzja

Il-Programm dwar il-Ġustizzja jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja bbażat fuq rikonoxximent u fiduċja reċiproċi. Il-programm jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali u t-taħriġ ġudizzjarju sabiex irawwem kultura ġudizzjarja komuni. Il-programm jappoġġa l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fl-Ewropa, kif ukoll inizjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-drogi. Il-programm dwar il-Ġustizzja għandu l-għan li jtejjeb l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' ġustizzja tal-UE (eż. l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea, il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja, l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni, l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, il-liġi tal-familja) u japplika

proċedimenti ġudizzjarji transnazzjonali aktar rapidi permezz ta' kooperazzjoni, djalogu, skambju ta' informazzjoni, attivitajiet ta' taħriġ u l-armonizzazzjoni tal-prattiki. L-attivitajiet kollha ffinanzjati mill-programm dwar il-Ġustizzja għandhom dimensjoni transnazzjonali. Ħafna minnhom huma implimentati minn sħubijiet li jirrappreżentaw mill-anqas żewġ pajjiżi jew minn netwerks li jiġbru flimkien membri minn tal-anqas 14-il pajjiż parteċipanti.

Il-baġit operattiv allokat għall-Programm dwar il-Ġustizzja fl-2017 (EUR 52,6 miljun) intuża primarjament sabiex isaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali u sabiex itejjeb l-aċċess għall-ġustizzja.

Is-sejħiet kollha għall-proposti u l-offerti taħt il-programmi ta' ħidma għall-2014, l-2015 u l-2016 ġew finalizzati. Bħalissa għaddejja l-implimentazzjoni tal-proġetti u l-kuntratti relatati.

Il-Programm jiffinanzja n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali. In-netwerk ilaqqa' flimkien l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali bil-għan li jissimplifika u jsaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u jtejjeb l-implimentazzjoni tal-ġustizzja ċivili tal-UE.

Bis-Sistema Elettronika ta' Informazzjoni dwar ir-Rekords Kriminali, żieda fl-għadd ta' skambji ta' informazzjoni għenet sabiex jiġu pprovduti skambji ta' informazzjoni aktar rapidi u mmirati dwar il-kundanni kriminali bejn l-Istati Membri. Fl-2017, iż-żieda kienet ta' aktar minn tmien darbiet meta mqabbel mal-linja bażi tal-2012.

*Il-finanzjament kontinwu għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika wassal biex jiġu rreġistrati kważi 2,7 miljun hit fl-2017 - żieda ta' sitt darbiet meta mqabbel mal-2012.*

Il-portal jagħti aċċess għal dokumenti dwar proċedimenti transfruntiera, ġurisprudenza, dwar is-sistemi ġudizzjarji tal-UE u materjal ta' taħriġ, u b'hekk jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji u jikkontribwixxi għall-fiduċja reċiproka.

Fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, li hija prijorità ewlenija tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, l-azzjonijiet iffinanzjati taw prijorità lill-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u t-titjib tal-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet. Fl-2017, ingħataw għotjiet operattivi lil organizzazzjonijiet bħal EuroPris u l-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation għal proġetti li kkontribwew sabiex jiżdied l-użu ta' alternattivi għall-priġunerija u jittejbu l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni fl-Istati Membri. It-titjib tal-kundizzjonijiet ħżiena fil-ħabs huwa prijorità politika fil-livell tal-UE billi hemm riskju akbar ta' radikalizzazzjoni f'dawn l-ambjenti u jista' jillimita l-operat effiċjenti, pereżempju, tal-Mandat ta' Arrest Ewropew.

Ir-riżultati preliminari tal-evalwazzjoni *interim* juru li l-progress tal-programm f'nofs it-terminu kien konsiderevoli. Madankollu, tfaċċaw xi sfidi fl-implimentazzjoni tal-programm. Sa issa, il-Programm ġie aċċessat minn benefiċjarji minn għadd żgħir ta' Stati Membri. Attivitajiet aħjar ta' komunikazzjoni jistgħu jindirizzaw dan fil-ġejjieni. L-indikaturi tal-Programm huma adegwati sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-objettivi tal-Programm, iżda xi drabi huma diffiċli biex jitkejlu minħabba n-nuqqas ta' għodod adegwati. L-objettivi tal-programm huma wiesgħa u flessibbli iżda l-inizjattivi fil-qasam tal-politiki dwar id-drogi xi drabi huma diffiċli biex jiġu rikonċiljati ma' prijoritajiet oħra tal-Programm, bħall-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja. Sabiex tiżdied ir-rilevanza tal-programm, hija meħtieġa analiżi aktar sistematika tal-ħtiġijiet tal-partijiet interessati u ta' gruppi fil-mira addizzjonali. Sabiex jitnaqqas ir-riskju potenzjali ta' duplikazzjonijiet u jiżdiedu s-sinerġiji possibbli, koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni akbar bejn il-programmi u l-proġetti tal-UE jistgħu jkunu strumentali, billi jippermettu allokazzjoni aktar koerenti u effiċjenti tar-riżorsi skont l-aktar prijoritajiet rilevanti. Fl-aħħar nett, għad hemm lok għal tnaqqis fil-piż amministrattiv.

## Il-Programm dwar il-Konsumaturi

Il-Programm jappoġġa l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-bażi tal-għarfien u l-proċess ta' rieżami tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi, kif ukoll permezz ta' azzjonijiet konġunti li għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni amministrattiva għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti (id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti) fis-suq intern. Dawn l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, b'mod partikolari minħabba n-natura transfruntiera tal-kwistjonijiet involuti.

L-implimentazzjoni tal-Programm dwar il-Konsumaturi 2014 – 2020 qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettivi pluriennali tagħha. Ġew issodisfati ħafna mill-indikaturi tal-prestazzjoni relatati mistennija għall-2014, l-2015, l-2016 u l-2017.

Sal-aħħar tal-2017, 99 % tal-baġit operattiv ta' EUR 23,7 miljun allokat għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-2016 kien ikkunsmat u mibdul f'impenji legali. F'Marzu 2018, l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-2017 (EUR 24,1 miljun) laħqet 61 %. Fl-aħħar tal-2017 saru impenji globali għall-azzjonijiet diġà definiti li fadal (impenji legali li għandhom jiġu konklużi matul l-ewwel nofs tal-2018).

Meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu, il-programm għall-perjodu 2014-2020 ġab titjib sinifikanti, b'mod partikolari s-simplifikazzjoni tal-għotjiet għaċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ibbażati fuq sħubijiet strateġiċi pluriennali), u tas-sistema għall-iskambju tal-uffiċjali tal-infurzar (indennizzi minflok għotjiet).

In-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi jgħin lill-konsumaturi fix-xiri transfruntier, billi jispjega d-drittijiet tagħhom meta jixtru internazzjonalment u jgħinhom ifittxu rimedju mingħand kummerċjant f'pajjiż ieħor tal-UE (jew l-Iżlanda jew in-Norveġja) jekk xi ħaġa tmur ħażin.

> *In-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi żviluppa "App għall-Ivvjaġġar" biex jgħin lill-konsumaturi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom meta jkunu għal btala f'pajjiż ieħor, li rreġistrat madwar 100 000 kuntatt mal-konsumaturi fis-sena.*

Ġew stabbiliti pjattaformi online sabiex iħeġġu l-kooperazzjoni amministrattiva għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti. Fl-2017 dawn irreġistraw żieda fir-rati ta' parteċipazzjoni. Pereżempju, il-pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi rat żieda ta' 28 % fl-għadd ta' skambji minn uffiċjali mill-2016:

- Il-Pjattaforma għas-Soluzzjoni Online għat-Tilwim għall-UE kollha li ġiet stabbilita fl-2016 kompliet issaħħaħ id-drittijiet tal-konsumaturi permezz ta' aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim sempliċi, effiċjenti u rħisa. Il-pjattaforma tippermetti lill-konsumaturi u lin-negozjanti jsolvu t-tilwim online tagħhom dwar xiri domestiku u transfruntier mingħajr ma jidħlu l-qorti. Fl-2017, tjiebet il-kunfidenza fis-sistema, bl-għadd ta' każijiet riċevuti jlaħħaq 52 735. Skont stħarriġ, madwar 44 % tal-ilmenti ġew solvuti barra mill-pjattaforma permezz ta' kuntatt dirett bejn il-konsumaturi u n-negozjanti mibdi mill-pjattaforma.

- L-akkademja ta' Infurzar elettroniku li ġiet stabbilita fl-2017 sabiex issaħħaħ il-ħila tan-networks għall-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi u għas-sigurtà tal-prodotti, li jwettqu investigazzjonijiet online, diġà ġabret 158 uffiċjal fl-ewwel sena ta' ħidma tagħha.

- Is-Sistema ta' Twissija Rapida għal prodotti perikolużi mhux alimentari kompliet tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda kontra prodotti perikolużi. Fl-2017, l-awtoritajiet nazzjonali ċċirkolaw 2 201 twissija dwar prodotti perikolużi permezz tas-sistema biex hekk ipprovdew lill-konsumaturi aċċess ta' malajr għall-informazzjoni dwar prodotti mhux sikuri mibjugħa fl-UE. It-twissijiet fl-2017 wasslu wkoll għal kważi 4 000 azzjoni ta' segwitu fi Stati Membri oħra, li wera kollaborazzjoni mill-qrib mill-awtoritajiet nazzjonali lejn l-għan komuni li jżommu s-suq sigur u jipproteġu l-konsumaturi tal-UE. Il-ġugarelli, il-karozzi u l-muturi huma fil-quċċata tal-lista ta' prodotti perikolużi identifikati u mneħħija mis-suq.

L-evalwazzjoni *interim* tal-Programm għadha għaddejja u l-ewwel riżultati juru sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet interessati f'termini ta' rilevanza u effettività tal-attivitajiet. B'mod ġenerali, l-objettivi u l-prijoritajiet tal-Programm dwar il-Konsumaturi huma valutati bħala li għadhom kompletament rilevanti u għandhom jitkomplew. Madankollu, ġew identifikati diversi oqsma fejn hemm bżonn titjib, b'mod partikolari l-flessibbiltà limitata tal-programm sabiex ikun jista' jirrispondi għall-ħtiġijiet ta' politika fi żmien qasir, il-proċess mhux ottimali ta' ppjanar li għandu jaħseb ukoll għall-possibbiltà ta' reazzjoni malajr għal esiġenzi ġodda ta' politika jew żviluppi ġodda fis-suq u l-lok għal titjib tar-rabtiet ma' pajjiżi terzi (speċjalment fil-qasam tal-infurzar).

## L-Ikel u l-Għalf

Il-programm dwar l-ikel u l-għalf qiegħed jikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti tul il-katina alimentari. Huwa jappoġġa azzjonijiet li jipprevjenu u jeqirdu mard u pesti u li jassiguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi u għall-industrija tal-ikel u l-għalf u li jiffavorixxu l-ħolqien tal-impjiegi. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-2017, tal-programm dwar l-ikel u l-għalf[72] ikkonfermat ir-rilevanza tiegħu u li huwa ambjent li qiegħed jiffunzjona tajjeb. Fl-istess ħin, l-appoġġ li pprovda l-programm għandu jgħin ukoll sabiex jagħmel lill-Unjoni aktar kompetittiva f'dan il-qasam. Fl-2017, l-implimentazzjoni ta' 130 programm veterinarju nazzjonali, ikkofinanzjati b'EUR 150 miljun mill-programm tal-Ikel u l-Għalf, kompliet miexja kif previst. Dawn il-programmi huma mmirati lejn mardiet trażmissibbli u spiss epidemiċi tal-annimali u għandhom impatt dirett fuq is-saħħa pubblika

minħabba kwistjonijiet relatati mas-sikurezza alimentari u għaliex ċerti mardiet li joriġinaw mill-annimali huma trażmissibbli għall-bniedem. Barra minn hekk, it-tifqigħat ta' mardiet tal-annimali jistgħu jġibu magħhom kostijiet ekonomiċi sinifikanti permezz tat-telf ta' swieq interni tal-UE u ta' esportazzjoni u l-kost dirett tal-kontroll tal-mard fuq il-baġits tal-UE u tal-Istati Membri. Madankollu, il-qerda tal-mard hu eżerċizzju fit-tul li jeħtieġ sforz kontinwu u konsistenti tul perjodu twil ta' żmien.

*Fl-2017, kien hemm intrużjonijiet ġodda tal-marda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'żoni ġodda tal-Polonja u fi Stati Membri ġodda (ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija) marbuta mal-attivitajiet tal-bniedem u mhux mal-mod naturali kif tinxtered il-mard bil-moviment taċ-ċingjal. Ir-rispons immirat tajjeb u fuq bosta lati tal-UE għat-tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer żamm l-effetti negattivi limitati filwaqt li l-epidemiji seta' kellhom effetti devastanti fuq is-saħħa tal-annimali u fuq is-sostenibbiltà tas-settur. It-tražżin tal-marda fl-UE ma għandux ekwivalenti f'pajjiżi affettwati oħra mhux tal-UE fejn il-marda tinfirex eluf ta' kilometri fi ftit snin.*

Fl-2017 ukoll, ġew ikkofinanzjati 24 programm nazzjonali ta' stħarriġ għal organiżmi ta' ħsara għall-pjanti (+7 meta mqabbel mal-2015) biex jiġu żgurati detezzjoni u qerda bikrija tat-tifqigħat ta' pesti. Il-globalizzazzjoni tal-kummerċ fil-pjanti flimkien mat-tibdil fil-klima żiedu b'mod sostanzjali r-riskju ta' infestazzjoni ta' pesti tal-pjanti. B'hekk, id-detezzjoni bikrija u l-kontroll huma essenzjali għall-mitigazzjoni tal-konsegwenzi fuq il-kummerċ u ekonomiċi.

Minbarra l-kofinanzjament tal-programmi nazzjonali, l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-miżuri ta' emerġenza huwa kontinwu sabiex il-mard tal-annimali u t-tifqigħat ta' pesti jitrażżnu fi stadju bikri. Tifqigħa severa tal-influwenza avjarja fl-2016/17 kienet titlob kontribuzzjoni finanzjarja maġġuri li qabżet EUR 100 miljun. Il-vajrus tal-Influwenza Avjarja jinxtered bil-moviment tal-għasafar selvaġġi; it-tixrid tiegħu, għalhekk, ma jistax jiġi kkontrollat. Il-konteniment bikri huwa importanti billi t-tifqigħat jistgħu jġibu magħhom kost enormi għall-baġit tal-UE, għall-baġits nazzjonali u għall-komunità agrikola jekk ma jiġux trattati immedjatament u jintilef il-kontroll.

Għad ma hemmx indikaturi tal-kosteffettività għall-programm; il-proġetti ġew stabbiliti fl-2017 sabiex jiġu stabbiliti.

## Il-Programm dwar is-Saħħa

L-għan tal-Programm dwar is-Saħħa huwa li jikkomplementa, jappoġġa u jżid il-valur għall-politiki tal-Istati Membri sabiex itejbu s-saħħa taċ-ċittadini tal-UE u jnaqqsu l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa, iħeġġu l-innovazzjoni fis-saħħa u jżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, tal-2017, tal-Programm dwar is-Saħħa[73], ikkonfermat ir-rilevanza tal-programm u l-effettività tas-simplifikazzjonijiet introdotti meta mqabbel mal-programm predeċessur tiegħu. L-evalwazzjoni rrakkomandat li jissaħħu l-isforzi sabiex jinkiseb valur miżjud tal-UE u jiżdiedu s-sinerġiji u jiġi assigurat it-tkabbir tar-riżultati sinifikanti permezz tal-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħra tal-UE.

Fl-2017 tnedew Azzjonijiet Konġunti ġodda dwar is-Saħħa għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawn l-Azzjonijiet Konġunti jkopru suġġetti bħall-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa, is-Sħubija Innovattiva dwar Azzjoni kontra l-Kanċer, it-tilqim, l-istat ta' preparazzjoni fil-punti tad-dħul għar-refuġjati u l-migranti, l-azzjonijiet li jappoġġaw in-Netwerk tas-Saħħa elettronika, u dwar sistemi ta' informazzjoni sostenibbli dwar is-saħħa fl-UE. Dawn l-azzjonijiet għandhom jippermettu trasferiment tal-għarfien u kondiviżjoni ta' informazzjoni aħjar u aktar rapidi, neċessarji għall-iżvilupp tal-politiki fuq livell nazzjonali.

Fl-2017 tnieda Ftehim Qafas ta' Sħubija ma' korpi mhux governattivi attivi fl-oqsma tas-saħħa. Dawn il-korpi mhux governattivi huma mistennija li jassistu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni u l-konsulenza neċessarji għall-iżvilupp tal-politiki dwar is-saħħa u l-implimentazzjoni tal-objettivi u l-prijoritajiet tal-Programm dwar is-Saħħa. L-appoġġ ta' dawn il-korpi mhux governattivi huwa ġustifikat minħabba l-kontribut li dawn jistgħu jġibu sabiex jiżdied il-litteriżmu dwar is-saħħa, il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u l-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-politika xjentifika. Il-korpi mhux governattivi jikkontribwixxu wkoll għall-ottimizzazzjoni tal-attivitajiet u l-prattiki tal-kura tas-saħħa billi jipprovdu feedback mill-pazjenti u jiffaċilitaw il-komunikazzjoni magħhom.

*Fl-2017, beda jiffunzjona l-ewwel mill-24 netwerk virtwali Ewropew li jaqdu pazjenti b'mard rari u kumpless. Dawn in-Netwerks ta' Referenza Ewropej jinvolvu 900 unità ta' kura tas-saħħa speċjalizzati ħafna minn aktar minn 300 sptar f'26 pajjiż tal-UE, li jikkonċentraw l-għarfien u r-riżorsi.*

Il-pazjenti jistgħu jiġu riferuti lill-membru rilevanti tan-Netwerk ta' Referenza Ewropew f'pajjiżhom mill-fornitur tal-kura tas-saħħa tagħhom. Dawn imbagħad ilaqqgħu "bord konsultattiv virtwali" ta' speċjalisti mediċi li jipprovdu dijanjożi u parir dwar l-aħjar kura għall-kundizzjoni speċifika tagħhom.

## Ewropa Kreattiva

Il-Programm Ewropa Kreattiva jipprovdi EUR 1,46 biljun sabiex jappoġġa lis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, b'mod partikolari l-awdjoviżiv, biex tiġi promossa d-diversità kulturali u lingwistika u tiġi stimulata l-kompetittività Ewropea. Ewropa Kreattiva għandu l-għan li jisfrutta l-potenzjal għat-tkabbir billi jegħleb l-ostakoli maħluqa mis-swieq frammentati, jirrispondi għall-kompetizzjoni internazzjonali ħarxa u jaddatta għat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà. Is-sottoprogramm MEDIA jippromwovi l-ħolqien u d-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv (films, sensiliet tat-TV u vidjows).

Fl-2017, il-Programm mexa kif previst bi kważi 100 % tal-baġit finali jintlaħaq kemm fl-impenji kif ukoll fil-pagamenti. B'kollox ġew sottomessi 5 025 applikazzjoni li minnhom intgħażlu 2 317-il proġett għall-finanzjament.

Taħt is-sottoprogramm tal-Kultura, ir-rata ta' suċċess għall-proġetti ta' kooperazzjoni żdiedet daqsxejn minn 13,96 % fil-perjodu 2014-2017 għal 14,78 % fl-2017, li tindika domanda għolja kontinwa għall-appoġġ mill-UE u għadd kbir ta' proġett ta' kwalità esklużi minħabba l-fondi limitati. Barra minn hekk, saret aktar enfasi fuq l-għażla ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw firxa aktar wiesgħa ta' setturi li jkopru oqsma sa issa mhux milħuqa, bħall-arti diġitali u l-fotokopja.

*Fl-2017, il-Programm espanda wkoll fl-għadd ta' pajjiżi parteċipanti, bl-ewwel pajjiż ġar tal-Mediterran, it-Tuneżija, jissieħeb u żewġ pajjiżi oħra lesti biex jiffirmaw il-ftehim tagħhom fl-ewwel nofs tal-2018 (l-Armenja u l-Kosovo). Dan jirrappreżenta indikazzjoni ċara tar-rilevanza tal-Programm bħala għodda utli għad-diplomazija kulturali u l-istrateġija riċenti tal-UE dwar ir-rwol tal-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE.*

Ir-riżultati preliminari mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm jikkonfermaw il-valur miżjud tiegħu. Ewropa Kreattiva kkontribwixxa sabiex iwassal l-aġenda ta' politika tal-UE, jistimula l-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi (3 000 impjieg maħluqa matul il-perjodu 2014-2016) u jsaħħaħ is-suq intern permezz taċ-ċirkolazzjoni akbar ta' kontenut kreattiv. Hija sabet li l-implimentazzjoni qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettivi tal-Programm. It-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-intrapriżi żgħar u medji kulturali u kreattivi kienet ukoll rilevanti ħafna sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet finanzjarji tas-setturi kulturali u kreattivi. Barra minn hekk, il-valur miżjud tal-Programm ġie rikonoxxut fil-karattru transnazzjonali tal-azzjonijiet tiegħu li joħolqu effetti pożittivi permezz ta' skambji, networks u sħubijiet. Madankollu, is-sejbiet preliminari jissuġġerixxu li l-Programm mhuwiex flessibbli biżżejjed biex jaħsad b'mod sħiħ l-opportunitajiet offruti mill-bidla diġitali (eż. il-ħolqien u d-distribuzzjoni diġitali, l-involviment imsaħħaħ mal-udjenzi, l-aċċess għal swieq ġodda jew il-big data). Filwaqt li l-kosteffettività hija sodisfaċenti, hemm lok għal aktar simplifikazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni sabiex jitnaqqsu l-kostijiet. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu identifikat ukoll il-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas komprensiv ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni li jikkonsisti f'sett ta' indikaturi li huma marbuta mill-qrib mal-objettivi tal-programm, kemm f'termini tal-outputs u tal-benefiċċji għall-benefiċjarji kif ukoll tal-impatti kulturali, ekonomiċi u soċjali usa' u aktar fit-tul.

*Fl-2017, is-sottoprogramm MEDIA għen sabiex tiżdied il-viżibbiltà tal-films Ewropej. Ġew distribwiti 'l fuq minn 400 film Ewropew madwar il-fruntieri, u ntlaħqu udjenzi ta' 65 miljun ruħ fis-sena. Barra minn hekk, ġie appoġġat netwerk ta' aktar minn 1 000 ċinema fi 33 pajjiż, b'fokus fuq il-films Ewropej.*

*Il-kwalità tal-films ukoll kisbet rikonoxximent internazzjonali. Pereżempju, fil-Festival tal-Films ta' Cannes, "The Square" rebaħ il-Palme d'Or, filwaqt li fl-Oscars "Call me by your name" rebaħ il-premju għall-aħjar xeneġġjatura adattata. Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, l-impatt ta' MEDIA jista' jissaħħaħ aktar permezz ta' kollaborazzjoni u flessibbiltà akbar fl-iskemi ta' appoġġ, kif ukoll fokus fuq l-espansjoni tal-industrija awdjoviżiva.*

Il-Faċilità ta’ Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi li ġiet stabbilita, għenet intrapriżi kulturali u kreattivi żgħar u medji, li jsibu diffikultajiet biex jaċċessaw is-self minħabba n-natura intanġibbli tal-assi tagħhom. Mit-tnedija tagħha fl-2016 sal-aħħar tal-2017, diġà kienu pparteċipaw tmien intermedjarji finanzjarji f’sitt pajjiżi, li wera r-rilevanza ta’ dan l-istrument.

Sat-tieni nofs tal-2017, 161 intrapriża żgħar u medji rċevew self għal valur totali ta’ EUR 32 miljun, għal aktar minn 200 proġett li jimpjegaw ’il fuq minn 900 ruħ. Diġà fl-2017, kien ipprovdut pagament supplimentari ta’ EUR 60 miljun, ekwivalenti għal 50 % tal-baġit totali, li ppermetta użu aktar rapidu tal-appoġġ ta’ garanzija.

Il-Faċilità ta’ Garanzija, li għandha l-għan li tindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament għall-intrapriżi żgħar u medji fis-setturi kulturali u kreattivi, irċeviet domanda b’saħħitha fl-2017. Ingħataw madwar 500 selfa lil benefiċjarji minn Spanja, Franza, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, il-Belġju u l-Italja. Minħabba din id-domanda qawwija tas-suq, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ġie mobilizzat sabiex jissupplimenta l-Fond ta’ Garanzija b’EUR 60 miljun.

## 1.5. Ewropa Globali (Intestatura Baġitarja 4)[74]

Ġew allokati EUR 10,7 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit għall-programmi taħt l-Intestatura 4, li jirrappreżentaw 7 % tat-total tal-baġit tal-UE tal-2017. L-assistenza tal-UE għall-iżvilupp issaħħet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li mhuwiex iffinanzjat mill-baġit tal-UE iżda minn kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri tal-UE.

L-Intestatura 4 tal-qafas finanzjarju tkopri l-azzjonijiet esterni kollha mwettqa mill-Kummissjoni u tkopri firxa wiesgħa ta' azzjonijiet bħall-assistenza għall-iżvilupp, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u l-għajnuna umanitarja. Barra minn hekk, l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-istabbiltà u l-paċi, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali u bosta oħrajn, huma inklużi taħt din l-intestatura.




*Tabella: Il-programmi prinċipali ffinanzjati taħt l-Intestatura 4 fl-2017. Programmi oħra jinkludu fost l-oħrajn l-Istrument ta' Sħubija, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni, u l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari. Iċ-ċifri kollha huma f'miljuni ta' EUR.*

**_Appoġġ għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea_**

*Il-programmi taħt l-Intestatura 4 jikkontribwixxu l-aktar għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni ta' Juncker "UE bħala Attur Globali" u "Migrazzjoni". Jappoġġaw ukoll b'mod partikolari d-dimensjoni esterna ta' prijoritajiet oħra tal-Kummissjoni ta' Juncker bħal "Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem", "Impjiegi, Tkabbir u Investiment"; u "Żona ta' Ġustizzja u ta' Drittijiet Fundamentali abbażi tal-Fiduċja Reċiproka" li tinkludi attenzjoni qawwija għas-sigurtà.*

## Għajnuna Umanitarja

L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrappreżentaw l-akbar donatur ta' għajnuna umanitarja fid-dinja u b'hekk għandhom rwol ewlieni sabiex jindirizzaw l-isfidi umanitarji billi jipprovdu sokkors u protezzjoni lill-popolazzjonijiet milquta. Il-Programm ta' Għajnuna Umanitarja tal-UE jappoġġa l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli fil-pajjiżi li jkunu qegħdin jesperjenzaw kriżi, inklużi l-hekk imsejħa "kriżijiet minsija" (kriżijiet b'attenzjoni limitata mill-midja u kopertura fqira).

Fl-2017, l-UE pprovdiet 'il fuq minn EUR 2,2 biljun f'għajnuna[75] lil aktar minn 80 pajjiż. Aktar minn 50 % tagħha kienet diretta lejn il-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, kif determinat permezz ta' analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju.




*L-għajnuna umanitarja tal-UE fl-2017*

Fl-2017, l-UE ddedikat 6 % tal-baġit annwali tagħha għall-għajnuna umanitarja għall-edukazzjoni f'emerġenzi, wieħed mis-setturi l-aktar sottofinanzjati tal-għajnuna umanitarja. Kważi 4,7 miljun tifel u tifla fi 52 pajjiż madwar id-dinja bbenefikaw minn finanzjament tal-UE bejn l-2012 u l-2017[76].

Matul il-perjodu 2012 – 2016, l-għajnuna umanitarja tal-UE ffukat prinċipalment fuq is-setturi li ġejjin: is-sigurtà alimentari u l-għajxien (aktar minn 30 % tat-total għall-perjodu), is-saħħa (aktar minn 12 %), in-nutrizzjoni (aktar minn 10 %), il-kenn u s-sistemazzjoni (aktar minn 9 %), u l-ilma, is-sanità u l-iġjene (aktar minn 9 %)[77].

*Il-kriżi fl-Iraq*

*Fl-2017, l-UE żiedet ir-rispons tagħha għall-kriżi umanitarja fl-Iraq. Fl-aħħar tal-2017, kważi terz tal-popolazzjoni tal-pajjiż kienet teħtieġ għajnuna umanitarja. L-UE, b'total ta' EUR 82,5 miljun ta' appoġġ ipprovduti fl-2017, baqgħet donatur ewlieni. Din l-għajnuna finanzjarja kienet iffukata fuq l-għoti ta' għajnuna ta' salvataġġ lill-popolazzjoni ċivili fiż-żoni kollha ta' kunflitt attiv u l-iffaċilitar tal-evakwazzjoni medika tal-persuni feruti u l-morda u għall-forniment ta' servizzi mediċi ta' emerġenza.*

*Il-kriżi tan-Nixfa fil-Qarn tal-Afrika*

*Ir-reġjun magħruf bħala l-Qarn tal-Afrika qed iħabbat wiċċu ma' diversi sfidi, kemm f'termini ta' persuni spostati internament kif ukoll ta' refuġjati, bil-fattur ewlieni għal dan ikun in-nuqqas kbir ta' sigurtà alimentari. Wara l-2016, li kienet sena kkaratterizzata minn nixfa u għargħar, l-2017 rat l-agħar nixfa mill-2011 'l hawn taffettwa r-reġjun kollu. Bi tweġiba għal dan, l-UE fl-2017 allokat EUR 185 miljun għall-għajnuna fil-Qarn tal-Afrika.*

*Il-kriżi tar-Rohingya (il-Myanmar/il-Bangladesh)*

*'Il fuq minn 688 000 Rohingya fittxew kenn bejn il-fruntiera mill-Istat ta' Rakhine f'Cox's Bazar, il-Bangladesh, li tella' l-għadd totali ta' refuġjati Rohingya fil-Bangladesh għal kważi miljun ruħ. Bi tweġiba għal dan, fl-2017 ġiet organizzata Konferenza tad-Donaturi tan-NU dwar il-Kriżi tar-Refuġjati Rohingya, li wasslet għal wegħdiet totali ta' USD 345 miljun għar-refuġjati Rohingya. L-UE u l-Istati Membri tagħha, b'madwar EUR 136 miljun, ikkontribwew għal aktar minn 50 % tat-total.*

*Il-kriżi tas-Sirja*

*L-Unjoni Ewropea kompliet tipprovdi assistenza u appoġġ li jsalvaw il-ħajjiet lil miljuni ta' persuni fis-Sirja u r-reġjun. L-assistenza kkontribwiet għat-twassil vitali ta' ikel, mediċina, ilma, u kenn għal miljuni ta' Sirjani milquta direttament u/jew spostati internament mill-kunflitt. Fil-pajjiż ġar tal-Libanu, il-finanzjament tal-UE kkontribwixxa għall-assistenza tar-refuġjati l-aktar vulnerabbli, kura tas-saħħa sekondarja għall-każijiet ta' salvataġġ tal-ħajja, edukazzjoni mhux formali u kenn – inkluż ilma, iġjene u sanità – sabiex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-familji vulnerabbli l-iżjed affettwati mill-ispostament.*

Fl-2017, twettqet evalwazzjoni komprensiva tal-azzjonijiet umanitarji tal-UE bejn l-2012 u l-2016. Ir-riżultati preliminari juru li l-azzjonijiet umanitarji ffinanzjati kienu ġeneralment ibbażati fuq il-ħtiġijiet u implimentati f'konformità mal-prinċipji umanitarji. L-azzjonijiet għamlu kontribut importanti għall-objettivi ewlenin li jiġu salvati l-ħajjiet, jitnaqqsu l-morbidità u t-tbatija kif ukoll li tittejjeb id-dinjità tal-popolazzjonijiet milquta minn diżastri. Ir-riżultati preliminari jiġbdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-iskala tal-finanzjament ippermettiet lill-UE li jkollha impatt reali fil-post, fejn indirizzat il-ħtiġijiet ta' għadd sinifikanti ta' refuġjati f'għadd kbir ta' pajjiżi u reġjuni.

## Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija




*Appoġġ totali permezz tal-faċilità tal-UE*

Din il-faċilità ġiet stabbilita f'Jannar 2016, kompliet tipprovdi mekkaniżmu ta' koordinament konġunt tal-istrumenti eżistenti u tassigura li l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti fit-Turkija jiġu indirizzati b'mod komprensiv u kkoordinat.

Minkejja ċ-ċirkustanzi diffiċli, fl-2017 ġew ikkuntrattati EUR 3 biljun u ġew żborżati EUR 1,85 biljun bħala għajnuna umanitarja u mhux umanitarja.

Il-faċilità kompliet timplimenta x-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN), skema ta' assistenza soċjali b'karta unika, li sal-aħħar tal-2017 kienet laħqet aktar minn 1,2 miljun mir-refuġjati l-aktar vulnerabbli fit-Turkija, u għenithom jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi l-iżjed urġenti tagħhom.

Attivitajiet multisettorjali oħra, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, il-protezzjoni u l-edukazzjoni f'emerġenzi, qed jiġu appoġġati wkoll fit-Turkija, b'riżultat ta' dan:

*Nofs miljun tifel u tifla refuġjati b'aċċess għall-edukazzjoni, żewġ miljun refuġjat b'servizzi ta' kura tas-saħħa primarja u miljun b'servizzi tas-saħħa mentali riabilitattivi*[88].

## Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem

Dan l-Istrument għandu rwol ewlieni fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem billi jaħdem prinċipalment ma', u b'appoġġ għas-soċjetà ċivili u l-azzjonijiet tagħha. Fid-dawl tar-riżultati miksuba bejn l-2007 u l-2013, żdied l-appoġġ tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u għall-organizzazzjonijiet Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem għall-perjodu 2014-2020. Is-suċċess u l-prestazzjoni tal-appoġġ ta' emerġenza għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem f'riskju, meqjus bħala parti emblematika tal-attivitajiet tal-Istrument, wasslu għal żieda fl-għadd ta' talbiet.

*Mill-2014, ingħata għadd dejjem jiżdied ta' għotjiet żgħar li pprovdew appoġġ ta' emerġenza lil aktar minn 870 Dritt tal-Bniedem u Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-familji tagħhom li 107 minnhom kienu fl-2017.*

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[78], li tlestiet f'Diċembru 2017, tikkonferma li l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem qiegħed fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettivi u l-impenji tiegħu u li għadu strument abilitattiv, flessibbli u reazzjonarju sabiex jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja. L-appoġġ għad-demokrazija għad-drittijiet tal-bniedem jiġi pprovdut ukoll taħt Strumenti ta' Finanzjament Estern oħra tal-UE, iżda l-karatteristiċi speċifiċi jippermettulu li jopera fejn l-oħrajn ma jagħmlux dan jew ma jistgħux, kif ukoll f'livell differenti permezz tas-soċjetà ċivili. L-evalwazzjoni sabet li l-flessibbiltà intrinsika tal-programm mhux dejjem tintuża b'mod sħiħ u li l-proċess tas-sejħa għall-proposti huwa meqjus bħala twil, pedantiku u kompetittiv iżżejjed mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari

L-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari huwa maħsub sabiex jippromwovi kultura ta' sikurezza nukleari, l-immaniġġjar sigur tal-iskart radjuattiv u tal-fjuwil użat u salvagwardji effettivi tal-materjal nukleari f'pajjiżi terzi.

*L-ewwel proġett li appoġġa l-Awtorità Regolatorja Nukleari Iranjana beda f'Lulju 2017 u miexi mingħajr problemi. It-tieni proġett, li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-eżerċizzju ta' simulazzjoni ta' kriżi fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bushehr, ġie kkuntrattat fl-aħħar tal-2017 u se jibda f'April 2018.*

Fl-2017 ġie maqbul proġett ta' segwitu mal-Iran, f'konformità mal-impenn tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt; dan se jiġi kkuntrattat fit-tieni nofs tal-2018.

*Fl-2017 inkiseb involviment b'suċċess mat-Turkija bl-ikkuntrattar ta' proġett li jappoġġa l-bini tal-kapaċità għall-awtorità regolatorja nukleari fid-dawl tad-deċiżjoni li tiġi introdotta l-enerġija nukleari fit-taħlita enerġetika nazzjonali. Il-laqgħa ta' tnedija saret f'Jannar 2018.*

Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li ġiet konkluża fl-2017[79], il-kontenut tekniku ħafna u l-fokus fuq it-trasferiment tal-għarfien b'sensibilizzazzjoni internazzjonali huma xierqa. Barra minn hekk, l-Istrument huwa allinjat mal-prijoritajiet tas-sikurezza nukleari esperessi fid-Direttivi EURATOM u fit-trattati internazzjonali rilevanti. Kwistjonijiet trażversali bħall-protezzjoni tal-ambjent u l-governanza tajba huma indirizzati direttament jew integrati fl-interventi.

## Strument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi

Mill-bidu tal-kriżi tas-Sirja, ġew allokati aktar minn EUR 200 miljun taħt dan l-istrument u l-predeċessur tiegħu, l-Istrument għall-Istabbiltà, sabiex jiġu appoġġati l-miżuri ta' rispons għall-kriżi fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien affettwati mill-kunflitt. Din l-assistenza kienet tinkludi l-għoti ta' għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni fis-Sirja, l-appoġġ għall-inizjattivi ta' djalogu, il-ġustizzja tranżizzjonali u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, u l-appoġġ lir-refuġjati, il-gvernijiet ospitanti u l-popolazzjonijiet ospitanti fis-Sirja, il-Libanu, il-Ġordan, l-Iraq u t-Turkija.

Fl-2017, ġew adottati tliet programmi ġodda. L-ewwel fażi tal-Inizjattiva ta' Appoġġ għall-Paċi fis-Sirja appoġġat l-isforzi ta' medjazzjoni internazzjonali medjati min-NU. L-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi wkoll espanda l-impenn tiegħu ta' appoġġ għall-ġustizzja tranżizzjonali u r-responsabbiltà, b'appoġġ immirat għall-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Persuni Nieqsa, kif ukoll billi pprovda appoġġ għall-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzjali u Indipendeni dwar reati internazzjonali mwettqa fis-Sirja. Fl-aħħar nett, l-Istrument li

jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi jipprovdi wkoll appoġġ għall-edukazzjoni fiż-żoni miżmuma mill-oppożizzjoni.

Minbarra l-Proċess ta' Paċi fil-Kolombja, l-Inizjattiva ta' Appoġġ għall-Paċi fis-Sirja u d-Djalogu Kosovo-Serbja, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi fl-2017 kien involut ukoll sabiex jappoġġa attivitajiet oħra ta' proċessi ta' paċi, djalogu u medjazzjoni, b'azzjonijiet immirati li jappoġġaw il-ħidma tal-kumitat dwar il-ftehim ta' paċi fil-Mali, iżda wkoll fl-Afganistan, fil-Libja, fit-Turkija, fil-Jemen, fl-Iraq, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fis-Senegal (Casamance), fir-reġjun tan-Niġer Delta tan-Niġerja, bejn il-komunitajiet tat-Tebou u tat-Touaregs fin-Niġer, u bejn il-Gwatemala u l-Belize. Huwa kien jinkludi wkoll appoġġ għall-inizjattivi reġjonali mill-Unjoni Afrikana fis-Sudan u fis-Sudan t'Isfel. Għall-Kolombja, wara ċ-ċaħda tal-Ftehim dwar it-tmiem tal-kunflitt fi plebixxit f'Ottubru, kienet meħtieġa b'mod urġenti Deċiżjoni ta' Finanzjament ġdida ta' EUR 8 miljun sabiex jiġu salvagwardjati l-kisbiet miksuba permezz tan-negozjati għall-paċi u biex Ftehim ta' Paċi potenzjali jkun jista' jirnexxi.

Bi tliet programmi ġodda fil-Balkani tal-Punent, l-Istrument qed ikompli bl-isforzi ta' stabbilizzazzjoni fil-viċinat immedjat tal-UE. Fl-2017, il-programm kien involut fit-tisħiħ tal-fiduċja fil-Kosovo permezz tal-ħarsien tal-wirt kulturali. Direttament f'konformità mal-isforzi tal-UE, huwa qiegħed jappoġġa wkoll id-djalogu bejn Belgrad u Pristina kif ukoll l-azzjoni relatata mat-tneħħija tal-mini fil-Bożnija-Ħerzegovina.

*L-"Inizjattiva Ewropea Ġdida ta' Taħriġ" tassigura taħriġ ta' livell għoli qabel l-iskjerament għall-parteċipazzjoni f'missjonijiet ċivili ta' stabbilizzazzjoni mill-UE u f'missjonijiet internazzjonali ta' ġestjoni ċivili ta' kriżijiet. Fl-2017, il-proġett kompla u żied il-kooperazzjoni mal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża li ppermettiet l-allinjament u l-integrazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ rispettivi. Il-proġett żied ukoll is-sinerġiji u l-kooperazzjoni dwar it-twettiq tat-taħriġ fil-pajjiżi, b'mod partikolari mal-missjonijiet tal-UE iżda wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet għaż-Żamma tal-Paċi tan-NU u l-Kulleġġ Ewropew tal-Politika.*

In-Netwerk għad-Djalogu mas-Soċjetà Ċivili żied il-viżibbiltà u l-aċċess tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (inkluż minn pajjiżi terzi) fir-rigward tal-organizzazzjonijiet multilaterali internazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari fejn id-djalogu bejn l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa aktar diffiċli. Ġew organizzati konferenzi, dibattiti u djalogi dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati mal-bini tal-paċi u pajjiżi/reġjuni ġeografiċi speċifiċi. Il-programm appoġġa b'mod dirett azzjonijiet fl-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili lokali f'pajjiżi terzi sabiex iwettqu r-rwoli tagħhom bħala atturi indipendenti għall-bini tal-paċi. Dan l-appoġġ żied il-kapaċità tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali sabiex tipparteċipa f'azzjonijiet ta' bini tal-paċi u ta' prevenzjoni tal-kunflitti. L-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili jintervjenu meta strumenti oħra ma jkunux jistgħu jintervjenu. Dan kien il-każ, fl-2017, ta' għotjiet speċifiċi fil-Burundi u fil-Venezwela.

Il-progress fil-qasam tal-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti fl-2017 kien partikolarment notevoli. It-Tisħiħ tar-Reżiljenza kontra l-Estremiżmu Vjolenti fil-Qarn tal-Afrika kkontribwixxa għall-promozzjoni tal-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu fiż-żona permezz ta' għadd ta' approċċi pilota. Fost l-oħrajn, l-attivitajiet tat-Tisħiħ tar-Reżiljenza kontra l-Estremiżmu Vjolenti fil-Kenja ġġeneraw l-għarfien u t-tagħlimiet meħuda dwar l-ixpruni tal-estremiżmu vjolenti fil-pajjiż, li infurmaw u kkontribwew għall-iżvilupp tal-Istrateġija Nazzjonali dwar il-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti fil-Kenja, li tnediet f'Settembru 2016. Fil-qasam tal-involviment taż-żgħażagħ, l-"approċċ bejn il-pari" sabiex tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-estremiżmu vjolenti fil-livell kemm tal-komunità kif ukoll globali, kien effettiv ħafna.

*Billi segwew l-eżempji tal-għaxar mexxejja żgħażagħ tal-proġett iffinanzjat mill-UE "Extremely Together" u implimentat mill-Fondazzjoni Kofi Annan, bosta żgħażagħ madwar id-dinja bdew jimmobilizzaw kontra l-estremiżmu vjolenti billi jużaw il-gwida ta' Extremely Together fi ħdan il-komunitajiet tagħhom u jitolbu sabiex jissieħbu f'inizjattivi simili. Barra minn hekk, bħala eżempju tal-impatt li l-proġett ħalla fuq il-ħajja tal-għaxar mexxejja żgħażagħ, f'Mejju 2017, Fatima Zaman ingħatat il-Premju tal-Aktar Mara Asjatika ta' Suċċess għall-aktar kandidat eċċezzjonali fil-kategorija kollha għall-ħidma tagħha mal-Fondazzjoni Kofi Annan, fost l-oħrajn.*

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Diċembru 2017[80] tikkonferma li l-Istrument huwa meqjus li huwa effiċjenti minħabba l-karatteristiċi distintivi tiegħu tal-ħeffa u l-flessibbiltà tal-azzjoni u minħabba l-valur miżjud tiegħu; huwa jwettaq funzjoni unika ta' rispons għall-kriżijiet u ta' prevenzjoni tal-kunflitti, xprunata mill-prijoritajiet politiċi tal-UE, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet kuntestwali f'kuntesti fraġli u affettwati minn kunflitti. Barra minn hekk, huwa pprovda b'suċċess komplementarjetajiet u sinerġiji fi ħdan is-sett aktar wiesa' ta' Strumenti ta' Finanzjament Estern

tal-UE u kien effettiv fit-twettiq tal-objettivi u l-impenji tiegħu. L-evalwazzjoni indikat ukoll għadd ta' sfidi li għandhom jiġu indirizzati, bħal pereżempju l-ħtieġa ta' involviment sinifikanti mal-atturi rilevanti kollha fis-settur tas-sigurtà, inkluż il-militar. Fl-2017 ġie adottat Regolament ġdid[81] sabiex jindirizza din il-kwistjoni minħabba li l-atturi militari ħafna drabi huma fundamentali sabiex jintemm kunflitt. Is-sejbiet jissuġġerixxu wkoll li qegħdin jinkisbu kontributi importanti għall-integrazzjoni tal-prevenzjoni tal-kunflitti, id-demokrazija u l-governanza tajba; filwaqt lijenfasizzaw, madankollu, li jista' jsir aktar għall-integrazzjoni tas-sessi u tad-drittijiet tal-bniedem.

## Strument ta' Sħubija

L-azzjonijiet taħt il-Programm ta' Sħubija jtejbu l-abbiltà tal-UE li tipproġetta l-interessi tagħha f'pajjiżi oħra u timpenja ruħha internazzjonalment fi kwistjonijiet ta' interess globali, u dan jippromwovi sħubiji ma' sħab strateġiċi u lil hinn, isaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-pari, jinfluwenza t-tfassil tal-politika tal-imsieħba u jikkontribwixxi għall-bini ta' alleanzi globali u kundizzjonijiet ekwi. L-attivitajiet huma l-bażi tar-rikonoxximent dejjem jikber tar-rwol ewlieni tal-UE dwar it-tibdil fil-klima, l-ambjent u l-enerġija filwaqt li jippromwovu wkoll il-kooperazzjoni dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju u s-sigurtà.

L-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern tal-UE[82] kkonkludiet li l-PI (partnership instrument) fil-fatt influwenza l-proċessi ta' politika/politiċi fil-pajjiżi sħab f'konformità mal-interess tal-UE u kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi sħab. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Sħubija[83], appoġġata minn evalwazzjoni esterna[84] kkonfermat li l-Istrument huwa għodda direttament rilevanti sabiex jappoġġa l-aġenda bilaterali, reġjonali u multilaterali tal-UE kif stabbilita fl-Istrateġija Globali tal-UE u f'konformità ma' diversi impenji internazzjonali tal-UE (b'mod partikolari l-Aġenda 2030). Il-programmazzjoni tal-Istrument hija ffokata fuq objettivi u interessi strateġiċi tal-UE, u l-implimentazzjoni tiegħu hija flessibbli biex tagħmlu reattiv għall-isfidi, il-prijoritajiet ta' politika u l-opportunitajiet li tfaċċaw ġodda jew evolvew minn mindu nħoloq l-ewwel darba l-Istrument.

L-2017 kienet sena produttiva għall-Istrument ta' Sħubija li issa laħaq ir-ritmu massimu ta' implimentazzjoni. Tlestew il-kuntratti għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali 2014, 2015 u 2016, u ġiet finalizzata l-formulazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-2017. Sal-lum dan jagħti total ta' 81 azzjoni awtonoma, li kienu kkumplimentati minn 82 Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki u 56 azzjoni TAIEX għal żmien qasir. B'kollox, fl-2017 ġew impenjati EUR 111-il miljun taħt l-Istrument ta' Sħubija.

B'mod partikolari, fl-2017, l-Istrument ta' Sħubija saħħaħ l-impenn bejn l-UE u l-partijiet interessati ekonomiċi u kummerċjali bil-għan li jinfetaħ l-aċċess għas-suq u jiġu assigurati kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE. Fl-ambitu ta' dan l-objettiv, ġew adottati tliet azzjonijiet li jkopru l-oqsma tal-involviment tas-soċjetà ċivili fil-ftehimiet kummerċjali u fid-djalogi ta' politika relatati man-negozju. Bil-għan li tiġi realizzata d-dimensjoni esterna tal-istrateġija Ewropa 2020 kif ukoll sabiex tissaħħaħ ir-relazzjoni politika tal-UE mal-imsieħba b'mod aktar ġenerali, fl-2017 ġew adottati sitt azzjonijiet awtonomi, b'enfasi speċjali fuq it-temi tal-Imġiba Responsabbli fin-Negozju u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa. Fl-2017, ġiet adottata azzjoni waħda ta' diplomazija pubblika li tkopri l-kooperazzjoni akkademika u s-sensibilizzazzjoni taħt Jean Monnet u l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-Indoneżja u fir-Russja.

*Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja dwar l-istandardizzazzjoni, il-politika u l-leġiżlazzjoni relatati mal-ICT: l-Indja hija sieħeb ekonomiku strateġiku għall-UE u attur ewlieni kemm fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Asja kif ukoll f'livell globali. Jeżistu ostakli sinifikanti għall-aċċess għas-suq fis-settur tal-ICT Indjan u hemm ir-riskju li standards addizzjonali tal-ICT speċifiċi għall-Indja jistgħu jwasslu għal aktar ostakli għall-aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej. L-azzjoni hija eżempju ċar ta' kif il-PI jappoġġa objettivi li jkunu ta' benefiċċju reċiproku. Il-proġett għen sabiex jiffaċilita l-kollaborazzjoni dwar l-istabbiliment tal-istandards u l-bini tal-kapaċità bil-għan li jappoġġa r-realizzazzjoni ta' soċjetà diġitali/l-Aġenda Diġitali. Barra minn hekk, huwa aġixxa bħala katalist għal djalogu attiv bejn l-UE u esperti Indjani mis-settur pubbliku u mis-settur privat, li wassal għall-identifikazzjoni ta' oqsma prijoritarji (inklużi l-5G u s-Sistemi Intelliġenti tat-Trasport) ta' kooperazzjoni.*

*Il-Forum ta' Tmexxija UE-Awstralja huwa għodda komprensiva ta' impenn biex jgħolli l-profil u l-importanza tar-relazzjonijiet UE-Awstralja fis-setturi kollha tal-Gvern, inkluż il-Parlament, kif ukoll in-negozju, is-soċjetà ċivili, is-settur akkademiku u l-midja. B'mod speċifiku, huwa għandu l-għan li jinforma b'mod effettiv l-aġenda formali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Awstralja kif ukoll li jsaħħaħ id-Djalogi bejn l-Uffiċjali Għolja, permezz ta' forniment ta' ideat u kontribut infurmat.*

## Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni II

L-Istrument jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent, strateġija ewlenija enfasizzata fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President Juncker. Minħabba l-kumplessità tar-riformi meħtieġa, l-ebda pajjiż ma ħareġ mill-istadju bikri ta' preparazzjoni, kemm f'termini tal-kriterji politiċi (kwistjonijiet bħall-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-libertà tal-espressjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika), kif ukoll fir-rigward tal-allinjament mal-kriterji ekonomiċi. Matul l-2017, l-UE kompliet taħdem favur titjib fil-konnettività tat-trasport fi ħdan il-Balkani tal-Punent u mal-UE, u titjib fir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi tat-tkabbir. L-UE appoġġat investimenti konkreti fin-netwerks tat-trasport u l-enerġija tas-Sitt Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja) bil-għan li toħloq ambjent reġjonali li jwassal għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.

*Il-pakkett dwar il-konnettività li ġie approvat fis-Summit ta' Trieste f'Lulju 2017[85] kien jinkludi seba' proġetti ġodda ffinanzjati mill-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent għal għotja totali ta' EUR 194 miljun, li ingranaw EUR 500 miljun f'investimenti.*

Kif turi l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[86] tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni II, l-objettivi u t-tfassil ġenerali tal-Istrument huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji. Meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu, l-Istrument attwali għandu fokus aktar b'saħħtu fuq ir-riformi ewlenin meħtieġa għall-adeżjoni fl-UE. Barra minn hekk, huwa aktar strateġiku u orjentat lejn ir-riżultati, u ppermetta ingranaġġ akbar ta' fondi minn donaturi oħra[87]. Madankollu, l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili matul l-implimentazzjoni ta' dan l-Istrument għadu limitat. L-evalwazzjoni nnotat ukoll li filwaqt li l-komplementarjetà ma' strumenti oħra (b'mod partikolari l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi) hija tajba, teħtieġ aktar koordinazzjoni fil-fażijiet kemm tal-ippjanar kif ukoll tal-programmazzjoni.

## L-Istrument għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni

L-objettiv ġenerali tal-Istrument huwa li jeqred il-faqar fil-pajjiżi msieħba u li jipprovdi risposta fit-tul għall-isfidi globali. Huwa jinkludi l-programm dwar il-Beni Pubbliċi u l-Isfidi Globali u l-programm tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali. L-evalwazzjoni indipendenti ta' nofs it-terminu tal-Istrument għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni kkonkludiet li l-programm dwar il-Beni Pubbliċi u l-Isfidi Globali huwa rilevanti ħafna u koerenti mal-objettivi ta' politika ddikjarati tal-UE. Hija enfasizzat ukoll l-importanza tal-enfasi b'saħħitha li l-programm tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali għandu fuq it-titjib tal-governanza u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt billi jinvolvi s-soċjetà ċivili u jaħdem dwar il-pjanijiet direzzjonali għas-soċjetà ċivili mid-Delegazzjonijiet tal-UE. Dawn il-programmi jibnu fuq tradizzjoni twila tal-UE li tipprovdi strumenti tematiċi trażversali, li b'hekk tissodisfa l-ħtieġa li tiffoka b'mod strateġiku fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-UE, li jkollha għodda flessibbli sabiex tikkumplimenta l-interventi ġeografiċi jew li timmira.

Fi ħdan il-Programm Pan-Afrikan, il-Baġit tal-Istrument għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni ffinanzja programmi li kkontribwew għall-ħames oqsma strateġiċi tal-Programm Indikattiv Pluriennali, f'konformità mal-Pjan Direzzjonali dwar l-Istrateġija Konġunta UE-Afrika għall-perjodu 2014-2017. Matul il-perjodu 2014-2017, 32 azzjoni għal ammont ta' EUR 401,65 miljun ikkontribwew b'mod partikolari għall-oqsma strateġiċi tat-"Tkabbir sostenibbli u inklużiv" (42 %) u "Żvilupp tal-Bniedem" (42 %), kif ukoll ta' "kwistjonijiet globali" (13 %), id-"Demokrazija, Governanza Tajba u drittijiet tal-bniedem" (12 %) u tal-Paċi u s-Sigurtà (4 %).

Jingħata appoġġ finanzjarju u tekniku akbar lill-persuni spostati internament, lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fl-Afganistan, il-Pakistan, il-Bangladesh, l-Iran u l-Iraq.

B'kollox, fl-2016 u fl-2017 ġew impenjati EUR 287 560 500 taħt miżuri speċjali sabiex jappoġġaw lill-pajjiżi msemmija hawn fuq, b'mod speċifiku, sabiex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-migrazzjoni u maċ-ċaqliq sfurzat.

Dawn l-interventi jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' dawn il-gvernijiet sħab dwar l-appoġġ lill-persuni rimpatrijati. Fl-2017, ġew emendati b'mod sostanzjali u riattivati deċiżjonijiet li jmorru lura

għall-2012 u l-2013 li kienu ġew sospiżi fl-2014 minħabba l-kunflitt li kien għaddej.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li tlestiet f'Diċembru 2017[89] turi li l-Istrument fil-biċċa l-kbira qiegħed fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettivi u l-impenji tiegħu. Il-valur miżjud huwa evidenti mill-kapaċità tal-Istrument li jmexxi azzjonijiet konġunti mal-Istati Membri. L-Istrument għen ukoll sabiex jingrana riżorsi sinifikanti permezz tat-taħlit, madankollu l-ingranaġġ tal-impenn politiku u ta' politika wera riżultati mħallta. Minkejja s-simplifikazzjoni li saret bis-sett il-ġdid ta' Strumenti ta' Finanzjament Estern, xi utenti għadhom jaraw dan l-Istrument bħala ta' piż kbir amministrattiv.

Kien hemm 71 pajjiż imsieħeb li żviluppaw u/jew implimentaw strateġiji dwar it-tibdil fil-klima, sabiex jgħinu jaddattaw għal sfidi globali bħat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni tal-ekosistema.

*3 448 000 ettaru ta' ekosistemi agrikoli u pastorali ġew immaniġġjati permezz ta' prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-art sabiex idawru d-degradazzjoni tal-ekosistemi agrikoli fil-pajjiżi msieħba, ikkawżata minn fatturi bħat-tibdil fil-klima.*

*10 485 000 mara ta' età riproduttiva u tfal ta' taħt il-ħames snin ibbenefikaw minn programmi relatati man-nutrizzjoni.*

*11 481 000 persuna bi problema ta' sigurtà alimentari rċevew għajnuna permezz ta' trasferimenti soċjali.*

*401 000 individwu bbenefikaw direttament minn programmi ta' riforma fis-settur tal-ġustizzja, tal-istat tad-dritt u tas-sigurtà.*

*1 373 000 persuna bbenefikaw direttament minn programmi mmirati speċifikament sabiex jappoġġaw il-bini tal-paċi ċivili wara kunflitt u/jew il-prevenzjoni tal-kunflitti.*

## L-Istrument Ewropew ta' Viċinat

L-**Istrument Ewropew ta' Viċinat** huwa l-istrument finanzjarju prinċipali għall-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. L-istrument jipprovdi l-biċċa l-kbira tal-finanzjament tal-UE lis-16-il pajjiż imsieħeb tal-Politika Ewropea tal-Viċinat: l-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, l-Eġittu, il-Georgia, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Moldova, il-Marokk, is-Sirja[90], il-Palestina[91], it-Tuneżija, u l-Ukrajna.

Fl-2017, ġew impenjati EUR 2,5 biljun għal programmi ta' kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u transfruntiera (inklużi proġetti permezz tal-Fond Fiduċjarju tal-UE b'Reazzjoni għall-kriżi Sirjana, it-Tieqa tat-Tramuntana tal-Afrika tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika u l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat), li kkontribwew għall-objettivi ta' politika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat imġedda, li wkoll tenfasizza l-ħtieġa ta' twettiq aktar effettiv u flessibbiltà akbar fl-użu tal-assistenza finanzjarja tal-UE.

L-2017 rat progress importanti mal-pajjiżi msieħba tal-UE fis-Sħubija tal-Lvant: l-Armenja kkonkludiet Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ mal-UE u adottat il-Prijoritajiet ta' Sħubija konġunti bejn l-UE u l-Armenja; qed jiġi nnegozjat ftehim ġdid mal-Ażerbajġan; in-negozjati dwar Prijoritajiet ta' Sħubija konġunti huma kontinwi u l-Belarussja waslet biex tiffinalizza l-Prijoritajiet ta' Sħubija konġunti mal-UE.

Intlaħqu żewġ stadji importanti mal-Ukrajna, bl-adozzjoni tas-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini Ukreni li jivvjaġġaw lejn l-Ewropa u r-ratifika u d-dħul fis-seħħ sħiħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jinkludi l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv. Fil-Viċinat tan-Nofsinhar, f'Lulju 2017 ġew adottati Prijoritajiet ta' Sħubija ġodda mal-Eġittu li jiffukaw fuq l-ekonomija u l-iżvilupp soċjali, is-sħubija dwar il-politika barranija u t-tisħiħ tal-istabbiltà. F'Marzu 2017 ġew adottati Prijoritajiet ta' Sħubija ġodda mal-Alġerija, li jiffokaw fuq il-governanza u l-istat tad-dritt, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-kummerċ mal-UE, l-enerġija u l-ambjent, is-sigurtà, id-dimensjoni umana u l-migrazzjoni/mobbiltà. Dwar il-Palestina, matul l-2017, il-Kummissjoni kellha diversi sessjonijiet ta' taħditiet preparatorji dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija futuri, li dalwaqt jistgħu jinbidlu f'negozjati formali. Dwar Iżrael, jistgħu jinbdew negozjati formali dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija ma' Iżrael. L-UE u t-Tuneżija bdew jiżviluppaw Prijoritajiet Strateġiċi konġunti bil-għan tal-approvazzjoni konġunta tagħhom fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni previst f'Mejju 2018. L-eżistenza ta' strument finanzjarju ddedikat għall-viċinat kienet waħda mill-bċejjeċ ta' evidenza l-aktar konkreti tal-importanza politika li l-UE tagħti lir-reġjun. Madankollu, kif intqal fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Diċembru 2017[92], l-assistenza tal-Istrument għamlitha possibbli li jibqgħu jiġu appoġġati

r-riformi strutturali iżda xi drabi llimitat il-possibbiltà li jiġi aġġustat ir-rispons finanzjarju tal-UE għall-ħtiġijiet urġenti. Minkejja ż-żieda fid-differenzazzjoni, l-ambjent politiku kumpless f'xi pajjiżi tal-Viċinat ifisser li l-implimentazzjoni tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat qabel ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ma kinitx effettiva bl-istess mod fil-pajjiżi kollha. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi wasslet għal riżorsi finanzjarji konsiderevolment ogħla għal dawk l-imsieħba li għamlu l-aktar progress dwar ir-riformi politiċi. Ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-2015 introduċiet approċċ ġdid li indirizza direttament xi ftit mit-tħassib imqajjem fil-kuntest tal-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu. B'mod partikolari, hija introduċiet rispett akbar għall-aspirazzjonijiet differenti tal-imsieħba tal-UE; insegwiment aktar effettiv tal-oqsma ta' interess reċiproku; metodi ta' ħidma ġodda sabiex jappoġġaw sens akbar ta' sjieda mill-imsieħba u involviment u responsabbiltà kondiviża akbar mill-Istati Membri; kif ukoll flessibbiltà akbar tal-assistenza finanzjarja. L-2017 rat it-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta u l-adozzjoni ta' Komunikazzjoni Konġunta dwar l-iżviluppi fil-viċinat u l-implimentazzjoni tar-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat f'Mejju 2017[93].

Proporzjon dejjem jiżdied tal-għajnuna mhux umanitarja tal-UE għall-pajjiżi ġirien tas-Sirja jiġi pprovdut permezz tal-**Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana, il-''Fond Madad''**

Il-Bord tal-Programm diġà approva programmi kbar li jiffukaw fuq l-edukazzjoni, l-għajxien, is-saħħa, l-appoġġ soċjoekonomiku, l-infrastruttura tal-ilma u tal-ilma mormi – li minnhom jibbenefikaw kemm ir-refuġjati kif ukoll il-komunitajiet li jospitawhom - għal total ta' EUR 1,2 biljun. Minn dan, EUR 920 miljun ġew ikkuntrattati f'aktar minn 46 proġett lill-imsieħba ta' implimentazzjoni tal-Fond Fiduċjarju fuq il-post, biex issa ntlaħqu aktar minn żewġ miljun benefiċjarju[94].

Fl-2017, il-Fond qabeż il-mira ta' biljun euro, li kienet stabbilita mill-President Juncker f'Settembru 2015. Fl-2017, il-fokus tal-migrazzjoni dar għar-rotta tal-Mediterran Ċentrali. Il-Libja baqgħet il-pajjiż prinċipali tat-tluq lejn l-Italja.

L-ewwel 21 proġett tal-Fond "Madad" diġà qed juru r-riżultati:

*453 552 tifel u tifla u żagħżugħ u żagħżugħa refuġjati u mill-komunità ospitanti kisbu aċċess imtejjeb għal edukazzjoni ta' kwalità, protezzjoni, u appoġġ psikosoċjali.*

*Inbnew u ġew rinnovati 253 skola u faċilitajiet edukattivi.*

*28 520 żagħżugħ u żagħżugħa refuġjati u mill-komunità ospitanti qed jiksbu aċċess għall-edukazzjoni għolja u avvanzata u*

*Għat-taħriġ vokazzjonali, fosthom 4 437 borża ta' studju kompluti u 6 126 taħriġ fil-lingwa.*

*Tjieb l-aċċess għall-kura tas-saħħa ta' emerġenza ta' kwalità u għall-kura tal-omm u tat-tfal għar-refuġjati Sirjani u għall-komunitajiet ospitanti:*

*209 000 benefiċjarju vulnerabbli jirċievu kura medika u mediċini essenzjali.*

*462 491 refuġjat u membri tal-komunitajiet ospitanti jtejbu l-awtodipendenza ekonomika u l-għajxien tagħhom permezz ta' taħriġ vokazzjonali, taħriġ dwar l-impjegabbiltà u dwar il-ħiliet, appoġġ lill-intrapriżi żgħar u medji u aċċess għas-suq tax-xogħol.*

Fl-2017, il-Libja baqgħet il-pajjiż prinċipali tat-tluq lejn l-Italja. Bi tweġiba għal dan, ir-ritmu ta' implimentazzjoni tat-**tieqa tat-Tramuntana tal-Afrika** tal-**Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika** żdied b'mod konsiderevoli bi tmien programmi ġodda approvati għal ammont totali ta' EUR 232,5 miljun, kif ukoll programm trasversali għal EUR 8,6 miljun.

## Il-Fond ta' Garanzija Esterna

L-operazzonijiet ta' self koperti mill-Fond ta' Garanzija Esterna jirrigwardaw tliet strumenti differenti: il-mandat ta' self estern, li jibbenefika minn garanzija mill-baġit tal-UE għall-Bank Ewropew tal-Investiment; self estern tal-Euratom; u s-self ta' assistenza makrofinanzjarja tal-UE lill-pajjiżi terzi. Il-Fond huwa allokat mill-baġit tal-UE u jrid jinżamm f'ċertu perċentwal (ir-rata mmirata attwalment hija ta' 9 %) tal-ammont pendenti tas-self u l-garanziji garantiti.

L-għan tal-**Mandat ta' Self Estern** tal-Bank Ewropew tal-Investiment huwa li jappoġġa lill-intrapriżi żgħar u medji fil-pajjiżi terzi mmirati, li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika, u li jappoġġa proġetti relatati mat-tibdil fil-klima. Il-kopertura tal-garanzija tal-UE tippermetti lill-Bank Ewropew tal-Investiment li jwettaq operazzjonijiet barra mill-Unjoni filwaqt li tillimita l-iskopertura tiegħu għar-riskju u b'hekk tippreserva l-affidabbiltà kreditizja tiegħu. Fl-2017, ġew iffirmati proġetti għal ammont totali ta' EUR 3,95 biljun, li EUR 2,3 biljun minnhom huma għal proġetti tas-settur privat diretti għar-reżiljenza ekonomika fuq perjodu fit-tul tar-refuġjati, tal-migranti, tal-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu u tal-komunitajiet tal-oriġini.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-garanzija Ewropea għall-Mandat ta' Self Estern tal-Bank Ewropew tal-Investiment[95] li twettqet fl-2016, sabet li l-operazzjonijiet kollha mnedija taħt il-Mandat ta' Self Estern mill-bidu tiegħu f'Lulju 2014, huma allinjati b'mod sħiħ mal-għanijiet ta' livell għoli stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar il-Mandat ta' Self Estern. Hija sabet ukoll li l-għanijiet infushom huma allinjati mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u li l-Mandat ta' Self Estern appoġġa l-aġenda tal-UE għall-politika esterna, billi wera flessibbiltà u reattività suffiċjenti għal sfidi ġeopolitiċi ġodda kif muri mill-każijiet tas-Sirja, l-Ukrajna (il-kriżi Ukrena), l-Eġittu u l-Marokk (ir-Rebbiegħa Għarbija) u l-Ġordan (il-kriżi tar-refuġjati). Barra minn hekk, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-Mandat ta' Self Estern ikkontribwixxa b'mod sostanzjali għall-objettivi tal-UE relatati mat-tibdil fil-klima, speċjalment f'termini ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

*L-operazzjonijiet tal-Mandat ta' Self Estern ippermettew l-iffrankar ta' madwar 1,35 tunnellata metrika ta' ekwivalenti tas-$CO_2$ fis-sena ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-operazzjonijiet iffirmati bejn Lulju 2014 u Diċembru 2015.*

L-**Assistenza Makrofinanzjarja** kisbet prominenza dejjem akbar fost l-għodod esterni tal-UE.

Mill-2014, diġà ġew żborżati madwar EUR 3,66 biljun u ġew impenjati EUR 500 miljun oħra li huma mistennija li jiġu żborżati bejn l-2018 u l-2019.

L-UE tista' tinkoraġġixxi aġġustamenti ekonomiċi speċifiċi f'pajjiżi ġeografikament qrib tal-UE li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet serji fil-bilanċ tal-pagamenti u għalhekk jirċievu appoġġ mill-Fond Monetarju Internazzjonali.

Matul l-2017, tlestew tliet operazzjonijiet ta' self tal-Assistenza Makrofinanzjarja: il-Georgja II (EUR 46 miljun), it-Tuneżija I (EUR 300 miljun) u l-Ukrajna III (EUR 1,2 biljun). Żewġ operazzjonijiet ta' Assistenza Makrofinanzjarja, adottati mill-koleġiżlaturi fl-2016, għadhom ma ġewx implimentati b'mod sħiħ: il-Ġordan II (EUR 200 miljun) u t-Tuneżija II (EUR 500 miljun). Operazzjoni ta' Assistenza Makrofinanzjarja adottata fl-2017 għad trid tiġi żborżata: il-Moldova (EUR 100 miljun).

*Ir-rapporti ta' evalwazzjoni speċifiċi għall-pajjiż dwar l-Assistenza Makrofinanzjarja[96] sa issa jikkonkludu li l-operazzjonijiet ta' Assistenza Makrofinanzjarja kkontribwew għall-istabbiliment mill-ġdid tal-istabbiltà makroekonomika u biex ireġġgħu lura s-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiżi benefiċjarji f'perkors sostenibbli, filwaqt li appoġġaw l-aġġustamenti ekonomiċi u r-riformi strutturali fuq perjodu ta' żmien medju permezz tal-kondizzjonalità.*

Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet tagħha, l-Assistenza Makrofinanzjarja ma tistax tintrabat direttament ma' outputs identifikabbli, u għalhekk huwa diffiċli biex jiġu valutati l-kisbiet ekonomiċi konkreti tagħha

## Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli




*Figura: Tqassim tal-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli*

Fl-2017, intlaħaq ftehim dwar il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli,** li huwa parti mill-Pjan ta' Investiment Estern. L-ewwel ftehimiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji huma mistennija li jiġu ffirmati fl-2018. It-tweġiba għas-sejħa għall-proposti għall-ewwel żewġ Twieqi ta' Investiment kienet pożittiva ħafna. Il-Kummissjoni rċeviet 30 proposta mingħand 12-il istituzzjoni msieħba għal valur totali ta' aktar minn EUR 2,5 biljun, u b'hekk inqabżet il-kapaċità attwali sħiħa tal-Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli b'aktar minn EUR 1 biljun.

## 1.6. Strumenti speċjali

L-istrumenti speċjali huma mfassla biex jagħmlu l-qafas finanzjarju aktar flessibbli. Huma jinkludu:

- Ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza
- Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE
- L-Istrument ta' Flessibbiltà
- Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Għal darba oħra, il-Kummissjoni kellha tagħmel l-akbar użu mill-istrumenti ta' flessibbiltà biex tlaħħaq mal-isfidi marbuta mal-investiment u l-migrazzjoni. Pereżempju, kien meħtieġ li l-**Istrument ta' Flessibbiltà** jiġi mobilizzat bl-ammont ta' EUR 275 miljun sabiex jiġi pprovdut il-finanzjament għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli. .

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jista' jiġi mobilizzat fil-każ ta' diżastri kbar u reġjonali wara applikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiż ikkonċernat. F'nofs l-2017, il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza EUR 1,2 biljun taħt il-**Fond ta' Solidarjetà tal-UE**, l-akbar somma li qatt ġiet mobilizzata f'pagament wieħed. Din kienet reazzjoni għat-talba tal-gvern Taljan għall-appoġġ finanzjarju wara t-terremoti tal-2016 u tal-2017 fir-reġjuni Taljani ta' Abruzzo, Lazio, Marche u Umbria.

Fl-2017, l-applikazzjonijiet l-oħra li waslu kienu: tliet każijiet minn Spanja (l-għargħar f'Murcia tal-2016, in-nirien f'Doñana tal-2017 u n-nirien f'Galicia tal-2017), il-Portugall fir-rigward tan-nirien fil-foresti tal-2017, żewġ każijiet mill-Greċja (it-terremot f'Lesbos u Kos tal-2017), il-Polonja għall-maltempata tal-2017, il-Latvja u l-Litwanja għall-għargħar tal-2017 u fir-rigward tal-urugani Irma u Maria tal-2017.

Sa mill-bidu nett, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ sabiex tindirizza s-sitwazzjoni immedjata ta' emerġenza u impenjat ruħha li tibqa' spalla ma' spalla mal-Italja matul il-proċess kollu ta' rikostruzzjoni. Il-Fond ta' Solidarjetà se jappoġġa l-operazzjonijiet ta' rikostruzzjoni u jirriġenera l-attività ekonomika fir-reġjuni milquta. Il-flus jistgħu jintużaw ukoll sabiex ikopru l-kostijiet tas-servizzi ta' emerġenza, l-akkomodazzjonijiet temporanji u l-operazzjoni ta' tindif, u tal-miżuri ta' protezzjoni għas-siti ta' wirt kulturali, sabiex itaffu l-piż finanzjarju merfugħ mill-awtoritajiet Taljani f'dak il-mument.

Il-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni** kien maħsub sabiex jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema ssensjati b'riżultat tal-bidliet strutturali kbar fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni jew l-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali.

Bejn l-2014 u l-2017 b'kollox ġew ippreżentati 48 applikazzjoni minn 11-il Stat Membru. Filwaqt li ħames applikazzjonijiet għadhom fil-fażi ta' valutazzjoni jew ta' adozzjoni, l-40 applikazzjoni l-oħra laħqu l-kriterji tal-finanzjament u għalhekk wasslu għall-mobilizzazzjoni ta' kważi EUR 128 miljun għal aktar minn 40 000 ħaddiem immirat.

Abbażi tar-rapporti finali li waslu fl-2014, fl-2015 u fl-2016, jista' jiġi osservat li bħala medja, 46 % sa 47 % tal-ħaddiema mmirati sabu impjieg ġdid wara l-intervent tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni. Fir-rigward tar-rapporti finali li waslu fl-2017, ir-rata ta' impjieg mill-ġdid hija konsiderevolment ogħla u tilħaq is-57 %.

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 457 final

PART 2/2

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI

## Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE tal-2017

MT MT

# Taqsima 2
# Il-kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja

## Introduzzjoni

It-tieni taqsima ta' dan ir-rapport tiffoka fuq il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-baġit tal-UE, kif ukoll tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE, fl-2017.

Il-Kummissjoni kompliet issaħħaħ il-qafas ta' kontroll intern tagħha abbażi tal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattiki. L-iskop huwa li ssir tranżizzjoni minn sistema bbażata fuq il-konformità għal sistema bbażata fuq il-prinċipji sabiex jiġi żgurat kontroll intern robust, filwaqt li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom.

**Is-sistemi ta' kontroll u ġestjoni finanzjarja għall-baġit tal-UE tjiebu b'mod konsiderevoli matul iż-żmien, liema titjib kien rikonoxxut ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.** Il-karatteristika ewlenija tal-proċess ta' kwittanza tal-2016 kienet li, għall-ewwel darba, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fl-aktar dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni riċenti tagħha[97], tat **opinjoni kwalifikata aktar milli avversa dwar il-legalità u r-regolarità** tal-pagamenti mill-baġit tal-UE. Il-livell ta' żball naqas fl-oqsma ta' politika kollha, tant li qed jippermetti li l-livell ġenerali ta' żball stmat ikompli bix-xejra 'l isfel tiegħu. **Il-livell ta' żball kien taħt it-2 % għal madwar nofs in-nefqa tal-UE, u ma nstab l-ebda żball materjali fid-dħul.**

Barra minn hekk, għall-10 sena konsekuttiva, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat ukoll **opinjoni pożittiva ('nadifa') dwar il-kontijiet annwali tal-UE**.

Madankollu, il-Kummissjoni qed tkompli ttejjeb is-sistemi ta' kontroll tagħha. L-għan aħħari huwa **ġestjoni finanzjarja kosteffikaċi** – il-protezzjoni tal-baġit tal-UE permezz tat-teħid ta' azzjonijiet preventivi u korrettivi kontra żbalji u frodi, u ż-żamma ta' bilanċ proporzjonat bejn il-kostijiet u l-benefiċċji tal-kontrolli (inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri).

## Kisbiet ewlenin fl-2017

Għalkemm is-sena 2017 kienet waħda ta' tranżizzjoni **għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern ġdid** mill-2018, **terz tad-dipartimenti tal-Kummissjoni** diġà għamlu dan b'suċċess għas-sena tar-rapportar 2017.

**B'mod ġenerali, id-dipartimenti kollha kkonkludew li l-istandards/prinċipji ta' kontroll intern kienu qed jaħdmu tajjeb u jiġu implimentati b'mod effettiv**. Madankollu, il-valutazzjoni aktar sfumata ppermettiet l-identifikazzjoni ta' xi ħtiġijiet sabiex tittejjeb l-effettività fl-implimentazzjoni ta' prinċipji jew standards speċifiċi.

F'termini tal-effiċjenza fil-kontroll, **iż-żmien medju globali għall-ħlas** tad-dipartimenti tal-Kummissjoni **naqas b'mod stabbli** matul is-snin u issa huwa ferm **inqas minn 30 jum**. Iż-żmien medju globali għall-ħlas nett fl-2017 huwa ta' 20,4 ijiem.

Il-Kummissjoni hija kunfidenti li **l-ammont kumplessiv f'riskju għadu taħt it-2 %**. Fil-fatt, il-livell kumplessiv tal-iżball stmat ikompli bix-xejra 'l isfel tiegħu fl-2017, **bl-ammont kumplessiv stmat f'riskju meta jsir il-ħlas issa naqas għal saħansitra 1,7 % u l-ammont kumplessiv stmat f'riskju fl-għeluq naqas għal 0,6 %.**

F'termini ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri fl-2017, **is-sistemi ta' kontroll pluriennali** tad-dipartimenti ppermettewlhom li jidentifikaw u jikkoreġu EUR 897 miljun qabel il-pagamenti u EUR 1 949 miljun wara l-pagamenti.

*Kemm l-ammonti kumplessivi f'riskju meta jsir il-ħlas (1,7 %) kif ukoll dawk fl-għeluq (0,6 %) huma stmati li huma inqas minn 2 % tan-nefqa rilevanti totali.*

*Il-mekkaniżmi ta' kontroll pluriennali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni jiżguraw ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.*

*Il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri magħmula matul is-snin sussegwenti jipproteġu l-baġit tal-UE b'mod kumplessiv.*

**L-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega kollha pprovdew assigurazzjoni raġonevoli** fuq is-sistemi ta' kontroll u l-ġestjoni finanzjarja tagħhom għalkemm, fejn xieraq, dawn kienu kkwalifikati b'riżervi. Dawn ir-riżervi huma fundamentali fil-katina tal-akkontabbiltà: huma jipprovdu trasparenza dwar l-isfidi u n-nuqqasijiet iffaċċjati u dwar il-miżuri għall-indirizzar tagħhom, filwaqt li jipprovdu wkoll stima tal-impatt finanzjarju tagħhom.

Fir-rigward tar-Rapporti Annwali tal-Attività tad-dipartimenti għall-2017, **l-impatt finanzjarju tar-riżervi** fuq l-assigurazzjoni tal-ġestjoni **naqas** għal EUR 1 053 miljun għall-infiq (EUR 1 621 miljun fl-2016) u għal EUR 431 miljun għad-dħul (EUR 517-il miljun fl-2016).

*Abbażi tal-assigurazzjonijiet u r-riżervi fir-Rapporti Annwali tal-Attività, il-Kulleġġ jadotta dan ir-Rapport Annwali tal-2017 dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-baġit tal-UE u jieħu f'idejh ir-responsabbiltà politika kumplessiva għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE.*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri timmonitorja wkoll **l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha.** Il-perċentwal tar-rakkomandazzjonijiet implimentati kompletament kien **l-ogħla minn mindu** bdew jiġu ppubblikati dawn iċ-ċifri.

Għad-dettalji, ara t-Taqsimiet 2.1-2.8 li ġejjin:

## Il-mudell ta' assigurazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha struttura ta' governanza finanzjarja b'saħħitha fis-seħħ. Il-katina tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-legalità u r-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba hija rrappreżentata f'mudell integrat ta' kontroll intern u ġestjoni tar-riskji, fejn kull livell ta' governanza jibni l-assigurazzjoni tiegħu fuq livelli preċedenti (eż. it-tliet linji ta' difiża).




*Ċart: Il-mudell ta' assigurazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea*

## L-ambjent ta' kontroll tal-Kummissjoni

Bħall-programmi nfushom, il-mudell ta' kontroll huwa wkoll pluriennali. Huwa jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba billi jsegwi l-ħames objettivi tal-kontroll intern - inklużi l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-kontroll. F'termini ta' effettività, l-għan primarju huwa li jiġu evitati l-iżbalji (bl-implimentazzjoni ta' kontrolli *ex ante*), filwaqt li l-għan sekondarju komplementari huwa li jiġu individwati u kkoreġuti kwalunkwe żball li jkun fadal (eż. bl-implimentazzjoni tar-riżultati minn kontrolli *ex post*). Barra minn hekk, it-tagħlimiet miksuba jintużaw għall-aġġustament tal-programmi futuri (eż. simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni) u/jew tas-sistemi ta' kontroll (eż. kontrolli magħmula aktar differenzjati skont ir-riskji). Matul iċ-ċikli tal-ħajja tal-programmi, ir-rapportar tal-ġestjoni jsir fuq bażi annwali, mid-dipartimenti fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom u mill-Kummissjoni b'mod ġenerali fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni. Din l-istruttura tipprovdi lill-Kulleġġ b'assigurazzjoni raġonevoli dwar il-kisba tal-objettivi tal-kontroll intern. L-illustrazzjoni turi r-relazzjoni bejn il-ħames objettivi tal-kontroll intern u t-tipi ta' kontrolli.




*Ċart: Attivitajiet ta' kontroll intern u ġestjoni tar-riskji*

## 2.1. Valutazzjoni tal-qafas ta’ kontroll intern

Il-Kummissjoni tapplika **mudell deċentralizzat** ta’ ġestjoni finanzjarja. Skont ir-Regolament Finanzjarju, il-Kulleġġ tal-Kummissarji jaġixxi bħala l-Uffiċjal Awtorizzanti. Il-Kulleġġ jiddelega l-kompiti tal-ġestjoni finanzjarja **lill-Uffiċjali Awtorizzanti b’Delega,** li jsiru responsabbli għad-dipartiment tagħhom fi ħdan il-Kummissjoni. Dawn il-50 dipartiment jinkludu 6 ‘tipi’ ta’ entitajiet: Direttorati Ġenerali, Aġenziji Eżekuttivi, Uffiċċji, Servizzi, Ċentru u Task Force.

*F’dan il-qafas u f’konformità mar-responsabbiltà regolatorja tal-Uffiċjali Awtorizzanti b’Delega, kull dipartiment tal-Kummissjoni jimplimenta l-istruttura organizzazzjonali u s-sistemi ta’ kontroll intern li jkunu l-aktar adatti għall-iżgurar tal-kisba tal-objettivi tal-politika u dawk operazzjonali tiegħu.*

Fil-livell korporattiv, il-Kummissjoni stabbilixxiet qafas ta’ kontroll intern li jispeċifika l-prinċipji ewlenin għal kontroll intern effettiv li jenħtieġ li jkun fis-seħħ fid-dipartimenti rispettivi tal-Kummissjoni.

Dan il-qafas ta’ kontroll intern huwa bbażat fuq il-qafas propost mill-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw il-Kummissjoni Treadway (**COSO**)[98].

Il-mudell tal-aħħar ġie rivedut sabiex ikun hemm **tranżizzjoni minn sistema bbażata fuq il-konformità għal sistema bbażata fuq il-prinċipji**. **Fl-2017, il-Kummissjoni aġġornat il-qafas ta’ kontroll intern tagħha kif xieraq**[99]. L-iskop ta’ din ir-reviżjoni huwa li tkompli tiżgura kontroll intern robust, filwaqt li tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa li tippermetti lid-dipartimenti jadattaw l-ambjent ta’ kontroll intern tagħhom skont il-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. Din ser tkun partikolarment utli minħabba li tiffaċilita sistemi ta’ kontroll aktar ibbażati fuq ir-riskji u aktar kosteffikaċi.

Il-maniġment ta’ kull dipartiment tal-Kummissjoni jivvaluta mill-inqas darba fis-sena l-effikaċja tas-sistemi ta’ kontroll intern u janalizza s-sejbiet li jirriżultaw minn din il-valutazzjoni.

Is-sena 2017 kienet waħda tranżitorja li għaliha d-dipartimenti jistgħu jagħżlu li jirrapportaw jew fuq il-qafas preċedenti, abbażi tal-istandards ta’ kontroll intern, jew inkella fuq il-prinċipji ġodda ta’ kontroll intern.

**Fl-2017, terz tad-dipartimenti tal-Kummissjoni**[100] **rrapportaw abbażi tal-prinċipji ġodda ta’ kontroll intern**.




*Ċart: Rapportar dwar il-kontroll intern fl-2017*

**Mill-2018 ’il quddiem, id-dipartimenti kollha ser jirrapportaw fuq il-prinċipji ġodda ta’ kontroll intern**. Il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija speċifika sabiex tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva tagħha, b’mod partikolari fl-oqsma tal-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rapportar[101]. Il-metodoloġija hija inkluża fil-‘Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Qafas ta’ Kontroll Intern’. Fl-2018 ser jiġu organizzati aktar workshops.

### Konklużjoni

Kif muri fil-graff ta’ hawn taħt, il-qafas ta’ kontroll intern ġdid jippermetti li ssir **valutazzjoni aktar sfumata**, jiġifieri li tkun aktar trasparenti dwar it-titjib ulterjuri possibbli, anki jekk il-konklużjoni ġenerali tkun pożittiva. Filwaqt li, b’mod ġenerali, id-dipartimenti tal-Kummissjoni kkonkludew li s-sistemi ta’ kontroll intern tagħhom qed jiffunzjonaw b’mod effettiv, 16 minnhom irrapportaw il-ħtieġa li titjieb l-effettività fl-implimentazzjoni ta’ xi prinċipji jew standards speċifiċi (jew ir-rekwiżiti/il-karatteristiċi sottostanti tagħhom).

(Is-sub)oqsma ewlenin għal titjib irrapportati huma l-etika, l-allokazzjoni u l-mobbiltà tal-persunal, il-kontroll fuq l-IT u s-sigurtà tal-IT, il-komunikazzjoni interna u l-proċessi u l-proċeduri. Barra minn hekk, id-dipartimenti tal-Kummissjoni li bdew jimplimentaw il-qafas ta' kontroll intern ġdid iħossu li huwa meħtieġ aktar titjib fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kontroll intern.







*Tabella: valutazzjoni tal-effettività tal-istandards ta' kontroll intern (fuq ix-xellug) u tal-prinċipji ta' kontroll intern (fuq il-lemin)*

***<u>Validazzjoni tas-sistemi lokali</u>***

*Il-preċiżjoni tas-sistemi finanzjarji lokali, li jikkontribwixxu għas-sistema kontabilistika u finanzjarja korporattiva tal-Kummissjoni, hija fundamentali sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà ġenerali tal-kontijiet annwali. Għalhekk, minbarra l-valutazzjoni tal-ġestjoni tas-sistema/i ta' kontroll intern tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà jivvalida s-sistemi finanzjarji lokali tagħhom.*

*Abbażi tal-ħidma ta' analiżi mwettqa matul l-2017[102], <u>ma ġiet identifikata ebda dgħufija fid-disinn jew fl-implimentazzjoni tas-sistemi lokali li tindika li dawn ma jissodisfawx il-kriterji tal-validazzjoni.</u> Barra minn hekk, l-ebda waħda mid-dgħufijiet misjuba ma huwa probabbli li jkollha impatt materjali fuq il-kontijiet annwali. Ma hemm ebda rakkomandazzjoni jew rakkomandazzjoni miftuħa kritika f'dan il-kuntest li l-implimentazzjoni tagħha tiġi ttardjata għal aktar minn 3 snin[103].*

*Madankollu, l-analiżi rriżultat f'numru ta' <u>rakkomandazzjonijiet</u> maħsuba sabiex itejbu l-ambjent ta' kontroll fid-dipartimenti awtorizzanti[104] u l-kwalità tal-kontabbiltà – li jenħtieġ li tindirizza r-riskji għall-preċiżjoni tar-rapportar tal-ġestjoni finanzjarja u regolatorja[105].*

## 2.1.1 L-effiċjenza tal-ġestjoni finanzjarja

Matul l-2017, il-Kummissjoni kompliet l-azzjonijiet tagħha sabiex tiġġenera **sinerġiji u effiċjenzi** fil-ġestjoni finanzjarja. Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-leġiżlatur qabel li **jissimplifika r-Regolament Finanzjarju** u 15-il att legali settorjali oħrajn li jibdew fl-2018-2019. Dan jipprovdi bażi ssimplifikata għat-tħejjija tal-ġenerazzjoni ta' programmi ta' finanzjament wara l-2020. Barra minn hekk, grupp ta' ħidma dwar is-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà ta lid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni l-opportunità li jikkondividu t-tagħlimiet miksuba mir-regoli finanzjarji attwali, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiffaċilitaw aktar it-tħejjija tar-regoli l-ġodda dwar l-infiq għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2020 (eż. regolament dwar mudell issimplifikat għall-programmi ta' finanzjament wara l-2020 sabiex jiżdiedu l-flessibbiltà u l-interoperabbiltà tagħhom).

Sar ukoll aktar progress lejn l-armonizzazzjoni u **s-simplifikazzjoni taċ-ċirkwiti finanzjarji u kuntrattwali.** Ġew identifikati l-aħjar prattiki f'termini tat-twaqqif ta' ċirkwiti aktar effiċjenti u nħolqot pjattaforma għall-iskambju ta' prattika fost l-esperti tal-akkwist.

Inkiseb **progress sinifikanti** fil-qasam **tal-akkwist elettroniku, l-għotjiet elettroniċi u SEDIA** (Spazju Uniku għall-Interskambju ta' *Data* Elettronika). Il-governanza l-ġdida mmexxija mill-Bord tat-Tmexxija tal-Akkwisti tal-Għotjiet issa tirrikonoxxi speċifikament ir-rwol tas-Servizz Finanzjarju Ċentrali tad-dipartiment tal-Baġit sabiex jipprovdi appoġġ legali dwar kwistjonijiet relatati mal-akkwist elettroniku u jaqsam din ir-responsabbiltà għall-għotjiet elettroniċi mas-Servizz Legali. L-isforzi kkoordinati konġunti mas-sidien tal-proċess tan-negozju u s-sidien tad-dominju tan-negozju matul l-2017 ippermettew it-tnedija tal-ewwel stadju ta' SEDIA diġà fil-bidu tal-2018. Is-servizzi ta' validazzjoni ċentrali fl-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka issa huma disponibbli għad-dipartimenti kollha interessati. It-tieni fażi hija mistennija sa nofs l-2018 bit-tnedija tal-portal il-ġdid li jservi bħala punt ta' dħul uniku komuni għall-offerenti/applikanti kollha.

Filwaqt li ser ikun hemm programmi ġodda li jkomplu jingħaqdu mad-dominju tal-għotjiet elettroniċi, ġie rreġistrat progress promettenti fil-qasam tal-linja ta' konformità għall-akkwist elettroniku (b'mod partikolari s-sottomissjoni elettronika) - bid-dipartiment tal-Baġit ikompli jinsisti għal kisbiet ta' effiċjenza massima permezz ta' żvilupp ikkoordinat ta' flussi tax-xogħol, mudelli ta' proċessi tan-negozju u allinjament legali. Dan għandu jippermetti **l-użu effiċjenti ta' fondi allokati għal proġetti tal-IT kbar,** bħal dak għall-programmi ta' azzjonijiet esterni (isem operattiv 'OPSYS'), u **l-possibbiltà li jerġgħu jintużaw soluzzjonijiet tal-IT fuq skala korporattiva**.

F'termini ta' trasparenza tal-kontabbiltà, fit-30 ta' Marzu 2017 ġiet adottata l-gwida dwar ir-ritrasferiment tas-servizzi pprovduti lil Istituzzjonijiet u korpi oħrajn.

F'termini ta' effiċjenza, id-data dettaljata fl-Anness 6 turi li **ż-żmien medju globali għall-ħlas** tad-dipartimenti tal-Kummissjoni **naqas b'mod stabbli** matul is-snin u huwa inqas minn 30 jum. Iż-żmien medju globali għall-ħlas nett fl-2017 huwa ta' 20,4 ijiem. Is-sehem tal-ħlasijiet tard naqas ukoll, għal 10,4 % fin-numru u 3,1 % biss fil-valur għall-2017.

## 2.1.2 L-effettività tal-ġestjoni tar-riskji ta' legalità u regolarità

*Nota: Id-definizzjonijiet u t-terminoloġija sottostanti msemmija f'din is-subtaqsima huma definiti fl-Anness 3*

Il-programmi ta' nfiq tal-Kummissjoni huma pluriennali skont id-disinn u, b'implikazzjoni, huma wkoll is-sistemi ta' kontroll u ċ-ċikli ta' ġestjoni relatati. Filwaqt li jistgħu jinstabu żbalji fi kwalunkwe sena partikolari, dawn jistgħu jiġu kkoreġuti fis-snin sussegwenti sa wara t-tmiem taċ-ċikli tal-ħajja tal-programmi.



## Sistemi ta' kontroll: miżuri preventivi u korrettivi

Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli sabiex tiżgura li l-baġit tal-UE[106] jintefaq kif suppost, irrispettivament minn jekk il-fondi jiġux implimentati mid-dipartimenti tal-Kummissjoni[107] stess (ġestjoni diretta; madwar 24 %), fdati lill-entitajiet (ġestjoni indiretta; madwar 8 %) jew eżegwiti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri (ġestjoni kondiviża; madwar 68 %)[108].

Għal 76 % tal-baġit, il-Kummissjoni hija fil-parti l-kbira dipendenti fuq l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-kontroll kif irrapportata mill-Istati Membri u minn korpi fdati oħrajn abbażi tas-sistemi ta' kontroll tagħhom stess. F'livell sekondarju, iżda mingħajr duplikazzjoni tas-saffi ta' kontroll, il-Kummissjoni tista' twettaq awditi sabiex tivverifika l-affidabbiltà tas-sistemi ta' kontroll, tar-riżultati tal-kontroll u/jew tar-rapporti dwar il-ġestjoni ta' dawk l-entitajiet.

Fil-modalitajiet ta' ġestjoni kollha, il-mudelli ta' kontroll tad-dipartimenti tal-Kummissjoni jinvolvu kemm miżuri preventivi kif ukoll korrettivi:

- ***Il-miżuri preventivi*** jittieħdu *qabel* il-pagament. Huma tipikament jikkonsistu f'kontrolli 'fis-sors'[109] u kontrolli **ex ante**[110] oħrajn imwettqa mill-Kummissjoni qabel ma tagħmel pagament[111] hija stess jew qabel taċċetta n-nefqa magħmula mill-Istat Membru jew minn korp fdat ieħor. Minbarra dan, l-interruzzjonijiet/is-sospensjonijiet possibbli tal-pagamenti lill-Istati Membri f'każ ta' nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għandhom karattru preventiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprovdi taħriġ u gwida lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-benefiċjarji tal-għotjiet. Għall-2017, l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri *preventivi* kien ta' EUR 836 miljun ikkonfermati u EUR 897 miljun implimentati (ara d-dettalji fit-Taqsima 2.3).
- ***Il-miżuri korrettivi*** jittieħdu *wara* l-pagament. Huma tipikament jinkludu kontrolli **ex post**[112] imwettqa mill-Kummissjoni, bħal korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri ta' nfiq irregolari ddikjarat mill-Istati Membri jew mill-benefiċjarji, wara li tkun għamlet pagament jew wara li tkun aċċettat in-nefqa magħmula mill-Istat Membru jew minn korp fdat ieħor. Għall-2017, l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri *korrettivi* kien ta' EUR 1 826 miljun ikkonfermati u EUR 1 949 miljun implimentati (ara d-dettalji fit-Taqsima 2.3).

Filwaqt li l-operazzjonijiet finanzjarji kollha huma soġġetti għal kontrolli qabel il-pagament[113] (jiġifieri *ex ante*), l-intensità f'termini ta' frekwenza u/jew profondità ta' dawn il-kontrolli tiddependi mir-riskji u l-ispejjeż involuti. Konsegwentement, il-kontrolli *ex ante* differenzjati skont ir-riskju ġeneralment jieħdu l-forma ta' analiżijiet mhux fuq il-post minflok kontrolli fuq il-post (bilanċ bejn il-benefiċċji/l-ispejjeż projbittivi għal kopertura sħiħa). B'kuntrast, il-kontrolli *ex post* ġeneralment jitwettqu fuq il-post (fuq bażi ta' kampjun rappreżentattiv, jew abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji).

Is-sorsi u l-kawżi ewlenin tal-iżbalji identifikati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri permezz tal-ħidma tal-awditjar jittieħdu wkoll f'kunsiderazzjoni meta titħejja leġiżlazzjoni (ssimplifikata) futura jew meta (jerġgħu) jitfasslu kontrolli sabiex ikompli jitnaqqas il-livell ta' żball fil-ġejjieni. *Ara l-punt dwar it-'Tħejjija tal-Programmi tal-QFP li Jmiss' fl-aħħar tat-Taqsima 2.2.*

## Riżultati tal-kontroll għall-2017: 'żball gross – korrezzjonijiet stmati = żball nett' [114]

### Ammont stmat f'riskju fil-mument tal-ħlas

Minħabba l-limitazzjonijiet inerenti tal-kontrolli *ex ante* mwettqa qabel il-pagamenti, huwa possibbli li xi żbalji[115] jkunu jistgħu jiġu identifikati biss mill-kontrolli *ex post* (eż. xi spejjeż ineliġibbli rrimborżati permezz ta' għotjiet jistgħu jiġu vverifikati fil-fond biss minn awditi fuq il-post imwettqa fil-bini tal-benefiċjarju). Dan jimplika li l-ħlasijiet tal-Kummissjoni jistgħu jiġu affettwati minn żbalji.

L-ammont ġenerali tal-Kummissjoni f'riskju fil-mument tal-ħlas, abbażi tar-**rati ta' żbalji ('gross') identifikati**[116], huwa stmat li huwa **1,7 % tan-nefqa fl-2017** (ara t-tabella sommarja u l-graff(s) hawn taħt[117]) – li din is-sena huwa saħansitra diġà taħt it-2 %.

Bħala kunċett, l-ammont ġenerali f'riskju fil-mument tal-ħlas jikkorrispondi għal-livell ta' żball stmat tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-Qorti rrikonoxxiet li ċ-ċifri tal-Kummissjoni kienu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, b'mod ġenerali konformi mal-estimi tagħha stess tas-sena li għaddiet[118].

Imqabbla mal-2016, il-bidla ewlenija hija **t-tnaqqis sinifikanti fil-Koeżjoni, il-Migrazzjoni u s-Sajd**. F'dan il-qasam ta' politika, il-programmi attwali tal-perjodu 2014-2020 qegħdin jitħaffew, li għandhom

riskju aktar baxx inerenti minħabba l-ikklerjar annwali tal-kontijiet li għadha kif ġiet introdotta u l-mekkaniżmu ta' żamma ta' 10 % fuq dividendi interim sakemm jiġu implimentati l-kontrolli u l-miżuri korrettivi kollha (ara taħt 'il-progress li sar' fit-Taqsima 2.2). Barra minn hekk, f'termini assoluti, in-nefqa rilevanti tal-2017 fil-Koeżjoni hija madwar EUR 13-il biljun inqas minn fl-2016. Dan huwa dovut primarjament għal inqas ikklerjar ta' prefinanzjament meta mqabbel mas-sena li għaddiet (li rat livell għoli ta' segwitu u ċertifikazzjonijiet u kklerjar relatati mal-għeluq għall-programmi tal-2007-2013) u bidu aktar kajman tal-implimentazzjoni għall-Fondi tal-Koeżjoni u l-Iżvilupp Reġjonali mqabbla mal-istess perjodu tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

## Korrezzjonijiet futuri stmati

Proporzjon imdaqqas[119] tal-iżbalji identifikati sussegwentement ser jiġu kkoreġuti permezz ta' rkupri jew permezz ta' tpaċija ma' pagamenti futuri. Billi dan jista' jieħu xi ftit taż-żmien, dawk il-korrezzjonijiet ħafna drabi ma jsirux fl-istess sena finanzjarja bħall-pagament relatat. Minflok, is-sistemi ta' kontroll pluriennali jiżguraw li l-korrezzjonijiet isiru matul is-sena/snin sussegwenti fiċ-ċikli tal-ħajja tal-programmi.

*Il-**familja tar-Riċerka u l-Innovazzjoni** b'mod ġenerali kellha mira pluriennali ta' 4 056 awditu tan-nefqa taħt is-Seba' Programm Kwadru, li diġà nqabżet (4 324 awditu kkompletati sal-aħħar tal-2017). In-nefqa koperta mill-awditi tammonta għal 64,2 % b'mod kumulattiv[120]).*

*L-istrateġija tal-awditjar pluriennali **tad-dipartiment Umanitarju** tipprevedi awditi finanzjarji ex-ante u/jew ex-post: l-awditi fuq il-post jitwettqu matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, filwaqt li l-awditi fil-kwartieri ġenerali jitwettqu wara l-finalizzazzjoni tal-azzjonijiet. L-istrateġija tal-awditjar tiżgura li kull organizzazzjoni msieħba tintgħażel, bħala medja, kull 4 snin, meta jiġi awditjat kampjun wiesa' ta' ftehimiet ta' għotjiet u kontribuzzjonijiet ma' kull organizzazzjoni msieħba magħżula.*

*Għall-attivitajiet taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri, il-Kummissjoni ma tistax tnaqqas weħidha l-livell ta' żball: l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji huma l-ewwel u qabel kollox f'idejn l-Istati Membri. Madankollu, id-dipartimenti tal-Kummissjoni kkonċernati jassumu wkoll is-sehem tagħhom tar-responsabbiltajiet. Pereżempju, fl-2017, id-**dipartiment tal-Agrikoltura** wettaq 128 missjoni ta' awditjar u fetaħ 31 awditu mhux fuq il-post sabiex jivverifika li r-regoli tal-UE jiġu mħarsa mill-Aġenziji tal-Pagamenti meta jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji jew jirkupraw pagamenti mhux dovuti. Ġew awditjati wkoll 15-il Korp ta' Ċertifikazzjoni, sabiex tiġi vverifikata l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar tagħhom u konsegwentement tiġi kkonsolidata l-assigurazzjoni fuq l-affidabbiltà tal-opinjoni tagħhom dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Bħala riżultat tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità, il-Kummissjoni timponi korrezzjonijiet finanzjarji netti fuq l-Istati Membri li permezz tagħhom huma jirrimborżaw il-baġit tal-UE bl-ammonti korrispondenti għal dawk il-korrezzjonijiet. Dawn l-azzjonijiet ta' rimedju huma elementi tas-sistema ta' kontroll pluriennali li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE.*

*Sadanittant, jiġifieri fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja matul iċ-ċikli ta' ġestjoni pluriennali, l-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega tal-Kummissjoni jiddivulgaw debitament, għall-fini ta' trasparenza sħiħa, kull programm li għalih ir-rata ta' żball residwu sa dak iż-żmien tar-rapportar tkun (għadha) mhux aktar baxxa mil-limitu tal-materjalità (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet stabbilit għal 2 %). Ara t-Taqsima 2.2 dwar l-assigurazzjoni tal-ġestjoni u r-riżervi possibbli.*

Id-dipartimenti tal-Kummissjoni stmaw il-korrezzjonijiet futuri li ser ikunu jistgħu jagħmlu għan-nefqa tal-2017. Sa ċertu punt, dawn l-estimi huma bbażati fuq il-korrezzjonijiet attwali medji magħmula fis-snin preċedenti. Madankollu, din il-bażi storika mhux dejjem tkun rilevanti għall-istima tal-korrezzjonijiet futuri. B'mod partikolari, id-data storika tista' tiġi affettwata minn avvenimenti ta' darba jew relatati ma' programmi preċedenti bi profili ta' riskju differenti minn dawk attwali (li setgħu ġew issimplifikati u saru inqas suxxettibbli għall-iżbalji). Għal dawn ir-raġunijiet, il-bażi storika tiġi aġġustata jew sostitwita kif meħtieġ. Fi kwalunkwe każ, l-estimi li jirriżultaw ikunu konservattivi sabiex tiġi evitata kwalunkwe stima żejda possibbli tal-kapaċità korrettiva.

Il-korrezzjonijiet ġenerali tal-Kummissjoni fil-ġejjieni huma stmati li huma **1,1 % tan-nefqa tal-2017** (ara t-tabella sommarja ta' hawn taħt[121]).

Imqabbel mal-2016, it-tnaqqis hawnhekk huwa dovut primarjament għal ammont stmat aktar baxx tal-Koeżjoni f'riskju fil-mument tal-ħlas (ara hawn fuq) u, b'hekk, għal korrezzjonijiet stmati aktar baxxi.

*Għal analiżi tal-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri attwali magħmula matul is-sena tar-rapportar 2017, ara t-Taqsima 2.3 dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE.*

## Ammont stmat f'riskju fl-għeluq

Wara tnaqqis tal-korrezzjonijiet futuri mill-ammont f'riskju fil-mument tal-ħlas, l-ammont f'riskju fl-għeluq jipprovdi stima konservattiva li tħares 'il quddiem tal-**iżball ("nett")** li jista' jibqa' wara li jkunu saru l-korrezzjonijiet ipproġettati kollha sal-aħħar taċ-ċikli tal-ħajja tal-programmi.

L-ammont ġenerali tal-Kummissjoni f'riskju fl-għeluq huwa stmat li huwa **0,6 % tan-nefqa tal-2017** (ara t-tabella sommarja u l-graff(s) ta' hawn taħt[122]).

Meta mqabbel mal-2016, it-tnaqqis hawnhekk huwa dovut primarjament għall-mekkaniżmu inkorporat tal-Koeżjoni għal riskji residwi annwali taħt it-2 % permezz tal-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa fil-pakketti ta' assigurazzjoni annwali mħejjija mill-Istati Membri (ara hawn fuq), flimkien ma', sa ċertu punt, tnaqqis tal-ammont stmat f'riskju fil-mument tal-ħlas anki fl-Agrikoltura (li issa għandha ċifri saħansitra aktar baxxi).

## Konklużjoni

**Matul l-aħħar ftit snin, l-ammont ġenerali f'riskju fl-għeluq naqas minn 1,3 % għal 0,6 %. Ara l-graff(s) ta' hawn taħt.**

Minħabba li l-ammont ġenerali f'riskju fl-għeluq huwa stmat li huwa inqas minn 2 % tan-nefqa rilevanti totali, b'mod ġenerali, il-mekkaniżmi ta' kontroll pluriennali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni jiżguraw ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u li l-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri magħmula matul is-snin sussegwenti jipproteġu l-baġit tal-UE b'mod kumplessiv.

| Qasam ta' politika | Nefqa totali rilevanti (f'miljun EUR) | Ammont stmat f'riskju fil-mument tal-ħlas | | Korrezzjonijiet futuri stmati | | Ammont stmat f'riskju fl-għeluq wara li jitqiesu l-korrezzjonijiet futuri | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | l-aktar baxx valur | l-ogħla valur | l-aktar baxx valur | l-ogħla valur | l-aktar baxx valur | l-ogħla valur |
| Agrikoltura | 55 957,0 | 2,22 % | 2,22 % | 2,10 % | 2,10 % | 0,12 % | 0,12 % |
| Koeżjoni, Migrazzjoni u Sajd | 32 533,8 | 1,10 % | 1,10 % | 0,04 % | 0,04 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Relazzjonijiet Esterni | 10 633,5 | 1,24 % | 1,24 % | 0,27 % | 0,27 % | 0,97 % | 0,97 % |
| Riċerka, Industrija, Spazju, Enerġija u Trasport | 13 348.1 | 2,26 % | 2,35 % | 0,63 % | 0,64 % | 1,64 % | 1,71 % |
| Politiki Interni Oħrajn | 6 065,0 | 0,64 % | 0,66 % | 0,11 % | 0,11 % | 0,53 % | 0,55 % |
| Servizzi oħrajn u Amministrazzjoni | 6 590,4 | 0,14 % | 0,19 % | 0,01 % | 0,01 % | 0,14 % | 0,18 % |
| Rikonċiljazzjonijiet | -116,4 | | | | | | |
| **TOTAL għall-2017** | **125 011,4** | **1,67 %** | **1,68 %** | **1,05 %** | **1,05 %** | **0,62 %** | **0,63 %** |
| *TOTAL għall-2016* | *137 127,9* | *2,13 %* | *2,62 %* | *1,48 %* | *1,55 %* | *0,65 %* | *1,07 %* |

*Tabella: L-ammont ġenerali stmat f'riskju fil-mument tal-ħlas / fl-għeluq (firxiet, f'% tan-nefqa rilevanti). Ara d-dettalji fl-Anness 2-A u d-definizzjonijiet fl-Anness 3*




*Graff: L-ammont ġenerali stmat f'riskju fil-mument tal-ħlas / fl-għeluq (firxiet, f'% tan-nefqa rilevanti). Ara d-dettalji fl-Anness 2-A u d-definizzjonijiet fl-Anness 3.*




*Graff: L-ammont ġenerali stmat f'riskju fil-mument tal-ħlas / fl-għeluq (firxiet, f'% tan-nefqa rilevanti) - għal kull qasam ta' politika. Ara d-dettalji fl-Anness 2-A u d-definizzjonijiet fl-Anness 3.*

## 2.1.3 Il-kosteffettività tal-kontrolli

Wieħed mill-għanijiet tal-Kummissjoni huwa li tiżgura l-kosteffettività meta tfassal u timplimenta s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Is-sistemi ta' kontroll tad-dipartimenti huma mmirati biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji, iżda jenħtieġ li jkollhom ukoll **spiża raġonevoli** mqabbla mal-fondi ġestiti. Għalhekk, jenħtieġ li l-istrateġiji ta' kontroll ikunu **differenzjati skont ir-riskju**, fi kliem ieħor iqisu livell ogħla ta' skrutinju u/jew frekwenza f'oqsma aktar riskjużi u livell aktar baxx f'oqsma b'riskju baxx.

Fl-2017, il-50 dipartiment tal-Kummissjoni kollha vvalutaw[123] debitament il-kosteffettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll tagħhom stess. **Għat-tieni sena, id-dipartimenti tal-Kummissjoni kollha kkonkludew b'mod affermattiv li, b'mod ġenerali, il-kontrolli tagħhom huma kosteffettivi u effiċjenti.**

Barra minn hekk, fejn il-fondi huma ġestiti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew fdati lil entitajiet oħrajn, l-informazzjoni disponibbli dwar l-ispiża tal-kontrolli mġarrba minn dawk l-awtoritajiet u l-entitajiet ġiet irrapportata separatament mid-dipartimenti kkonċernati[124].

Minbarra l-ispejjeż tal-kontroll, kważi d-dipartimenti kollha rrapportaw ukoll dwar il-benefiċċji tal-kontrolli. Xi wħud minnhom setgħu jikkwantifikawhom f'termini monetarji abbażi tar-rifjuti tal-ispejjeż ineliġibbli, il-korrezzjonijiet, l-irkupri. Lil hinn mill-kontribut sabiex jitnaqqsu r-rati ta' żbalji netti, benefiċċji oħrajn ta' sistemi ta' kontroll imfassla tajjeb jinkludu valur aħjar għall-flus u riskju mnaqqas ta' frodi.

Inkisbu kontrolli aktar sempliċi, inqas ta' piż u inqas għaljin, b'mod partikolari permezz ta' rappurtar aktar awtomatizzat, eliminazzjoni ta' flussi tax-xogħol żejda, kontrolli aktar proporzjonati għal tranżazzjonijiet b'riskju baxx u użu aktar estensiv ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati[125].

L-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli rrapportati mill-Kummissjoni jvarjaw b'mod pjuttost sostanzjali bejn id-dipartimenti. Dan jista' jiġi spjegat minn għadd ta' fatturi, b'mod partikolari: (i) il-gradi differenti ta' kumplessità tal-programmi ġestiti; (ii) il-volumi u l-ammonti li jridu jiġu pproċessati (jiġifieri l-ipproċessar ta' numru għoli ta' tranżazzjonijiet ta' valur baxx jinvolvi xogħol aktar intensiv); (iii) il-profili ta' riskju speċifiċi tal-programmi ġestiti; u (iv) id-diżekonomiji ta' skala possibbli għal ċerti programmi iżgħar. Għalhekk, tqabbil sempliċi bejn l-aspetti kwantifikabbli rrapportati mid-dipartimenti jkun ta' valur limitat.

Sabiex jiġi żgurat li l-kontrolli jibqgħu kosteffettivi matul iż-żmien, il-maġġoranza kbira tad-dipartimenti rrevedew is-sistemi ta' kontroll tagħhom mill-inqas darba matul l-aħħar 3 snin. Bħala riżultat ta' dawn ir-reviżjonijiet fl-2017, 22 dipartiment adattawhom jew ser jadattawhom billi jmexxu mill-ġdid ir-riżorsi ta' kontroll lejn kontrolli aktar stretti, fejn meħtieġa, filwaqt li għandhom kontrolli aktar sempliċi u inqas ta' piż, fejn xierqa. 11-il dipartiment ikkonkludew li ma kienet meħtieġa l-ebda bidla fil-kontroll. Minn fost is-17-il dipartiment li ma għamlux reviżjoni tas-sistema fl-2017, madankollu kien hemm 12 li kienu diġà rrevedewha fl-2016.




*Ċart: Reviżjoni tal-istrateġiji ta' kontroll fil-perjodu 2015-2017. Sors: Rapporti Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-baġit tal-UE 2015-2016*

Il-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha sabiex issaħħaħ il-kosteffettività tal-kontrolli. F'dan ir-rigward, wara awditu li sar fl-2017 mis-Servizz tal-Awditjar Intern, id-dipartiment tal-Baġit qed jirrevedi l-gwida tiegħu għall-istima, il-valutazzjoni u r-rapportar dwar il-kosteffettività tal-kontrolli bil-għan li jissimplifikahom.

Barra minn hekk, għall-**programmi ta' nfiq li jmiss**, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (annessi mal-proposti leġiżlattivi) ser jiġġustifikaw għaliex il-mod(i) ta' ġestjoni propost(i), il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament u l-metodi tal-ħlas proposti jitqiesu bħala l-aktar soluzzjonijiet xierqa – mhux biss f'termini tal-għanijiet tal-politika/programm, iżda wkoll f'termini ta' **bilanċjar ta' tlieta mill-għanijiet tal-kontroll intern, jiġifieri ħlasijiet malajr, żbalji baxxi u spiża baxxa tal-kontroll**.

### 2.1.4 L-istrateġiji kontra l-frodi

L-UE u l-Istati Membri għandhom mandat sabiex jiġġieldu kontra l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni[126]. Il-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-UE f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba[127]. Il-baġit huwa implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti, li jinkludi l-għan ta' prevenzjoni, identifikazzjoni, korrezzjoni u segwitu ta' frodi u irregolaritajiet[128].

Fi ħdan dan il-qafas legali, **l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)** għandu rwol ewlieni fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE minn frodi. Fl-2011, il-Kummissjoni adottat l-istrateġija attwali tagħha kontra l-frodi taħt it-tmexxija tal-**Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi**. L-**Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi** tipprovdi qafas ta' politika għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u r-riparazzjoni ta' frodi fil-livell tal-Kummissjoni u għall-funzjonament tajjeb tad-dipartimenti tal-Kummissjoni fir-responsabbiltajiet ta' ġestjoni tagħhom għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

**L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi tirrikjedi li kull dipartiment tal-Kummissjoni jiżviluppa, jimplimenta u jaġġorna regolarment, meta jkun meħtieġ, l-istrateġija tiegħu stess kontra l-frodi għall-qasam ta' politika li għalih huwa responsabbli. Huma ssodisfaw dan il-kompitu kif ippreżentat fit-tabella ta' hawn taħt.**

Il-Kummissjoni użat l-opportunità tal-proposti tagħha għall-pjan ta' nfiq fit-tul tal-Unjoni wara l-2020 sabiex teżamina l-approċċi kontra l-frodi f'politiki differenti tal-UE u sabiex issaħħaħ il-miżuri kontra l-frodi, fejn xieraq, bil-għan li tipproteġi lill-kontribwenti Ewropej bl-aħjar mod possibbli.

Għaldaqstant, l-**Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi** qed jaħdem f'kooperazzjoni ma' dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni fuq evalwazzjoni u aġġornament tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi. Bi tħejjija, id-dipartimenti kollha ntalbu jagħmlu valutazzjoni ġdida tar-riskju ta' frodi. Bosta minnhom użaw dik l-okkażjoni sabiex jaġġornaw l-istrateġiji tagħhom stess kontra l-frodi; b'dak il-mod, il-ġlieda tal-Kummissjoni kontra l-frodi diġà bbenifikat mill-eżerċizzju ta' aġġornament fil-livell korporattiv. L-azzjonijiet ġodda li x'aktarx jiġu inklużi fl-aġġornament tal-Istrateġija Kontra l-Frodi fil-livell tal-Kummissjoni ser jimmiraw għal:

- koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politiki kontra l-frodi mal-Kummissjoni kollha;
- ġbir ta' informazzjoni aktar vasta dwar mudelli ta' frodi li jheddu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, pereżempju, permezz tat-titjib tal-bażijiet ta' data u l-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni;
- kontrolli msaħħa kontra l-frodi fl-oqsma tad-dwana u t-taxxa fuq il-valur miżjud.

Is-servizzi tad-dipartimenti kkonċernati ħadu azzjoni immedjata sabiex jindirizzaw id-dgħufijiet identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern fir-rigward tal-ippjanar, il-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' prevenzjoni u identifikazzjoni ta' frodi fir-riżorsi proprji tradizzjonali. Dawn id-dipartimenti stabbilixxew mekkaniżmi ta' kooperazzjoni mtejba, notevolment funzjoni ta' tmexxija strateġika tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), tad-dipartiment tat-Tassazzjoni u tad-dipartiment tal-Baġit sabiex jiżguraw prevenzjoni u identifikazzjoni mtejba tal-frodi fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali.

*Is-**Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali** huwa servizz li nħoloq riċentament fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali. Il-missjoni tiegħu hija li jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali billi joffri għarfien espert speċifiku u appoġġ tekniku prattiku.*

*Minn April 2016, is-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali għandu organizzazzjoni amministrattiva formali; f'Lulju 2017, hija adottat l-**ewwel Strateġija Kontra l-Frodi** tagħha, abbażi tal-metodoloġija pprovduta mill-**Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi**. Is-Servizz jaħdem f'kundizzjonijiet ta' finanzjament diffiċli, ikkaratterizzati minn deċentralizzazzjoni ġeografika u ambjent tax-xogħol legali u politiku kumpless, kif ukoll pressjoni ta' ħin u dipendenza fuq persunal teknikament speċjalizzat. Bl-Istrateġija Kontra l-Frodi tiegħu, immirata sabiex tifrex u tkabbar l-għarfien kontra l-frodi fost il-persunal, is-Servizz jiżgura li l-flus tal-kontribwenti jintefqu strettament fuq il-ħtiġijiet urġenti moqdija minnu.*

| Is-sena tal-aħħar aġġornament tal-istrateġiji kontra l-frodi tad-dipartimenti | 2017 | 2016 | 2015 | 2014 jew qabel | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Dipartimenti tal-Kummissjoni | 20 | 11 | 11 | 8 | 50 |

*Tabella: Aġġornamenti tal-Istrateġiji Kontra l-Frodi mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. Informazzjoni mir-Rapporti Annwali tal-Attività.*

Fil-kuntest tal-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu rwol uniku li jmexxi investigazzjonijiet indipendenti dwar frodi u korruzzjoni li jinvolvu fondi tal-UE u li jiżviluppa politiki tal-UE għall-ġlieda kontra l-frodi.

Il-fondi tal-UE ma jintefqux biss mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, iżda madwar 74 % minnhom permezz ta' ġestjoni kondiviża, jiġifieri f'livelli lokali, reġjonali u nazzjonali fl-Istati Membri. Dan iżid il-livell ta' kumplessità b'mod sostanzjali. Il-programmi u l-proġetti tal-UE ħafna drabi jinvolvu atturi - kuntratturi u sottokuntratturi u l-persunal tagħhom - mill-UE, minn Stati Membri, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan jagħmel il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-frodi sfida sinifikanti, anki minħabba li r-regoli applikabbli dwar il-ġestjoni finanzjarja huma numerużi u ħafna drabi kkumplikati.

Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 883/2013 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi jagħti s-setgħa lill-Uffiċċju sabiex imexxi investigazzjonijiet amministrattivi esterni fuq livell nazzjonali u investigazzjonijiet amministrattivi interni fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, kull fejn ikunu kkonċernati l-interessi finanzjarji tal-UE , kif ukoll investigazzjonijiet interni dwar il-kwittanza ta' dmirijiet professjonali. F'dak ir-rigward, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi għandu rwol importanti sabiex jiggarantixxi l-integrità tal-persunal tal-UE, prekundizzjoni neċessarja għall-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jiffunzjonaw b'mod effiċjenti.

Fil-konklużjoni ta' investigazzjoni, l-Uffiċċju jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet li jridu jiġu segwiti mill-awtoritajiet nazzjonali jew tal-UE rilevanti. Rakkomandazzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu ta' natura differenti: finanzjarja, sabiex jintalab l-irkupru ta' fondi tal-UE ffrodati jew sabiex jiġi evitat li jiġu żborżati ammonti addizzjonali, ġudizzjarja, sabiex tittieħed azzjoni ġudizzjarja, dixxiplinarja, sabiex tittieħed azzjoni dixxiplinarja kontra membru tal-persunal speċifiku jew amministrattiva, sabiex tiġi indirizzata kwalunkwe dgħufija fil-proċeduri amministrattivi.

**L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa kapaċi jidentifika u jinvestiga skemi ta' frodi kumplessi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Fl-2017 ingħalqu għadd ta' investigazzjonijiet fuq skala kbira.**

L-investigazzjonijiet tal-OLAF varjaw minn każijiet ta' frodi ta' sottovalutazzjoni maġġuri fejn il-frodaturi għamlu profitt billi ddikjaraw b'mod falz valuri baxxi għal oġġetti importati fl-UE, għal każijiet fejn l-OLAF indirizza l-gruppi ta' kriminalità organizzata li kienu qed jiffrodaw fondi destinati għall-agrikoltura, jew każijiet fejn l-investigaturi skoprew frodi fi proġetti infrastrutturali kbar.

**Il-prestazzjoni investigattiva tal-OLAF fl-2017:**

- L-OLAF ikkonkluda 197 investigazzjoni, ħareġ 309 rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE rilevanti;
- L-OLAF irrakkomanda l-irkupru ta' 'l fuq minn EUR 3 biljun għall-baġit tal-UE;
- L-OLAF fetaħ 215-il investigazzjoni ġdida, wara 1111-il analiżi preliminari li saru mill-esperti tal-OLAF

Fit-2 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni adottat ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-Regolament 883/2013 li jirregola l-attivitajiet investigattivi tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi. Il-valur miżjud tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u r-rilevanza kontinwa tagħhom fil-kuntest tat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ġew ikkonfermati mill-evalwazzjoni. Fl-2018, il-Kummissjoni pproponiet aktar titjib fil-qafas legali għall-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, immexxi mill-passi li għaddejjin sabiex jiġi stabbilit l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew sal-aħħar tal-2020 (l-aktar kmieni) u mis-sejbiet tal-evalwazzjoni tar-Regolament 883/2013.

## Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES)

Is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES), li twaqqfet sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, għandha l-għan li tiżgura:

- l-identifikazzjoni bikrija ta' operaturi ekonomiċi li jirrappreżentaw riskji għall-interessi finanzjarji tal-UE;
- l-esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi mhux affidabbli milli jiksbu fondi tal-UE u/jew l-impożizzjoni ta' penali finanzjarja;
- il-pubblikazzjoni, fl-aktar każijiet severi, fuq is-sit web tal-Kummissjoni ta' informazzjoni relatata mal-esklużjoni u/jew mal-penali finanzjarja, sabiex jissaħħaħ l-effett ta' deterrent.

L-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE jistgħu jiddeċiedu biss li jimponu sanzjonijiet fuq operaturi ekonomiċi mhux affidabbli wara li jiksbu rakkomandazzjoni minn bord ċentralizzat. Il-Bord tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) jivvaluta l-każijiet meta ma jkun hemm ebda sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali. Dan ma għandu l-ebda setgħat investigattivi. Fil-prinċipju, il-bord jibbaża l-valutazzjoni tiegħu fuq fatti u sejbiet li jirriżultaw mill-awditi mwettqa taħt ir-responsabbiltà tad-dipartiment kompetenti tal-Kummissjoni jew mill-investigazzjonijiet imwettqa **mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi**.

Il-każijiet imressqa quddiem dan **il-Bord** jintgħażlu abbażi tas-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati taħt l-Artikolu 106(1) ċ) sa f) tar-Regolament Finanzjarju, li huma:

- imġiba ħażina professjonali gravi;
- frodi, korruzzjoni, parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, reati relatati mat-terroriżmu jew reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi;
- nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi ewlenin fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt iffinanzjat mill-baġit;
- irregolarità.

Dan ma jqisx il-każijiet tal-Artikolu 106(1) (a) u (b) li jikkorrespondu għal każijiet ta' fallimenti u nuqqas ta' ħlas ta' taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li, madankollu, huma inklużi fil-bażi ta' data tal-EDES (madwar 300 każ kull sena).

Mill-1/1/2016, intbagħtu 37 każ lis-segretarjat tal-Bord, li minnhom:

- 27 rakkomandazzjoni adottati mill-Bord (inklużi 3 għal non-esklużjoni);
- 6 risposti tal-Bord;
- 3 każijiet irtirati mill-uffiċjal awtorizzanti rikjedenti kkonċernat;
- każ wieħed sospiż.

Sa issa, ittieħdu 19-il deċiżjoni mill-uffiċjali awtorizzanti (inklużi 3 deċiżjonijiet li ma ssirx esklużjoni).

Fi 12-il każ, il-pubblikazzjoni tal-esklużjoni ġiet deċiża (2 pubblikazzjonijiet ġew sospiżi minħabba t-tressiq ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

B'mod aktar partikolari, fl-2017, 11-il każ tal-Bord, li kull wieħed minnhom kien jinvolvi operatur ekonomiku wieħed, ġew riferuti lilu permezz tas-segretarjat permanenti tiegħu mill-uffiċjali awtorizzanti. Barra minn hekk, 4 każijiet mibgħuta lis-segretarjat permanenti fl-2016 ġew riferuti lill-Bord fl-2017, ladarba tlestew il-fajls rispettivi.

Minn dawn il-15-il każ, il-Bord ħareġ rakkomandazzjoni sabiex l-operaturi ekonomiċi jiġu esklużi mill-fondi tal-UE f'disa' okkorrenzi. Din kienet ibbażata fuq diversi raġunijiet legali, inklużi frodi u ksur sinifikanti bil-konformità mal-obbligi ewlenin fl-implimentazzjoni ta' kuntratt. Id-deċiżjonijiet ta' esklużjoni meħuda sa issa mill-uffiċjali awtorizzanti kkonċernati jsegwu b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. F'dawn id-deċiżjonijiet kollha, is-sanzjonijiet ġew ippubblikati. Il-pubblikazzjoni kienet ġustifikata minn, pereżempju, ir-rifjut tal-awditi, ir-rifjut tar-rimborż tal-fondi tal-UE użati ħażin, in-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' garanzija maħruġa minn garanti mhux awtorizzat, jew il-gravità inerenti tal-vjolazzjonijiet.

Fi tliet każijiet, il-Bord irrakkomanda wkoll li l-operatur eskluż, marbut mal-esklużjoni, jiġi rreġistrat fil-bażi ta' *data* tal-EDES bħala "*persuna b'setgħa ta' rappreżentanza, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll*". L-iskop ta' din ir-reġistrazzjoni huwa li l-uffiċjali awtorizzanti kollha jiġu informati li dawn il-persuni kienu personalment involuti fis-sitwazzjonijiet relatati ta' esklużjoni tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

## 2.2. Assigurazzjoni u riżervi tal-ġestjoni

### Riżervi tar-Rapport Annwali tal-Attività

Fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom għall-2017[129], **il-50 Uffiċjal Awtorizzanti b'Delega kollha[130] ddikjaraw li għandhom assigurazzjoni raġonevoli li: (i) l-informazzjoni li hemm fir-rapport tagħhom tippreżenta stampa vera u ġusta; (ii) ir-riżorsi assenjati għall-attivitajiet intużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba; u (iii) il-proċeduri ta' kontroll implimentati jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.**

L-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega vvalutaw l-objettivi ta' kontroll billi użaw l-informazzjoni kollha disponibbli, b'mod partikolari r-riżultati tal-kontroll. Huma kkunsidraw kwalunkwe dgħufijiet sinifikanti identifikati u vvalutaw l-impatt kumulattiv tagħhom fuq l-assigurazzjoni, f'termini kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk kienx materjali. B'riżultat ta' dan, **30 Uffiċjal Awtorizzanti b'Delega ddikjaraw assigurazzjoni mhux kwalifikata, filwaqt li ġew ikkwalifikati 20 dikjarazzjoni b'total ta' 38 riżerva għall-2017**. *Ara t-tabelli dettaljati fl-Anness 2-B.* Dawn ir-riżervi jaffettwaw kull wieħed mis-sitt oqsma ta' nfiq, iżda biss is-segment tad-dħul tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali. Fil-każijiet kollha, l-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega kkonċernati adottaw pjanijiet ta' azzjoni sabiex jindirizzaw id-dgħufijiet sottostanti u jimmitigaw ir-riskji li jirriżultaw minnhom.

**Ir-riżervi huma fundamentali fil-bini tar-responsabbiltà**. Il-kwalifika tad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni fir-Rapporti Annwali tal-Attività hija element ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Jekk possibbli, ir-riżervi għandhom dejjem ikunu akkumpanjati minn pjan ta' azzjoni li jidentifika l-azzjonijiet maħsuba biex ikomplu jtejbu l-ambjent ta' kontroll intern. Għalkemm il-biċċa l-kbira tar-riżervi huma xprunati mis-sejbiet rigward il-ġestjoni u l-kontroll ta' pagamenti li saru fl-imgħoddi, dawn għandhom ukoll effett preventiv pożittiv, minħabba li l-pjanijiet ta' azzjoni żviluppati b'rabta mar-riżervi għandhom l-għan li jimmitigaw ir-riskji futuri u li jsaħħu s-sistemi ta' kontroll. Ir-riżervi huma wkoll integrali għar-responsabbiltà minħabba li jipprovdu trasparenza fir-rigward tal-isfidi jew id-dgħufijiet iffaċċjati, u stima tal-impatt finanzjarju tagħhom.

Barra minn hekk, **in-numru ta' riżervi mhuwiex indikatur tal-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja.** Dan huwa parzjalment minħabba li ma hemm ebda rabta diretta bejn in-numru ta' riżervi u l-ammonti f'riskju, iżda wkoll minħabba li xi dgħufijiet joħolqu riżervi multipli. Pereżempju, minħabba li jirrigwardjaw programmi li huma implimentati minn aktar minn dipartiment wieħed, iżda wkoll minħabba li d-dgħufija relatata f'riżervi 'ġodda' hija kontinwazzjoni ta' oħrajn ta' 'legat' preċedenti għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (eż. fil-Koeżjoni, il-Migrazzjoni u s-Sajd, għalkemm issa għal inqas programmi f'inqas Stati Membri milli kien hemm fil-perjodu preċedenti) u/jew ikopru diversi segmenti tal-istess programmi ġestiti minn diversi dipartimenti. Dan jipprovdi aktar preċiżjoni u trasparenza.

Meta jitqabblu t-38 riżerva għall-2017 mas-37 li kien hemm fl-2016, 34 riżerva huma rikorrenti. Madankollu, **nofshom jikkonċernaw il-ġenerazzjoni tal-'legat' tal-programmi għall-perjodu 2007-2013, li bħalissa qegħdin jitneħħew gradwalment**. Tliet riżervi preċedenti tneħħew u erba' riżervi ġew introdotti mill-ġdid. Barra minn hekk, erba' riżervi rikorrenti nżammu iżda tnaqqsu fil-kamp ta' applikazzjoni u/jew l-espożizzjoni tagħhom. Minbarra dan, il-programmi ta' 'legat' tal-Koeżjoni, il-Migrazzjoni u s-Sajd issa għandhom inqas programmi f'inqas Stati Membri taħt riżervi. Ħames riżervi rikorrenti u tliet riżervi ġodda huma kompletament jew parzjalment 'mhux kwantifikati'[131]; jiġifieri mingħajr impatt finanzjarju għall-2017.

Għall-34 **riżerva rikorrenti**, li jaffettwaw in-nefqa jew id-dħul għall-2017, ara l-lista kompleta fl-anness 2-B.

Għar-riżervi **li nbidlu meta mqabbla mal-2016**, ara l-kaxxa ta' hawn taħt:

***Tneħħew żewġ riżervi***

- *Id-dipartiment tar-Riżorsi Umani ma baqax jikkwalifika d-dikjarazzjoni tiegħu bir-riżerva (ta' reputazzjoni) fuq l-Iskejjel Ewropej minħabba li d-dgħufija fil-ġestjoni tat-teżor hija mtaffija biżżejjed.*
- *Id-dipartimenti reġjonali u tal-Impjiegi kull waħda neħħew ir-riserva relatata (mhux kwantifikata) relatata mas-snin 2000-2006, billi qiesu l-ambitu mnaqqas tal-korrezzjonijiet finanzjarji jew li l-kawża pendenti ġiet deċiża favur id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ammonti tal- korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu applikati (il-każ għandu jiġi segwit billi l-Istat Membru appella d-deċiżjoni).*

***Ġew introdotti erba' riżervi ġodda***

- *Is-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali għamel riżerva (mhux kwantifikata) ġdida fuq in-nuqqas ta' assigurazzjoni għall-parti tal-portafoll tiegħu mogħti permezz ta' għotjiet.*
- *L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għamlet riżerva (mhux kwantifikata) ġdida relatata mad-dgħufijiet tal-kontroll intern identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern u r-rakkomandazzjonijiet korrispondenti (waħda kklassifikata bħala kritika[132] u tmienja bħala importanti ħafna).*
- *Id-dipartiment għall-Affarijiet Interni għamel riżerva (mhux kwantifikata) ġdida li tirreferi għad-dgħufija/dgħufijiet fis-sistema ta' kontroll intern tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, li dehru wkoll wara l-opinjoni kwalifikata tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jipposponi d-deċiżjoni ta' kwittanza dwar din l-aġenzija.*
- *Id-dipartiment tal-Viċinat: riżerva ġdida fuq is-segment ta' riskju għoli tagħhom ta' ''għotjiet ta' ġestjoni diretta'' (simili għad-dipartiment tal-Iżvilupp, ara hawn taħt, u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri).*

***Inżammu erba' riżervi rikorrenti, iżda b'kopertura mnaqqsa (minħabba inqas segmenti b'Rata ta' Żbalji Residwi 'il fuq minn 2 %)***

- *Id-dipartiment tal-Iżvilupp żamm ir-riżerva tiegħu, iżda naqqas il-kopertura tiegħu minn erba' segmenti għal wieħed (rigward l-'għotjiet ta' ġestjoni diretta').*
- *Id-dipartiment tal-Iżvilupp żamm ir-riżerva tiegħu fuq il-programmi ġestiti mill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, iżda naqqas il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għall-programmi li jinvolvu livell sinifikanti ta' akkwist.*
- *Is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija rrestrinġa l-kamp ta' applikazzjoni tar-riżerva tiegħu għall-Istrument għall-Kooperazzjoni ma' pajjiżi Industrijalizzati biss, jiġifieri minbarra l-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni.*
- *Id-dipartiment Marittimu biddel ir-riżerva kwantifikata tiegħu dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd għall-perjodu 2007-2013 f'riżerva mhux kwantifikata minħabba li ma kien hemm ebda espożizzjoni finanzjarja fl-2017.*

## Espożizzjoni (impatt finanzjarju) minn riżervi għall-programmi attwali u ta' 'legat'

Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa, l-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega joħorġu riżerva għal kull programm li għalih ir-Rata ta' Żbalji Residwi sal-ħin tar-rapportar ma tkunx (għadha) aktar baxxa mil-limitu tal-materjalità (li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet huwa stabbilit għal 2 %).

Dan japplika mhux biss għall-programmi attwali (ġenerazzjoni 2014-2020), iżda wkoll għall-ġenerazzjoni ta' 'legat' tal-programmi (2007-2013). Id-dipartimenti ma jneħħux id-19-il riżerva ta' dawn tal-aħħar anki meta l-ammonti f'riskju għal dawn il-programmi ta' legat ikunu naqsu b'mod sinifikanti.

Dan jikkonċerna erba' riżervi li jkopru sitt fondi/programmi f'ġestjoni kondiviża (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għas-Sajd, il-programm ġenerali Solidarjetà u Migrazzjoni), is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (tmien riżervi), il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (erba' riżervi) u l-programmi għall-Edukazzjoni, il-Kultura u ż-Żgħażagħ (tliet riżervi) - li kollha qegħdin jitneħħew gradwalment.

*Il-ġenerazzjoni tal-'legat' tal-programmi għall-perjodu 2007-2013, li bħalissa qegħdin jitneħħew gradwalment, tirrappreżenta nofs in-numru ta' riżervi.*

Għalkemm il-programmi ta' 'legat' jirrappreżentaw nofs[133] in-numru ta' riżervi, is-sehem tagħhom f'termini ta' impatt finanzjarju attwali huwa biss wieħed minn kull tmienja (12 %) tal-espożizzjoni globali. Ara t-tabella ta' hawn taħt.

| Qasam ta' politika | Pagamenti totali għall-2017 | Ammont f'riskju fil-mument tar-rapportar = espożizzjoni |
|---|---|---|
| Agrikoltura | 55 872,0 | 769,7 |
| Koeżjoni, Migrazzjoni u Sajd | 39 234,0 munita | 134,6 |
| Relazzjonijiet Esterni | 13 609,5 | 43,4 |
| Riċerka, Industrija, Spazju, Enerġija u Trasport | 15 526,2 | 94,7 |
| Politiki Interni Oħrajn | 6 983,5 | 10,4 |
| Servizzi oħrajn u Amministrazzjoni | 6 612,8 | 0,0 |
| Rikonċiljazzjonijiet | -39,2 | |
| Total | **137 798,8** | **1052,9** |
| *li minnhom: programmi attwali* | | *924,3* |
| *li minnhom: programmi ta' 'legat'* | | *128,6* |
| **Qasam ta' politika** | **Riżorsi proprji totali għall-2017** | **Ammont f'riskju fil-mument tar-rapportar = espożizzjoni** |
| Riżorsi Proprji | 121 832,2 | 430,7 |
| Total | **121 832,2** | **430,7** |

*Tabella: Ammont f'riskju tar-riżervi fl-2017 (EUR miljuni). Ara d-dettalji fl-Anness 2-B.*

**L-espożizzjoni globali tal-Kummissjoni f'termini tal-ammont f'riskju fil-mument tar-rapportar għan-nefqa tal-2017 taħt ir-riżervi hija stmata għal EUR 1,1 biljun. It-tnaqqis imqabbel mal-2016 (EUR 1,6 biljun - ara l-graff ta' hawn taħt) huwa prinċipalment dovut għal espożizzjoni aktar baxxa mill-fondi Agrikoli u ta' Koeżjoni.**

Fost ir-riżervi miżmuma għall-programmi attwali 2014-2020, erba' riżervi tnaqqsu fil-kopertura (ara l-kaxxa ta' hawn fuq). Fil-Koeżjoni, il-Migrazzjoni u s-Sajd (tliet riżervi), minħabba li l-implimentazzjoni tal-programmi attwali qiegħda titħaffef, l-għadd ta' Stati Membri u/jew Programmi Operattivi taħt ir-riżervi żdied meta mqabbel mas-sena li għaddiet, iżda jidher li huwa inqas milli kien għall-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti.

**L-ammont f'riskju fil-mument tar-rapportar għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali taħt riżerva huwa stmat għal EUR 0,4 biljun (EUR 0,5 biljun fl-2016).** Dan it-tnaqqis fl-espożizzjoni huwa dovut għall-azzjonijiet mid-dipartiment tal-Baġit u l-miżuri introdotti fuq l-importazzjonijiet mir-Renju Unit mit-12 ta' Ottubru 2017 (Operation Swift Arrow), li minħabba fihom l-importazzjonijiet tat-tessuti sottovalutati naqsu b'mod sinifikanti. Dan wassal għal tnaqqis sinifikanti fit-telf tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali fir-Renju Unit fl-aħħar xhur tal-2017.




*Graff: L-impatt finanzjarju minn riżervi kwantifikati (L-ammonti ta' nfiq f'EUR miljuni).*

## Il-progress li sar fil-bini tal-assigurazzjoni matul l-2017

Fl-2017 ukoll, id-dipartimenti tal-Kummissjoni komplew bl-isforzi tagħhom sabiex isaħħu l-bini tal-assigurazzjoni tagħhom fir-Rapporti Annwali tal-Attività. Xi eżempji ta' kisbiet huma:

- Id-dipartimenti **tar-Relazzjonijiet Esterni** għall-Iżvilupp u l-Viċinat komplew itejbu l-bini tal-assigurazzjoni 'segmentat' tagħhom għall-portafolli tagħhom, sabiex b'hekk jiffokaw aħjar ir-riżerva tagħhom fuq is-segment rilevanti ta' riskju ogħla (għotjiet diretti). B'hekk, iż-żewġ dipartimenti irrispondew kif xieraq għall-osservazzjonijiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom għall-2016.
- Id-dipartimenti kkonċernati[134] issa jkopru b'mod trasparenti u komplet **il-Fondi Fiduċjarji tal-UE**[135] fir-rapportar tal-ġestjoni tagħhom. Huma jagħmlu distinzjoni aħjar bejn ir-responsabbiltà għall-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp imħallsa fil-Fondi Fiduċjarji tal-UE, u għat-tranżazzjonijiet magħmula bħala maniġers tal-fondi mill-Fondi Fiduċjarji tal-UE (jiġifieri bl-użu tal-baġit tal-UE, tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u ta' fondi ta' donaturi oħrajn). Ara wkoll fl-Anness 9.
- Id-**dipartimenti tar-riċerka u l-aġenziji eżekuttivi** qegħdin japplikaw kif xieraq il-limitu ta' materjalità speċifiku (aġġustat skont ir-riskju) ta' 2 sa 5 %[136] previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal-leġiżlazzjoni settorjali Orizzont 2020. Konsegwentement, id-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni tagħhom mhumiex kwalifikati b'riżervi relatati ma' Orizzont 2020. Din l-istrateġija ġiet rikonoxxuta mill-Awtorità Leġiżlattiva[137] mill-bidu ta' dan il-programm pluriennali, bħala rikonoxximent ta': (i) ir-riskji tal-programm inerenti miżmuma (eż. il-mekkaniżmu tat-twassil tal-għotjiet għadu bbażat b'mod predominanti fuq ir-rimborżi tal-ispejjeż eliġibbli, l-immirar lejn benefiċjarji aktar riskjużi bħal dawk ġodda u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju); u (ii) il-limitazzjonijiet ta' kontroll stabbiliti (limitu massimu fuq kontrolli *ex post*, limitu ta' żmien għall-estensjoni tas-sejbiet tal-awditjar sistemiċi għal proġetti oħrajn tal-istess benefiċjarju)[138].
- Id-**dipartimenti tal-Koeżjoni (REGIO, EMPL u MARE)** introduċew approvazzjoni annwali tal-kontijiet u żamma ta' 10 % minn kull pagament interim magħmul mill-Kummissjoni, li tiggarantixxi l-'irkupru' effettiv (bil-quddiem) ta' kwalunkwe żball potenzjali identifikat (sa 10 %) fil-mument tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet. Din il-karatteristika issa hija riflessa b'mod sħiħ u konsistenti fil-kalkolu tan-nefqa rilevanti tagħhom u l-ammonti relatati f'riskju.
- Sa mill-awtonomija tiegħu fl-2016, is-**Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali** għamel progress sinifikanti fit-twaqqif ta' sistema matura għal kontroll intern u rapportar tal-ġestjoni li tippermetti ġestjoni xierqa tal-baġit tiegħu li qed jespandi. Il-pjan ta' azzjoni magħmul fid-dawl tar-riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu (nuqqas ta' assigurazzjoni għal għotjiet) u wara awditu intern ipprovda t-triq 'il quddiem.

## L-opinjoni ġenerali u l-osservazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern

Fil-kuntest tal-opinjoni ġenerali tiegħu tal-2016, is-Servizz tal-Awditjar Intern kien tenna l-osservazzjonijiet tiegħu li jenħtieġ li d-dipartimenti li jiddependu fuq l-entitajiet fdati sabiex jimplimentaw partijiet mill-politika u/jew mill-baġit tagħhom isaħħu l-istrateġiji u l-attivitajiet ta' monitoraġġ u superviżjoni tagħhom, filwaqt li jqisu debitament ukoll in-natura differenti, l-oriġini u l-mandati (xi drabi limitati) f'dan il-kuntest.

Minħabba, fost l-oħrajn, iż-żewġ riżervi li jikkonċernaw kwistjonijiet fl-aġenziji (l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, l-Uffiċċju

Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil), dan jibqa' punt ta' attenzjoni partikolari fl-opinjoni ġenerali tal-2017 ukoll. Ara aktar dettalji fis-Subtaqsima 2.4 u/jew fl-Anness 5. Ara wkoll taħt l-iżviluppi għall-2018 hawn taħt.

## L-iżviluppi għall-2018

Is-sorveljanza fuq aġenziji eżekuttivi (eż. l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura) u entitajiet fdati (eż. l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, il-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana) tippreżenta sfida. Id-dipartimenti u s-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni ser iwaqqfu gruppi ta' ħidma konġunti sabiex jiċċaraw u jiddelinjaw ir-rwol tad-dipartimenti prinċipali fis-superviżjoni ta' korpi bħal dawn.

## Inħarsu 'l quddiem wara l-2018 u/jew l-2020

Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid ser jidħol fis-seħħ mill-2019 (xi dispożizzjonijiet saħansitra diġà fit-tieni nofs tal-2018). Dan jipprovdi bażi ssimplifikata għat-tħejjija tal-ġenerazzjoni ta' programmi ta' finanzjament wara l-2020.

Fil-fatt, bħalissa għaddejja t-tħejjija tal-programmi settorjali ta' wara l-2020. Qiegħda tingħata attenzjoni speċjali sabiex jiġu massimizzati s-simplifikazzjonijiet, is-sinerġiji u l-effiċjenzi, is-sistemi ta' kontroll kosteffettivi u differenzjati skont ir-riskju. L-għan huwa li jintlaħqu l-għanijiet tal-politika/programm u l-għanijiet ta' kontroll intern, jiġifieri ħlasijiet veloċi, żbalji baxxi u spiża baxxa tal-kontroll.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħabbret fl-Istrateġija tagħha għall-perjodu 2018-2020 ("It-trawwim tal-fiduċja permezz ta' awditu indipendenti")[139] l-intenzjoni tagħha li tibbenifika mill-iżviluppi pożittivi fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE u żżid il-valur miżjud tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali tagħha. B'mod partikolari, il-QEA trid tagħmel użu aħjar mill-ħidma ta' awdituri oħrajn u mill-informazzjoni pprovduta mill-parti vverifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq. F'dak il-kuntest, il-QEA ppubblikat dokument ta' sfond dwar approċċ immodifikat għall-verifiki tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni fil-qasam tal-politika ta' Koeżjoni[140]. Ix-xogħol tal-awditjar bħalissa għadu għaddej u r-riżultati tiegħu ser jiġu rrapportati fir-rapport annwali li jmiss tal-QEA fl-2018.

## 2.3. Protezzjoni tal-baġit tal-UE: korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri

### Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri

Kunsiderazzjoni importanti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE hija l-ħtieġa li jiġu żgurati l-prevenzjoni jew l-identifikazzjoni xierqa u l-korrezzjoni sussegwenti tad-dgħufijiet tas-sistema li jwasslu għal żbalji, irregolaritajiet jew frodi.

Il-Kummissjoni tieħu azzjonijiet preventivi u korrettivi kif previsti fil-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE minn nefqa illegali jew irregolari. Meta l-mekkaniżmi preventivi ma jkunux effettivi, il-Kummissjoni, bħala parti mir-rwol superviżorju tagħha, tkun meħtieġa li tapplika l-mekkaniżmi korrettivi bħala l-aħħar alternattiva.

**L-għan primarju tal-korrezzjonijiet finanzjarji u tal-irkupri huwa li jiġi żgurat li tkun biss in-nefqa li ssir f'konformità mal-qafas legali li tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-UE.**

Il-fluss tax-xogħol tal-azzjonijiet korrettivi huwa kif ġej:




Korrezzjoni finanzjarja tiġi kkonfermata hekk kif tiġi aċċettata mill-Istat Membru jew deċiża mill-Kummissjoni. Korrezzjoni finanzjarja titqies bħala li ġiet implimentata meta l-korrezzjoni tkun ġiet applikata u rreġistrata fil-kontijiet tal-Kummissjoni, li jfisser li t-tranżazzjoni finanzjarja ġiet ivvalidata mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli fil-każijiet li ġejjin: tnaqqis mill-pretensjoni għal pagament interim jew finali, ordni ta' rkupru u/jew tranżazzjoni ta' diżimpenn[141].

| Fond | Total tal-pagamenti tal-baġit tal-UE fl-2017 | Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri kkonfermati fl-2017 | | | % tal-pagamenti tal-baġit tal-UE | Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri implimentati fl-2017 | | | % tal-pagamenti tal-baġit tal-UE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Preventivi | Korrettivi | TOTAL | | Preventivi | Korrettivi | TOTAL | |
| ***Agrikoltura:*** | ***55 808*** | ***277*** | ***1 241*** | ***1 518*** | ***2,7 %*** | ***275*** | ***1 404*** | ***1 679*** | ***3,0 %*** |
| *FAEG* | 44 695 | 277 | 903 | **1 180** | *2,6 %* | 275 | 1 073 | **1 348** | *3,0 %* |
| *Żvilupp Rurali* | 11 113 | - | 338 | **338** | *3,0 %* | - | 331 | **331** | *3,0 %* |
| ***Politika ta' Koeżjoni:*** | ***35 417*** | ***9*** | ***505*** | ***515*** | ***1,5 %*** | ***73*** | ***467*** | ***539*** | ***1,5 %*** |
| *FEŻR* | 16 853 | 9 | 237 | **246** | *1,5 %* | 70 | 100 | **170** | *1,0 %* |
| *Il-Fond ta' Koeżjoni* | 8 366 | - | 198 | **198** | *2,4 %* | - | 250 | **250** | *3,0 %* |
| *FSE* | 9 797 | - | 65 | **65** | *0,7 %* | 2 | 21 | **23** | *0,2 %* |
| *SFGS/FES* | 401 | 0 | 4 | **5** | *1,2 %* | 1 | 95 | **96** | *23,9 %* |
| *Gwida tal-FAEGG* | 0 | - | 1 | **1** | *mhux applikabbli* | - | 1 | **1** | *mhux applikabbli* |
| ***Oqsma ta' politika interna*** | ***25 415*** | ***334*** | ***58*** | ***391*** | ***1,5 %*** | ***334*** | ***46*** | ***380*** | ***1,5 %*** |
| ***Oqsma ta' politika esterna*** | ***9 793*** | ***212*** | ***22*** | ***234*** | ***2,4 %*** | ***212*** | ***31*** | ***244*** | ***2,5 %*** |
| Amministrazzjoni | 9 656 | 3 | **0** | **3** | *0,0 %* | 3 | **0** | **3** | *0,0 %* |
| TOTAL | 136 089* | 836 | 1 826 | 2 662 | *2,0 %* | 897 | 1 949 | 2 845 | *2,1 %* |

*Tabella: Ħarsa ġenerali lejn il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri għall-2017[142] (EUR miljun); il-miżuri preventivi jinkludu t-tnaqqis ex ante u l-korrezzjonijiet finanzjarji fis-sors, filwaqt li l-miżuri korrettivi jkopru l-irkupri, il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irtirar ex post.*

*Jenħtieġ li jiġi nnotat li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'EUR miljuni, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabella ta' hawn fuq ma taqbilx fl-għadd finali.*

** Minbarra EUR 1 291 miljun imħallsa taħt l-intestatura ta' 'Strumenti Speċjali'.*

Fl-2017, il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri totali ammontaw għal EUR 2,7 biljun ikkonfermati jew EUR 2,8 biljun implimentati. Dan l-ammont ikopri l-korrezzjonijiet u l-irkupri li saru matul l-2017, irrispettivament mis-sena li matulha kienet saret in-nefqa inizjali. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fl-Anness 4 'Protezzjoni fuq il-Baġit tal-UE'.

## It-tipi ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri fl-2017 u r-riżultati kumulattivi 2011-2017




*Ċart: It-tipi ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri implimentati fl-2017 (EUR miljuni).*




*Ċart: Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri kkonfermati 2011-2017 kumulattivi (EUR miljuni).*

Il-Kummissjoni tiffoka aktar u aktar fuq miżuri preventivi bħal interruzzjonijiet u sospensjonijiet bil-għan li tipproteġi aħjar il-baġit tal-UE. Dan iservi wkoll bħala inċentiv għall-Istati Membri sabiex inaqqsu l-pagamenti irregolari u japplikaw il-korrezzjonijiet biss bħala l-aħħar alternattiva.

Il-korrezzjonijiet netti li jwasslu għal rimborż għall-baġit tal-UE huma karatteristiċi għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u għall-ġestjoni diretta u indiretta.

Għall-politika ta' koeżjoni, il-korrezzjonijiet netti huma, sal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, l-eċċezzjoni. Huma ġew applikati f'każijiet fejn l-Istati Membri ma setgħux jissostitwixxu nefqa irregolari b'nefqa ġdida. Taħt il-qafas legali għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni għandha tapplika korrezzjonijiet finanzjarji netti, anki jekk l-Istat Membru jaqbel mal-korrezzjonijiet u jekk l-awditi tal-UE jsibu li defiċjenza serja li twassal għal livell materjali ta' riskju fin-nefqa rimborżata baqgħet ma ġietx identifikata, mhux ikkoreġuta u mhux irrapportata mill-Istat Membru. Inkella, jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet regolatorji, il-Kummissjoni trid tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji b'mod tradizzjonali, li jfisser li l-Istat Membru jista' jerġa' juża l-fondi jekk jaċċetta l-korrezzjonijiet.

Iċ-ċifri kumulattivi jipprovdu aktar informazzjoni utli dwar is-sinifikat tal-mekkaniżmi korrettivi użati mill-Kummissjoni minħabba li jqisu n-natura pluriennali tal-biċċa l-kbira tal-infiq tal-UE u jinnewtralizzaw l-impatt ta' avvenimenti ta' darba.

Għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), ir-rata medja ta' korrezzjoni għall-korrezzjonijiet finanzjarji tal-Kummissjoni taħt approvazzjoni tal-konformità tal-kontijiet għall-perjodu mill-1999 sa tmiem l-2017 kienet ta' 1,8 % tan-nefqa (li kollha huma korrezzjonijiet finanzjarji netti) - ara t-Taqsima 2.4 tal-Anness 4.

Għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu 2007-2013, fl-aħħar tal-2017, ir-rata kkombinata ta' korrezzjonijiet finanzjarji, ibbażata fuq ix-xogħol ta' superviżjoni tal-Kummissjoni biss, kienet ta' 1,9 % tal-allokazzjonijiet magħmula - ara t-Taqsima 3.4.2 tal-Anness 4.

B'mod ġenerali, matul il-perjodu 2011-2017, iż-żewġ ammonti medji (korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri totali kkonfermati u korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri totali implimentati) kienu EUR 3,3 biljun jew 2,4 % tal-ammont medju ta' pagamenti magħmula mill-baġit tal-UE.

## 2.4. Assigurazzjoni miksuba permezz tal-ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS)

Id-dipartimenti tal-Kummissjoni bbażaw ukoll l-assigurazzjoni tagħhom fuq il-ħidma mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS). L-Anness 5 għal dan ir-rapport jinkludi aktar informazzjoni dwar l-assigurazzjoni pprovduta mis-Servizz tal-Awditjar Intern. Rapport ta' sinteżi tal-ħidma tal-awditur intern ser jintbagħat mill-Kummissjoni lill-awtorità tal-kwittanza f'konformità mal-Artikolu 99(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonkluda li 95 % tar-rakkomandazzjonijiet segwiti matul il-perjodu 2013-2017 kienu implimentati b'mod effettiv mill-partijiet awditjati. Mit-359 rakkomandazzjoni li għadhom għaddejjin fid-data limitu tal-31 ta' Jannar 2018 (li jirrappreżentaw 20 % tan-numru totali ta' rakkomandazzjonijiet aċċettati matul l-aħħar 5 snin), waħda kienet ikklassifikata bħala kritika u 133 bħala importanti ħafna. Minn dawn il-134 rakkomandazzjoni, 12 ikklassifikati bħala importanti ħafna kienu skadew b'aktar minn 6 xhur fi tmiem l-2017, u dawn jirrappreżentaw 0,7 % tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet aċċettati ta' dawn l-aħħar 5 snin. Il-ħidma ta' segwitu mis-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonfermat li, b'mod ġenerali, ir-rakkomandazzjonijiet qegħdin jiġu implimentati b'mod sodisfaċenti u li s-sistemi ta' kontroll fid-dipartimenti awditjati qegħdin jitjiebu.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern kompla jwettaq awditi tal-prestazzjoni fl-2017 bħala parti mill-programm ta' ħidma tiegħu b'rispons għat-tranżizzjoni tal-Kummissjoni lejn kultura bbażata fuq il-prestazzjoni u enfasi akbar fuq il-valur għall-flus.

(i) Fir-rigward tal-arranġamenti ta' governanza u sorveljanza, wara r-riforma amministrattiva tas-sena 2000, il-Kummissjoni għamlet avvanzi sinifikanti fit-tisħiħ tal-proċessi tal-bini tal-kontabbiltà, tar-responsabbiltà u tal-assigurazzjoni tagħha. Il-mudell deċentralizzat tal-ġestjoni finanzjarja huwa mifhum sewwa u inkorporat fil-kultura tal-organizzazzjoni u hemm fis-seħħ strumenti ċari ta' kontabbiltà flimkien ma' proċess robust ta' bini ta' assigurazzjoni. Barra minn hekk, f'Ottubru 2017, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-governanza fil-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, l-IAS identifika l-ħtieġa għal titjib proporzjonat fil-livell korporattiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji u aspetti aktar ġenerali tal-arranġamenti tal-governanza attwali, inkluża l-governanza tal-IT.

Fir-rigward tal-prestazzjoni f'oqsma oħrajn:

- dwar l-immaniġġjar tar-riżorsi umani, l-IAS ikkonkluda li d-DĠs u l-Aġenziji Eżekuttivi ħadu miżuri adegwati sabiex jimmaniġġjaw l-isfidi tar-riżorsi umani li jiffaċċjaw, iżda identifikaw ukoll oqsma sinifikanti għal titjib fir-rigward tal-immaniġġjar strateġiku tar-riżorsi umani (DĠ HOME u EACEA) jew l-allokazzjoni tar-riżorsi umani (DĠ HOME u DĠ JUST);
- dwar il-proċessi tal-ġestjoni tal-IT, diversi awditi tal-IT ikkonkludew li hemm lok għal titjib fl-effettività tas-sigurtà tal-IT fil-Kummissjoni f'oqsma speċifiċi fil-livell korporattiv jew operattiv (DĠ ENER, OLAF).
- dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika mhux prodotta mill-Eurostat, is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonkluda li l-qafas attwalment fis-seħħ fil-Kummissjoni mhuwiex robust biżżejjed sabiex jiżgura li l-kwalità tal-istatistika mhux prodotta mill-Eurostat użata mid-dipartimenti sabiex tappoġġja l-politiki ewlenin tagħhom u sabiex huma jirrapportaw dwar il-prestazzjoni tagħhom hija ta' kwalità sodisfaċenti b'mod ġenerali.

(ii) Fir-rigward tal-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi tal-baġit, is-Servizz tal-Awditjar Intern ma identifikax dgħufijiet sinifikanti fil-prestazzjoni fil-qasam tal-fondi ġestiti direttament. Madankollu, għal fondi ġestiti indirettament, diversi awditi ffokati fuq l-arranġamenti ta' superviżjoni fis-seħħ fid-dipartimenti żvelaw kwistjonijiet ta' prestazzjoni sinifikanti (eż. nuqqas ta' strateġija ta' superviżjoni definita b'mod ċar għal Shift2Rail (S2R) mid-DĠ MOVE, monitoraġġ u superviżjoni mid-DĠ DEVCO tal-prestazzjoni operattiva tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs) fdati bil-ġestjoni tal-faċilitajiet ta' investiment). Dwar il-ġestjoni kondiviża, diversi awditi vvalutaw il-proċessi ta' ġestjoni tal-programmi u l-proġetti u żvelaw diversi dgħufijiet sinifikanti fil-prestazzjoni, li wħud minnhom jistgħu jipperikolaw il-kisba tal-għanijiet politiċi (eż. il-konsistenza, l-effettività u l-puntwalità tal-proċess ta' emendar tal-programmi operattivi mid-DĠs REGIO, EMPL u MARE, li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jidderieġu mill-ġdid il-mekkaniżmi ta' twassil għall-implimentazzjoni tal-programmi operattivi).

Barra minn hekk, fi Frar 2018, is-Servizz tal-Awditjar Intern ħareġ konklużjonijiet limitati dwar l-istat tal-kontroll intern għal kull dipartiment abbażi tal-ħidma tal-awditjar tiegħu mwettqa bejn l-2015 u l-2017. Dawn il-konklużjonijiet kienu maħsuba sabiex jikkontribwixxu għar-Rapporti Annwali tal-Attività 2017 tad-dipartimenti kkonċernati. Il-konklużjonijiet jiġbdu attenzjoni partikolari għar-rakkomandazzjonijiet kollha miftuħa kklassifikati bħala 'kritiċi' jew l-effett ikkombinat ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet

ikklassifikati bħala ‘importanti ħafna’. F’erba’ każijiet (DĠ CLIMA, DĠ DEVCO, SRSS u EACEA), is-Servizz tal-Awditjar Intern iddikjara li jenħtieġ li d-dipartiment ikkonċernat jivvaluta debitament jekk huwiex meħtieġ li tinħareġ riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività rispettiv. Fi tliet każijiet (DĠ CLIMA, DĠ DEVCO u EACEA), id-dipartiment ħareġ tali riżervi f’konformità mal-konklużjonijiet limitati tas-Servizz tal-Awditjar Intern. Fil-każ tas-Servizz ta’ Appoġġ għar-Riforma Strutturali, is-Servizz tal-Awditjar Intern ġibed attenzjoni partikolari għall-kwistjonijiet ta’ akkwist pubbliku identifikati f’awditu dwar il-ġestjoni finanzjarja u indika li jenħtieġ li s-servizz jivvaluta debitament jekk dawn jeħtiġux riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività. Is-servizz ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda bażi għal riżerva finanzjarja u l-ebda ħtieġa għal riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività fuq motivi ta’ reputazzjoni minħabba li r-riskji għar-reputazzjoni identifikati ma mmaterjalizzawx. Is-Servizz tal-Awditjar Intern qabel ma’ din il-valutazzjoni.

Kif mitlub mill-karta tal-missjoni tiegħu, l-awditur intern tal-Kummissjoni ssottometta wkoll opinjoni ġenerali, li hija bbażata fuq il-ħidma tal-awditjar fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja fil-Kummissjoni mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern matul it-3 snin preċedenti (2015-2017) u li tqis ukoll informazzjoni minn sorsi oħrajn, jiġifieri r-rapporti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Abbażi ta’ din l-informazzjoni tal-awditjar, l-awditur intern kien tal-fehma li, fl-2017, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ proċeduri ta’ governanza, ta’ ġestjoni tar-riskji u ta’ kontroll intern li, meta meqjusa flimkien, huma adegwati sabiex jagħtu assigurazzjoni raġonevoli dwar il-kisba tal-objettivi finanzjarji tagħha. Madankollu, l-opinjoni ġenerali hija kwalifikata fir-rigward tar-riżervi magħmula fid-Dikjarazzjonijiet ta’ Assigurazzjoni tal-Uffiċjal Awtorizzanti b’Delega maħruġa fir-Rapporti Annwali tal-Attività rispettivi tagħhom.

Sabiex wasal għall-opinjoni ġenerali, l-awditur intern ikkunsidra wkoll l-impatt ikkombinat tal-ammonti kollha stmati li huma f’riskju fil-mument tal-ħlas, minħabba li dawn imorru lil hinn mill-ammonti mqiegħda taħt riżerva. L-ammonti globali f’riskju huma l-aħjar stima tal-Uffiċjali Awtorizzanti b’Delega tal-ammont tan-nefqa awtorizzata mhux f’konformità mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali u regolatorji applikabbli fil-mument tal-ħlas fl-2017. Fl-AARs tagħhom għall-2017, id-DĠs jistmaw l-ammonti f’riskju fil-mument tal-ħlas. Meħuda flimkien, dawn jikkorrespondu għal ammont globali taħt il-materjalità ta’ 2 %, kif definit fl-istruzzjonijiet għat-tħejjija tar-Rapporti Annwali tal-Attività għall-2017, tal-pagamenti kollha eżegwiti fil-baġit tal-Kummissjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Fondi Fiduċjarji tal-UE fl-2017. Dawn l-ammonti f’riskju fil-mument tal-ħlas fl-2017 għadhom ma jinkludu ebda korrezzjoni finanzjarja u rkupru relatati man-nuqqasijiet u l-iżbalji li ser jidentifikaw u jikkoreġu d-DĠs fis-snin li ġejjin minħabba l-mekkaniżmi korrettivi pluriennali mibnija fis-sistemi ta’ kontroll intern tal-Kummissjoni. Minħabba dawn l-elementi, l-IAS iqis li l-baġit tal-UE huwa għalhekk protett b’mod adegwat fit-totalità tiegħu u matul iż-żmien.

**Mingħajr ma kompla jikkwalifika l-opinjoni, l-awditur intern żied ‘osservazzjoni’ relatata mal-istrateġiji ta’ superviżjoni rigward il-partijiet terzi li jimplimentaw politiki u programmi, li hija deskritta fl-Anness 5 għal dan ir-rapport.**

## 2.5. Sommarju tal-konklużjonijiet dwar il-ħidma mwettqa mill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar

Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar (APC) iffoka l-ħidma tiegħu fuq erba' għanijiet ewlenin stabbiliti fil-programmi ta' ħidma tiegħu għall-2017 u l-2018, jiġifieri: il-kunsiderazzjoni tal-ippjanar tal-awditi tal-IAS; l-analiżi tar-riżultati tax-xogħol tal-awditjar intern u estern sabiex jiġu identifikati riskji potenzjalment sinifikanti, inkluż, fejn xieraq, b'mod tematiku; il-monitoraġġ tas-segwitu għal riskji residwi sinifikanti identifikati mix-xogħol tal-awditjar; l-iżgurar tal-indipendenza tal-Awditur Intern u l-monitoraġġ tal-kwalità tax-xogħol tal-awditjar intern.

L-APC huwa sodisfatt bl-indipendenza u l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar intern u li l-ippjanar tal-awditjar ikopri b'mod adegwat l-univers finanzjarju u jkompli jkopri l-oqsma ta' riskju ewlenin. Fir-Rapport Annwali tiegħu għall-2017-2018, huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kulleġġ għall-kwistjonijiet li ġejjin, b'mod partikolari:

L-opinjoni ġenerali tal-Awditur Intern għall-2017 hija pożittiva iżda kwalifikata fir-rigward tar-riżervi tal-ġestjoni kif espressi fl-AARs tad-DĠ. Hija fiha osservazzjoni waħda dwar l-"istrateġiji ta' superviżjoni rigward partijiet terzi li jimplimentaw politiki u programmi" li diġà dehret f'żewġ Opinjonijiet Ġenerali suċċessivi (2015 u 2016). L-APC enfasizza li l-esternalizzazzjoni għadha problema ewlenija li l-APC enfasizza f'bosta okkażjonijiet (ara hawn taħt).

Il-kwistjonijiet trażversali ewlenin li ġew enfasizzati fir-Rapport Annwali dwar l-Awditjar Intern huma relatati mal-governanza, inklużi l-governanza tal-IT, il-proċessi tal-ġestjoni tal-IT u tal-HR, kif ukoll arranġamenti ta' superviżjoni fil-qasam tal-fondi ġestiti indirettament. Ħafna minn dawn is-sejbiet ġew diskussi mill-APC.

